**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/269**

**tad-29 ta' Ottubru 2025**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/35 fir-rigward ta' provvedimenti tekniċi, miżuri ta' garanzija fit-tul, fondi proprji, riskju ta' ekwità, riskju ta' firxa fuq il-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni, rekwiżiti kapitali tal-formula standard oħrajn, rapportar u divulgazzjoni, proporzjonalità, u solvenza tal-grupp**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 35(9), l-Artikolu 37(6), l-Artikolu 50(1), l-Artikolu 56, l-Artikolu 75(2), l-Artikolu 75(3), l-Artikolu 86(1), l-Artikolu 92(1a), l-Artikolu 97(1), l-Artikolu 99, il-punt (b), l-Artikolu 105a(5), l-Artikolu 111(1), l-Artikolu 127, l-Artikolu 130, l-Artikolu 213a(6), l-Artikolu 233b, il-punt (a), l-Artikolu 234, l-Artikolu 256(4), u l-Artikolu 256b(6), tagħha,

Billi:

(1) B'madwar EUR 10 triljun ta' assi mmaniġġjati, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni huma pilastru tas-sistema finanzjarja. Bil-ħsieb tan-natura fit-tul tan-negozju tagħhom, huma jinsabu f'pożizzjoni partikolarment tajba biex jipprovdu finanzjament stabbli lill-ekonomija reali, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises). Minħabba r-rwol soċjoekonomiku ċentrali tagħhom, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni huma soġġetti għal regoli prudenzjali komprensivi, stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ([2]).

(2) Biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-settur li jappoġġa l-ekonomija reali, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u prijoritajiet oħra tal-Unjoni, filwaqt li jiġu ppreservati s-solidità prudenzjali u l-istabbiltà finanzjarja, id-Direttiva 2009/138/KE ġiet emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2025. Id-Direttiva (UE) 2025/2 ittejjeb it-tfassil ta' miżuri ta' garanzija fit-tul u tintroduċi trattament preferenzjali għal investimenti fit-tul fl-ekwità. Dawk l-emendi se jżidu l-kapital disponibbli tal-impriżi li jaqbeż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, u b'hekk isaħħu l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw l-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Id-Direttiva (UE) 2025/2 issaħħaħ ukoll il-proporzjonalità tar-regoli prudenzjali, billi tintroduċi kategorija ġdida ta' "impriżi żgħar u mhux kumplessi" li jistgħu jibbenefikaw awtomatikament minn miżuri ta' proporzjonalità identifikati dwar ir-rapportar, id-divulgazzjoni, il-governanza, ir-reviżjoni tal-politiki bil-miktub, il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, il-valutazzjoni tar-riskju proprju u tas-solvenza, u l-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' likwidità. Fl-istess ħin, filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa li jinżamm qafas superviżorju robust, id-Direttiva (UE) 2025/2 issaħħaħ ir-rekwiżiti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji, issaħħaħ ir-rwol ta' koordinazzjoni u s-setgħat superviżorji tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), u tespandi s-sett ta' għodod makroprudenzjali disponibbli għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/35/oj).
([3]) Id-Direttiva (UE) 2025/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li temenda d-Direttiva 2009/138/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjonalità, il-kwalità tas-superviżjoni, ir-rapportar, il-miżuri ta' garanzija fit-tul, l-għodod makroprudenzjali, ir-riskji tas-sostenibbiltà u s-superviżjoni tal-gruppi u s-superviżjoni transfruntiera, u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE u 2013/34/UE (ĠU L, 2025/2, 8.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2025/2/oj).

(3) Biex isir kompletament operattiv, ir-reġim il-ġdid jeħtieġ aktar speċifikazzjonijiet ta' parametri kwantitattivi ewlenin fl-atti delegati. Għalhekk, għandu jiġi emendat ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35. L-emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika tal-Unjoni dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, u għandhom jgħinu lill-assiguraturi jsaħħu l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, kif deskritt fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-Kummissjoni ([4]). B'mod partikolari, għandu jiġi rikonoxxut il-potenzjal tal-assiguraturi li jimmobilizzaw kapital privat addizzjonali b'appoġġ għall-objettivi ewlenin tal-Unjoni, inkluż meta jinvestu flimkien ma' fondi pubbliċi fl-ekonomija reali, b'mod partikolari permezz ta' garanziji jew sussidji pubbliċi sinifikanti.

(4) Il-kalibrazzjonijiet prudenzjali kurrenti jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-detentur ta' polza u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, dawk il-kalibrazzjonijiet jistgħu jkunu wkoll konservattivi żżejjed, billi jillimitaw il-kapaċità tal-assiguraturi li jidħlu f'investimenti fit-tul. Biex tiġi indirizzata dik il-kwistjoni, il-qafas prudenzjali għandu jiġi rivedut biex jitneħħew saffi mhux ġustifikati ta' prudenza. Filwaqt li tali reviżjonijiet jistgħu jirriżultaw f'fondi proprji li jaqbżu r-rekwiżiti kapitali tas-solvenza, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni huma mistennija jappoġġaw l-objettivi ta' politika usa' tal-Unjoni, billi jidderieġu kapital addizzjonali lejn investimenti produttivi fl-ekonomija reali.

(5) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet kbar ħafna ta' finanzjament biex tilħaq l-objettivi diġà maqbula tagħha dwar l-innovazzjoni, it-tkabbir sostenibbli u d-difiża ([5]). Id-Direttiva (UE) 2025/2 emendat id-Direttiva 2009/138/KE, fost oħrajn, biex tiżgura li jiżdied il-livell ta' kapital disponibbli li jaqbeż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza. Huwa importanti li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-EIOPA jimmonitorjaw l-użu ta' dak il-kapital disponibbli ġdid, filwaqt li jqisu l-impatt fuq il-pożizzjoni kapitali tal-assiguraturi maż-żmien. L-aspettattivi huma li l-assiguraturi jidderieġu l-kapital żejjed lejn investimenti produttivi, inklużi l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-kumpaniji u l-ekonomija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni se timmonitorja jekk tali aspettattivi humiex issodisfati u se tivvaluta l-effettività tar-riformi, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq iż-żieda tal-parteċipazzjoni tas-settur tal-assigurazzjoni f'investimenti produttivi li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-kumpaniji u tal-ekonomija tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-EIOPA għandha tirrapporta b'mod regolari lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar (i) l-allokazzjoni tal-assi, imqassma skont is-settur u ż-żona ġeografika, (ii) żidiet fid-distribuzzjonijiet lill-azzjonisti, inklużi riakkwisti ta' ishma, kif ukoll rimunerazzjoni varjabbli lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, lil titolari ta' funzjonijiet ewlenin jew lill-maniġment superjuri, filwaqt li jitqies il-kapital li għadu kif sar disponibbli li jaqbeż ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jirriżulta mid-Direttiva (UE) 2025/2 u minn dan ir-Regolament. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Diċembru 2028.

(6) Il-Kummissjoni, flimkien mal-EIOPA, se tivvaluta kif ir-riskji għas-sostenibbiltà relatati mal-assi u l-attivitajiet tal-fjuwils fossili, inklużi r-riskji ta' tranżizzjoni li bħalissa huma assoċjati ma' emissjonijiet għoljin iżda fuq trajettorja lejn l-allinjament mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, huma ġestiti mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Meta xieraq, il-Kummissjoni se tikkunsidra emendi possibbli biex tiżgura li dawn ir-riskji emerġenti jkunu riflessi b'mod adegwat fil-qafas prudenzjali, filwaqt li tqis l-iżviluppi fil-qafas għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rapport mogħti mill-EIOPA skont l-Artikolu 304c(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll, bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima li jmiss, jekk ir-regoli prudenzjali jistgħux iwasslu aktar għall-ħruġ ta' bonds għall-katastrofi u bonds ekoloġiċi oħrajn, jew għal investimenti fihom.

(7) Ir-rekwiżit li jinkisbu żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs, external credit assessment institutions) nominata huwa b'mod ġenerali ġġustifikat mill-kumplessità tal-valutazzjoni b'mod affidabbli tar-riskju ta' kreditu ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Madankollu, it-titolizzazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji tas-sempliċità, it-trasparenza u l-istandardizzazzjoni (STS, simplicity, transparency and standardisation) huma soġġetti għal qafas regolatorju speċifiku mfassal biex jiżgura l-komparabbiltà u jnaqqas l-assimetriji tal-informazzjoni. Għal dak ir-raġuni, u biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza l-kostijiet amministrattivi u tal-konformità mhux ġustifikati, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit tal-klassifikazzjoni doppja għat-titolizzazzjonijiet STS, filwaqt li jinżamm għal titolizzazzjonijiet oħrajn.

([4]) Ara l-Kummissjoni Ewropea, "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025) 30).
([5]) Ara l-Kummissjoni Ewropea, "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025) 30).

(8) Ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima huma ta' natura fit-tul, mhux lineari u sistemiċi, u dan jagħmilhom diffiċli għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni biex jistmawhom biss abbażi tad-data tal-passat. Id-Direttiva (UE) 2025/2 introduċiet rekwiżiti ġodda dwar il-ġestjoni tar-riskji relatati mat-tibdil fil-klima u r-riskji għas-sostenibbiltà b'mod aktar ġenerali. B'mod partikolari, l-Artikolu 45a tad-Direttiva 2009/138/KE kif emendata mid-Direttiva (UE) 2025/2 jirrikjedi li l-impriżi jidentifikaw kwalunkwe skopertura materjali għar-riskji tat-tibdil fil-klima u, meta rilevanti, jivvalutaw l-impatt tax-xenarji fit-tul tat-tibdil fil-klima fuq in-negozju tagħhom. Madankollu, fir-rigward tal-valwazzjoni jew tal-komputazzjoni tar-rekwiżiti kapitali b'mudell intern, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni spiss jużaw data minn avvenimenti tal-passat biex jinformaw it-tbassir dwar ir-riskji li jimmaterjalizzaw fil-futur. Id-data minn avvenimenti tal-passat tista' ma tkoprix biżżejjed ix-xejriet relatati mat-tibdil fil-klima. Għalhekk, jistgħu jkunu meħtieġa valutazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem, inklużi xenarji klimatiċi plawżibbli, biex jiġi vvalutat kif jevolvu r-riskji u biex jittaffew l-impatti possibbli. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tiddependi wisq fuq data tal-passat, l-aħjar stima tagħha għall-obbligi lid-detenturi ta' poloz jew il-mudell intern tagħha, meta applikati, jistgħu jissottovalutaw l-obbligi jew ir-riskji rilevanti. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-impriżi jintalbu jkollhom fis-seħħ proċeduri interni biex jevitaw dipendenza żejda fuq id-data minn avvenimenti tal-passat b'rabta max-xejriet relatati mat-tibdil fil-klima.

(9) Il-marġni tar-riskju bħalissa huwa kkalibrat b'mod konservattiv. Id-Direttiva (UE) 2025/2 tnaqqas ir-rata tal-kost tal-kapital li fuqha huwa bbażat il-kalkolu tal-marġni tar-riskju, u dan iwassal għal tnaqqis ġenerali fil-livell tiegħu b'madwar 21 %. Minkejja dik l-emenda, il-formula tal-kalkolu stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 ma tirriflettix b'mod adegwat it-tnaqqis naturali ta' ċerti riskji maż-żmien u tista' tirriżulta fl-għadd doppju ta' tali riskji, inklużi l-iskadenza u l-mortalità. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi introdott fattur esponenzjali u dipendenti fuq il-ħin, li jiżgura tnaqqis annwali tar-riskji ta' mill-inqas 3,5 %. Dak l-aġġustament huwa maħsub biex jikkoreġi l-preġudizzju konservattiv fil-kalibrazzjoni kurrenti, u b'hekk inaqqas il-provvedimenti tekniċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, u, b'riżultat ta' dan, iżid il-kapital disponibbli biex ikopri r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-marġni tar-riskju jkompli jirrifletti livell xieraq ta' prudenza u ma jikkompromettix il-protezzjoni tad-detentur tal-polza, it-tnaqqis fil-kwantifikazzjoni ta' riskji futuri li jirriżultaw minn dak il-fattur għandu ikun limitat għal 50 %.

(10) Id-Direttiva (UE) 2025/2 emendat il-metodu għall-estrapolazzjoni tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju. B'mod partikolari, dik id-Direttiva biddlet l-approċċ għall-identifikazzjoni tal-maturità tal-bidu tal-estrapolazzjoni ("l-ewwel punt ta' livellar"). L-Artikolu 77a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE jipprevedi li l-ewwel punt ta' livellar għandu jikkorrispondi għal maturità li għaliha l-volum ta' bonds pendenti ta' dik il-maturità jew ta' maturità itwal ikun għoli biżżejjed. L-Artikolu 77a(3) ta' dik id-Direttiva jispeċifika wkoll li l-ewwel punt ta' livellar għall-euro għandu jkun b'maturità ta' 20 sena fit-28 ta' Jannar 2025. Bħalissa, il-livell limitu perċentwali għad-determinazzjoni ta' volum suffiċjenti ta' bonds huwa stabbilit fil-livell ta' 6 % għall-euro. Madankollu, minħabba ż-żieda fil-bonds pendenti b'maturità twila f'dawn l-aħħar snin, jista' jkun li dak il-livell limitu ma jibqax jindika punt ta' livellar inizjali ta' 20 sena fil-futur. Barra minn hekk, l-EIOPA se jkollha bżonn tiddeċiedi liema sors ta' data se tuża għal dik il-valutazzjoni, inkluża l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni skont l-Artikolu 77e(1a) tad-Direttiva 2009/138/KE. Biex jiġi evitat tfixkil fis-suq, huwa importanti li l-livell limitu perċentwali jkun b'tali mod li jirriżulta wkoll f'punt ta' livellar inizjali ta' 20 sena fid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2025/2, irrispettivament mis-sors ta' data użat mill-EIOPA. Għalhekk, il-livell limitu relatat mal-munita użat għall-euro biex jiġi vvalutat jekk il-perċentwal ta' bonds pendenti b'maturitajiet ugwali għal jew akbar mill-ewwel punt ta' livellar imsemmi fl-Artikolu 77a tad-Direttiva 2009/138/KE huwiex għoli biżżejjed, għandu jiġi kkalkolat kif ġej. "Marġni ta' sigurtà" ta' 1,5 % għandu jiġi applikat għall-perċentwal minimu li jirriżulta fl-ewwel punt ta' livellar ta' 20 sena fit-28 ta' Jannar 2025, abbażi tas-sors tad-data li l-EIOPA tuża fid-data tal-applikazzjoni ta' regoli ġodda. Il-perċentwal miksub għandu jiġi ttondjat 'il fuq għal l-eqreb nofs numru sħiħ jew perċentwal ta' numru sħiħ.

(11) Ir-rata forward estrapolata għandha tkun ugwali għal medja ponderata bejn rata forward likwida u r-rata forward aħħarija (UFR, Ultimate Forward Rate). L-Artikolu 77a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE jipprevedi li għall-maturitajiet ta' mill-inqas 40 sena wara l-ewwel punt ta' livellar, il-piż tal-UFR għandu jkun ta' mill-inqas 77,5 %. Dan jimplika li l-parametru li jiddetermina l-veloċità tal-konverġenza tar-rati forward lejn l-UFR tal-estrapolazzjoni ma għandhom ikunu aktar baxx minn 11 %. Għalhekk, għandu jintuża tali valur. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-suq tal-bonds Żvediż, u kif spjegat mill-EIOPA fl-Opinjoni tagħha dwar ir-rieżami ta' Solvenza II ([6]), l-użu ta' tali valur għall-krona Żvediża jirriżulta f'distorsjoni sinifikanti u mhux intenzjonata tal-istruttura tat-termini tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. Biex tiġi ppreservata l-integrità tal-istruttura tat-termini tal-imgħax mingħajr riskju, għandu japplika parametru ta' konverġenza ta' 40 % għal dik il-munita.

([6]) Ref. EIOPA-BoS-20-749.

(12) Id-Direttiva (UE) 2025/2 emendat ir-regoli li jirregolaw l-aġġustament tal-volatilità billi tirrikjedi li l-aġġustament tal-volatilità jkun soġġett għal approvazzjoni superviżorja u billi tirrikjedi li l-kalkolu tiegħu jqis karatteristiċi speċifiċi għall-attivitajiet relatati mas-sensittività tal-firxa tal-assi u s-sensittività tar-rata tal-imgħax tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi. Barra minn hekk, l-aġġustament tal-volatilità ma għandux jirrifletti l-porzjon tal-firxiet li huwa attribwibbli għal valutazzjoni realistika tat-telf mistenni jew tal-kreditu mhux mistenni jew riskju ieħor. L-Artikolu 77d(3) tad-Direttiva 2009/138/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2 jipprevedi li tali porzjon għandu jiġi kkalkolat bħala perċentwal tal-firxiet, u għandu jonqos hekk kif jiżdiedu l-firxiet. Studji ekonomiċi empiriċi jikkonfermaw li għall-bonds korporattivi, il-parti l-kbira tal-firxiet jirriflettu riskju ta' kreditu ġenwin, b'mod partikolari meta l-firxiet ikunu f'livelli baxxi sa medji. Għalhekk, meta l-firxiet fuq bonds korporattivi u self ma jaqbżux il-medja fit-tul tagħhom, il-perċentwal applikat biex tiġi ddeterminata l-korrezzjoni tar-riskju ma għandux ikun aktar baxx minn 50 %.

(13) Biex jiġi żgurat li l-aġġustament tal-volatilità jopera b'mod kontroċikliku, il-korrezzjoni tar-riskju ma għandhiex taqbeż sehem xieraq ta' firxiet medji fit-tul. Meta dak il-perċentwal ikun baxx wisq, l-aġġustament tal-volatilità jista' jinnewtralizza bla bżonn żieda fil-firxiet li jirriżultaw minn deterjorament ġenwin tal-affidabbiltà kreditizja tal-emittenti tal-bonds, u b'hekk jiddikjara b'mod eċċessiv il-pożizzjoni ta' solvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni matul perjodi ta' stress tas-suq fuq terminu qasir. Għalhekk, biex jiġi żgurat li l-aġġustament tal-volatilità jistabbilizza b'mod effettiv il-pożizzjoni ta' solvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mingħajr ma joħloq distorsjoni tas-sensittività għar-riskju, il-livell massimu tal-korrezzjoni tar-riskju ma għandux jiġi stabbilit f'livell baxx wisq.

(14) L-Artikolu 70(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jipprevedi li meta jikkalkolaw il-fondi proprji disponibbli tagħhom, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom inaqqsu d-dividendi, id-distribuzzjoni u l-imposti prevedibbli mill-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet. Madankollu, ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 ma jispeċifikax kif għandu jsir it-tnaqqis. B'mod partikolari, filwaqt li ċerti impriżi jakkumulaw b'mod progressiv id-dividendi prevedibbli matul is-sena finanzjarja, oħrajn inaqqsu minnufih l-ammont sħiħ tad-dividendi prevedibbli annwali. Biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi, l-assiguraturi għandhom jużaw approċċ tad-dovuti meta jiddeterminaw l-ammont ta' dividendi prevedibbli li għandu jitnaqqas meta jikkalkolaw il-fondi proprji disponibbli tagħhom.

(15) L-Artikolu 69, il-punt (a)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jipprevedi li l-kapital azzjonarju ordinarju mħallas u l-kont tal-primjum azzjonarju relatat huma eliġibbli bħala entrati ta' fondi proprji bażiċi tal-livell 1 meta l-ħlas lura jew it-tifdija tagħhom tkun soġġetta għal approvazzjoni superviżorja minn qabel. Tali rekwiżit jista' joħloq piż amministrattiv u regolatorju żejjed meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni teżegwixxi programm ta' riakkwist ta' ishma bil-għan li tuża immedjatament l-ishma mixtrija għall-eżerċizzju tal-opzjonijiet fuq l-ishma. Għalhekk, għandu jiġi speċifikat li meta l-ħlas lura jew it-tifdija ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi jkollhom l-għan li jeżerċitaw id-drittijiet ta' opzjonijiet fuq l-ishma fi żmien mhux aktar minn xahar mid-data tar-riakkwist ta' ishma, tali ħlas lura jew tifdija ma għandhiex tkun meħtieġa li tkun soġġetta għal approvazzjoni superviżorja minn qabel.

(16) Skont l-Artikolu 77b(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw l-aġġustament ta' korrispondenza għandhom jidentifikaw, jorganizzaw u jimmaniġġjaw il-portafoll assenjat ta' assi u obbligi b'mod separat minn partijiet oħrajn tan-negozju u, għalhekk, ma jitħallewx jindirizzaw riskji li jinqalgħu xi mkien ieħor fin-negozju bl-użu tal-portafoll assenjat ta' assi. Madankollu, il-ġestjoni separata tal-portafoll ma tirriżultax f'żieda fil-korrelazzjoni bejn ir-riskji f'dak il-portafoll u dawk fil-bqija tal-impriża. Għalhekk, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw l-aġġustament ta' korrispondenza ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkalkolaw rekwiżit kapitali ta' solvenza nozzjonali distint għall-portafoll tal-assi u l-obbligi li għalihom jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza, sakemm il-portafolli tal-assi li jkopru l-aħjar stima korrispondenti tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma jifformawx fond delimitat.

(17) L-Artikolu 84(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jipprevedi li l-approċċ ta' "trasparenza" għandu japplika għal impriżi relatati li prinċipalment jaġixxu bħala veikoli ta' investiment f'isem l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti. Madankollu, dak il-kliem jista' jeskludi bla bżonn impriżi relatati li jimmaniġġjaw l-assi f'isem diversi impriżi fl-istess grupp ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni. Dan joħloq lakuna regolatorja u jirriskja applikazzjoni inkonsistenti tal-prinċipju ta' "trasparenza". Għalhekk, l-Artikolu 84(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandu jiġi emendat biex jispeċifika li l-approċċ ta' "trasparenza" japplika wkoll meta l-veikolu ta' investiment relatat jimmaniġġja l-assi f'isem impriżi multipli fil-grupp, u mhux biss f'isem l-impriża parteċipanti nnifisha.

(18) Ir-regoli li jirregolaw il-kalkolu tal-modulu tar-riskju ta’ inadempjenza tal-kontroparti, inkluż l-effett ta’ mitigazzjoni tar-riskju tad-derivattivi, tal-arranġamenti tar-riassigurazzjoni jew tat-titolizzazzjoni tal-assigurazzjoni jistgħu jirriżultaw li huma kumplessi ħafna. Tali kalkoli kumplessi mhux dejjem ikunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji ta’ impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għal impriżi iżgħar, għandu jiġi introdott kalkolu simplifikat addizzjonali tal-effett ta’ mitigazzjoni tar-riskju tad-derivattivi, tal-arranġamenti tar-riassigurazzjoni jew tat-titolizzazzjoni.

(19) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jagħżlu li jittrasferixxu r-riskji bl-użu ta’ arranġamenti ta’ riassigurazzjoni mhux proporzjonali. Madankollu, meta tintuża l-formula standard, tali tip ta’ arranġament ta’ riassigurazzjoni ma huwiex rifless kif xieraq bħala teknika ta’ mitigazzjoni tar-riskju biex jitnaqqsu r-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit li ċerti forom ta’ riassigurazzjoni, b’mod partikolari koperturi ta’ żvilupp avvers li jippermettu t-trasferiment tar-riskju ta’ riżerva, jistgħu jiġu rikonoxxuti b’mod sempliċi skont il-formula standard.

(20) L-Artikolu 164(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jipprevedi li l-korrelazzjoni bejn ir-riskju tal-firxa tal-formula standard u r-riskju tar-rata tal-imgħax fix-xenarju ta’ tnaqqis tar-rata tal-imgħax hija ta’ 50 %. Madankollu, l-analiżi ekonomika mwettqa mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (“EIOPA”) turi li tali kalibrazzjoni hija konservattiva żżejjed ([7]). B’mod partikolari, id-data empirika turi li l-akbar tnaqqis fir-rata tal-imgħax ma seħħx fl-istess ħin tal-akbar twessigħ tal-firxa fis-swieq tal-bonds. Għalhekk, il-korrelazzjoni bejn ir-riskju tal-firxa u r-riskju tar-rata tal-imgħax fix-xenarju ta’ tnaqqis fir-rata tal-imgħax għandha titnaqqas għal 25 %.

(21) Ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju tar-rata tal-imgħax skont il-formula standard jiġu kkalkolati separatament għal kull munita. Madankollu, għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab fi Stat Membru li l-munita lokali tiegħu hija marbuta mal-euro, dak l-approċċ jirriżulta f’rekwiżiti kapitali għoljin b’mod sproporzjonat li ma jirriflettux ir-riskji ekonomiċi attwali. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li r-rekwiżit kapitali għar-riskju tar-rata tal-imgħax skont il-formula standard jista’ jiġi kkalkolat b’mod konġunt għall-euro u l-munita marbuta tal-Istat Membru li fih l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom.

(22) Il-metodu ta’ estrapolazzjoni użat biex jiġu vvalutati l-obbligazzjonijiet fit-tul jikkontribwixxi biex itaffu l-effett ta’ bidliet fir-rati tal-imgħax fuq l-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni. Madankollu, ir-rekwiżiti kapitali tal-formula standard attwali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax ma jirriflettux l-estrapolazzjoni tar-rati tal-imgħax fit-tul. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu estrapolati r-rati tal-imgħax taħt stress f’maturitajiet lil hinn mill-ewwel punt ta’ livellar.

(23) Skont ir-regoli attwali, il-formula standard tar-riskju tar-rata tal-imgħax tassumi li r-rati tal-imgħax pożittivi ma jistgħux isiru negattivi u li r-rati tal-imgħax negattivi ma jistgħux ikomplu jonqsu. Madankollu, żviluppi storiċi fis-swieq finanzjarji wrew li tali suppożizzjoni tista’ tissottovaluta b’mod sinifikanti l-iskoperturi għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Għalhekk, il-formula standard għandha tiġi emendata biex tirrifletti b’mod xieraq ir-riskju ta’ rati tal-imgħax baxxi jew negattivi. Dan għandu jinkiseb permezz ta’ rikalibrazzjoni tas-submodulu tar-riskju tar-rata tal-imgħax biex tiġi riflessa l-eżistenza ta’ ambjent b’rendiment negattiv.

(24) L-emendi tal-formula standard għar-riskju tar-rata tal-imgħax ma għandhomx jirriżultaw f’żieda mhux ġustifikata fir-rekwiżiti kapitali meta r-rati jkunu baxxi. B’mod partikolari, il-kalibrazzjoni ta’ xokk ’l isfel ma għandhiex tassumi li l-livelli tar-rati tal-imgħax jaqgħu b’mod sinifikanti taħt il-valuri osservati storikament fil-muniti ewlenin. Għalhekk, biex jiġu żgurati l-proporzjonalità u l-konsistenza mal-imġiba tas-suq fil-passat, għandu jiġi introdott limitu minimu dipendenti fuq il-maturità biex jillimita l-firxa tar-rati tal-imgħax negattivi preżunti, li jiżdied mal-maturità biex jirrifletti l-plawżibbiltà aktar baxxa ta’ rati estremi fit-tul.

([7]) Ara EIOPA-BoS-20-749.

(25) Kif issottolinjat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment [8], l-investituri istituzzjonali, bħall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, jinsabu f'pożizzjoni unika biex jinvestu b'perspettiva fit-tul u jappoġġaw l-ekwitizzazzjoni tad-ditti Ewropej f'oqsma prijoritarji, inklużi d-difiża, ir-riċerka u l-innovazzjoni jew it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-inkoraġġiment tal-finanzjament tal-ekwità huwa ċentrali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u l-kompetittività tal-UE, b'mod partikolari billi d-ditti innovattivi jkun jista' jkollhom aċċess għal kapital stabbli u paċenzjuż. L-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE jistabbilixxi rekwiżit kapitali preferenzjali applikabbli għal investimenti ta' ekwità fit-tul. B'mod speċifiku, il-paragrafu 1, il-punt (d), ta' dak l-Artikolu jipprevedi li, biex jibbenefikaw mit-trattament preferenzjali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom juru, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet superviżorji, li huma kapaċi jevitaw il-bejgħ furzat ta' investimenti ta' ekwità għal perjodu ta' ħames snin, fuq bażi kontinwa u taħt kundizzjonijiet ta' stress. Biex jiġi żgurat li dan ir-rekwiżit jiġi applikat b'mod konsistenti, għandhom jiġu speċifikati l-approċċi biex tintwera' l-kapaċità tal-impriża li tevita l-bejgħ furzat ta' investimenti ta' ekwità. Barra minn hekk, jiġi evitat piż amministrattiv mhux ġustifikat u jiġu akkomodati d-differenzi fil-kumplessità tal-profili tar-riskju tal-impriżi, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jitħallew jagħżlu l-aktar approċċ xieraq minn diversi metodi, skont il-mudell tan-negozju u s-sofistikazzjoni tagħhom. Dan jista' jżid l-użabbiltà u l-effettività tat-trattament preferenzjali f'kategoriji differenti ta' impriżi. Madankollu, biex jiġi evitat tibdil arbitrarju jew opportunistiku bejn l-approċċi maż-żmien, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji ċari u rekwiżiti ta' monitoraġġ superviżorju, filwaqt li jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza u l-konverġenza superviżorja, filwaqt li tinżamm ġestjoni tar-riskju prudenti u protezzjoni tad-detenturi tal-poloz.

(26) B'mod awtomatiku, meta investimenti ta' ekwità fit-tul isiru permezz ta' impriżi ta' investiment kollettiv, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 105a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE għandhom jiġu vvalutati fil-livell ta' kull assi sottostanti. Madankollu, l-Artikolu 105a(2) ta' dik id-Direttiva jipprevedi li, għal ċerti tipi ta' impriżi ta' investiment kollettiv li jippreżentaw profil ta' riskju aktar baxx, dawk il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 105a(1) ta' dik id-Direttiva jistgħu jiġu vvalutati fil-livell tal-fond minflok fil-livell tal-assi sottostanti miżmuma f'dak il-fond. L-Artikolu 168(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 diġà jidentifika ċerti impriżi ta' investiment kollettiv bħala ekwitajiet tat-tip 1, li huma soġġetti għal fatturi ta' riskju aktar baxxi għar-riskju ta' ekwità mill-ekwitajiet tat-tip 2. Dawn jinkludu l-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej, il-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju, il-Fondi Ewropej ta' Investiment fit-Tul, u l-fondi ta' investiment alternattivi magħluqa mingħajr ingranaġġ. Fir-rigward ta' investiment alternattivi magħluqa mingħajr ebda ingranaġġ, l-użu ta' strumenti derivattivi għal finijiet ta' ħeġġar, kif ukoll arranġamenti temporanji ta' teħid b'self li huma kompletament koperti minn impenji ta' kapital kuntrattwali minn investituri fil-fond ta' investiment alternattiv, huma esklużi mill-kalkolu tal-ingranaġġ. Tali fondi kollha tat-tip 1 għandhom jitqiesu wkoll bħala li jippreżentaw profil ta' riskju aktar baxx għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' investimenti ta' ekwità fit-tul, inkluż meta jiġu investiti f'ekwitajiet ta' infrastruttura kwalifikanti jew f'ekwitajiet korporattivi ta' infrastruttura kwalifikanti. Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 105a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu ssodisfati fil-livell ta' tali fondi bi profil tar-riskju aktar baxx, il-fattur ta' riskju preferenzjali ta' 22 % imsemmi fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 105a ta' dik id-Direttiva għandu japplika b'mod awtomatiku biss għall-iskoperturi tal-ekwità miżmuma f'tali fondi, u mhux għal assi finanzjarji oħra.

(27) Il-limiti kurrenti fuq l-aġġustament simetriku jnaqqsu l-effettività tiegħu fil-mitigazzjoni tal-effetti proċikliċi potenzjali tas-sistema finanzjarja. B'mod partikolari, dawn jistgħu jwasslu lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni biex jiġbru kapital addizzjonali jew ibigħu assi b'reazzjoni għal movimenti avversi tas-suq b'ħajja qasira, inklużi dawk ikkawżati minn instabbiltà ġeopolitika. F'konformità mad-Direttiva (UE) 2025/2, l-Artikolu 172 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandu jiġi emendat biex jippermetti li l-aġġustament simetriku jiġġenera varjazzjonijiet akbar fl-imposta standard tal-kapital ta' ekwità, u b'hekk tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jtaffi l-impatt ta' varjazzjonijiet qawwija fis-suq.

(28) Fis-settur bankarju, l-Artikolu 133(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [9] jippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, taħt ċerti kundizzjonijiet u soġġetti għal approvazzjoni superviżorja minn qabel, japplikaw piż tar-riskju preferenzjali għal skoperturi ta' ekwità miksuba taħt programmi leġiżlattivi speċifiċi. Dawk il-programmi għandhom jipprovdu sussidji jew garanziji sinifikanti, jinvolvu s-sorveljanza tal-gvern u

(8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE".

(9) Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

jimponu xi restrizzjonijiet fuq it-tipi ta' investimenti ta' ekwità. Biex jitrawmu kundizzjonijiet ekwi transsettorjali u tissaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għall-finanzjament tal-ekwità tal-ekonomija reali, huwa xieraq li jiġi replikat l-approċċ fil-formula standard għall-kalkolu tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35. L-investimenti fl-ekwità li saru taħt programmi leġiżlattivi komparabbli, inklużi dawk li jappoġġaw settur ekonomiku wieħed jew aktar elenkati fil-Komunikazzjoni dwar il-Boxxla għall-Kompetittività għall-Unjoni jew fil-Pjan ReArm Europe/Prontezza 2030 [10], għandhom jiġu rikonoxxuti bħala li jkollhom il-potenzjal li jnaqqsu r-riskju u għalhekk jistgħu jiġġustifikaw rekwiżit kapitali aktar baxx, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità superviżorja.

(29) Biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-regolamenti bankarji u tal-assigurazzjoni, u biex tiġi promossa l-konverġenza fil-prattiki superviżorji, il-programmi leġiżlattivi meqjusa li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà skont l-Artikolu 133(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala programmi leġiżlattivi skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35, abbażi tal-istess kriterji. Il-Kummissjoni tista' żżomm reġistru pubbliku ta' tali programmi għall-finijiet tal-Artikolu 133(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u b'hekk issaħħaħ it-trasparenza u l-prevedibbiltà. Meta jeżisti tali reġistru, l-inklużjoni ta' programm fih għandha tikkostitwixxi preżunzjoni li jikkwalifika wkoll tali programm fil-qafas tal-assigurazzjoni.

(30) L-investimenti magħmula taħt programmi leġiżlattivi jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala investimenti ta' ekwità fit-tul. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-kalkolu tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza jippermetti li jiġu riflessi l-karatteristiċi kombinati tat-tnaqqis tar-riskju taż-żewġ tipi ta' investimenti.

(31) Suq tat-titolizzazzjoni li jiffunzjona tajjeb jipprovdi sorsi addizzjonali ta' finanzjament għas-swieq kapitali, u b'hekk itejjeb il-kapaċità ta' finanzjament tal-ekonomija reali u jikkontribwixxi biex titwassal l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Jipprovdi wkoll opportunitajiet alternattivi ta' investiment lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, li jeħtieġ li jiddiversifikaw il-portafolli tagħhom biex jagħtu spinta lir-redditi u jnaqqsu r-riskju idjosinkratiku. Bħala investituri istituzzjonali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għalhekk għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni.

(32) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1221 [11] introduċa fir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 fatturi ta' riskju speċifiċi għar-riskju tal-firxa ta' titolizzazzjonijiet STS. Madankollu, il-fatturi ta' riskju għal segmenti superjuri tat-titolizzazzjonijiet STS baqgħu ogħla minn dawk applikabbli għal bonds korporattivi jew bonds koperti bl-istess pass ta' kwalità kreditizja. Madankollu, għall-kuntrarju tal-bonds korporattivi jew koperti, it-titolizzazzjonijiet STS bi kwalità kreditizja komparabbli huma soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi ta' diliġenza dovuta u trasparenza skont ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [12]. Dawk ir-rekwiżiti jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollhom fehim u ġestjoni aħjar tar-riskji relatati mat-titolizzazzjonijiet STS. Għalhekk, biex tittejjeb il-konsistenza bejn il-klassijiet tal-assi bi profili ta' riskju komparabbli, il-fatturi ta' riskju għal segmenti superjuri ta' titolizzazzjonijiet STS għandhom jiġu allinjati aktar ma' dawk applikabbli għal bonds korporattivi jew koperti.

(33) Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 ma jagħmilx distinzjoni bejn segmenti superjuri u segmenti mhux superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS. Dan in-nuqqas ta' sensittività għar-riskju jirriżulta fi stima żejda tar-riskji ta' firxa sottostanti għall-investimenti fis-segmenti tal-ogħla kwalità ta' titolizzazzjoni mhux STS. Barra minn hekk, id-differenza fir-rekwiżiti kapitali għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni bejn it-titolizzazzjonijiet STS u mhux STS hija ferm aktar sinifikanti minn dik applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Għalhekk, biex tiġi ppreservata dik id-differenza, għandhom jiġu introdotti fatturi ta' riskju aktar baxx għal segmenti superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS.

[10] Ara l-White Paper għad-Difiża Ewropea – Prontezza 2030.

[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1221 tal-1 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/35 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu ta' rekwiżiti kapitali regolatorji għat-titolizzazzjonijiet u titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati miżmuma mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (ĠU L 227, 10.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/1221/oj).

[12] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2402/oj).

(34) L-ammonti espressi f'euro fir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 ma ġewx riveduti mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-2014. L-inflazzjoni kumulattiva minn dak iż-żmien qed tqarreb il-35 %. Għalhekk, għandhom jiġu riveduti l-ammonti espressi f'euro f'dak ir-Regolament, billi tiżdied l-ammont bażi f'euro bil-bidla fil-perċentwal bl-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur fl-Istati Membri kollha kif ippubblikati mill-Kummissjoni (Eurostat).

(35) L-Artikolu 192(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jipprevedi li meta l-proporzjon bejn is-self u l-valur fuq mutwu ipotekarju ma jaqbiżx is-60 %, ir-rekwiżit kapitali tal-formula standard għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti jkun null. Dak it-trattament jissottovaluta bla bżonn ir-riskji attwali ta' tali skoperturi, u jirriżulta f'kundizzjonijiet mhux ekwi mas-settur bankarju li fih tali skoperturi jkunu ponderati għar-riskji. Għalhekk, għandu jiġi introdott limitu minimu għat-telf mogħti fuq self ipotekarju.

(36) L-Artikolu 176(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jistabbilixxi l-fatturi ta' riskju applikabbli għal self li għalih ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn Istituzzjonijiet Esterni tal-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAI, External Credit Assessment Institutions) innominati u li għalih id-debituri ma jkunux daħħlu kollateral li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 214 ta' dak ir-Regolament. Madankollu, dawk il-fatturi ta' riskju applikabbli jissottovalutaw b'mod sostanzjali l-livell ta' telf potenzjali fuq l-inadempjenza ta' self imrażżan. Għalhekk, huwa meħtieġ li dawk il-fatturi ta' riskju jiġu adattati biex ikunu jirriflettu aħjar il-livell ta' telf potenzjali fuq l-inadempjenza ta' self imrażżan.

(37) Il-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar (CCPs) żviluppaw mudelli ġodda ta' aċċess li jippermettu lill-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jsiru membri tal-ikklerjar diretti, filwaqt li impriża sponsor tkun responsabbli għall-kontribuzzjonijiet tal-fond ta' inadempjenza. Sal-lum, l-ebda impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma ddeċidiet li tuża dawk il-mudelli ġodda ta' aċċess. Dan huwa parzjalment dovut għat-trattament prudenzjali ta' skoperturi diretti għal CCPs kwalifikanti, li jistgħu jkunu ogħla mit-trattament prudenzjali applikabbli għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar indirett. Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 ma jirriflettix bis-sħiħ l-effett ta' tnaqqis tar-riskju tal-ikklerjar ċentrali għall-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Biex tiġi indirizzata dik il-kwistjoni u jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni bħala membri tal-ikklerjar diretti, ir-rekwiżiti kapitali għall-iskoperturi diretti għal CCP kwalifikanti għandhom jitnaqqsu u jiġu allinjati ma' dawk tal-iskoperturi indiretti.

(38) L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jiddeċiedu li jużaw tranżazzjonijiet ta' riakkwist, jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, biex jimmaniġġjaw il-likwidità jew iżidu r-redditi tal-assi. Madankollu, ir-rekwiżiti kapitali assoċjati ma' tali tranżazzjonijiet bħalissa huma ttrattati b'mod konservattiv wisq, minħabba li huma kklassifikati bħala skoperturi tat-tip 2 għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali fil-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti. Għalhekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 għandu jiġi emendat biex dawk it-tranżazzjonijiet jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala skoperturi tat-tip 1. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tivvaluta, f'koordinazzjoni mal-EIOPA, jekk u kif għandu jiġi rifless fir-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-ikklerjar ċentrali permezz ta' CCPs kwalifikanti.

(39) F'xi każijiet, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom billi jużaw tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju, inkluża r-riassigurazzjoni, iżda dawk it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju mhux dejjem jirriżultaw fi trasferiment sinifikanti tar-riskju. B'mod partikolari, xi ftehimiet ta' riassigurazzjoni huma mfassla biex ikopru biss ix-xenarji estremi mudellati fil-formula standard, filwaqt li joffru ftit jew xejn protezzjoni kontra avvenimenti aktar moderati iżda aktar probabbli. Għalhekk, biex jiġi żgurat li l-profil tar-riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiġi vvalutat b'mod aktar preċiż, għandu jiġi speċifikat li t-tnaqqis fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza li jirriżulta mill-użu tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju għandu jkun proporzjonat mal-ammont ta' riskji effettivament ittrasferiti.

(40) Biex jiġi żgurat li t-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju li huma rikonoxxuti fil-kalkolu tal-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ma jinkludux riskju ta' bażi materjali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jivvalutaw il-prestazzjoni effettiva tal-mitigazzjoni tar-riskju skont sett komprensiv ta' xenarji tar-riskju li huma rilevanti għat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju kkunsidrata. Għar-riassigurazzjoni proporzjonali, il-prestazzjoni effettiva għandha tintwera permezz ta' riflessjoni mill-qrib fix-xenarji kollha. Għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali, il-valutazzjoni għandha tiffoka fuq xenarji li jkun fihom telf bejn il-punti ta' attakkament u ta' distakkament u għandha tosserva riflessjoni mill-qrib ta' dak it-telf.

(41) L-Artikolu 275(2), il-punt (c), tar-Regolament Delegat jipprevedi li l-ħlas ta' porzjon sostanzjali tal-komponent ta' remunerazzjoni varjabbli lil persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-impriża għandu jkun soġġett għal differiment. Madankollu, il-kost tal-applikazzjoni ta' tali rekwiżit jista' jaqbeż il-benefiċċji prudenzjali tiegħu f'każijiet li fihom membru tal-kategorija ta' persunal b'livell baxx ta' remunerazzjoni varjabbli, minħabba li tali livelli ta' remunerazzjoni x'aktarx ma joħolqux inċentivi għat-teħid ta' riskju eċċessiv. Għalhekk, f'tali każijiet, ma għandux japplika r-rekwiżit dwar id-differiment stabbilit fl-Artikolu 275(2), il-punt (c), tar-Regolament Delegat.

(42) Id-Direttiva 2009/138/KE tirrikjedi d-divulgazzjoni regolari ta' informazzjoni essenzjali permezz tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja. Dak ir-rapport huwa mmirat lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji, minn naħa waħda, u l-analisti u professjonisti oħrajn tas-suq, min-naħa l-oħra. Biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-aspettattivi ta' dawk iż-żewġ gruppi differenti, id-Direttiva (UE) 2025/2 li temenda d-Direttiva 2009/138/KE tirrikjedi li l-kontenut tar-rapport għandu jinqasam f'żewġ partijiet, identifikati b'mod ċar iżda ddivulgati b'mod konġunt. L-ewwel parti, indirizzata prinċipalment lid-detenturi tal-poloz u lill-benefiċjarji, għandu jkun fiha l-informazzjoni ewlenija dwar in-negozju, il-prestazzjoni, il-ġestjoni kapitali u l-profil tar-riskju. It-tieni parti, indirizzata lill-professjonisti tas-suq, għandu jkun fiha informazzjoni dettaljata dwar in-negozju u dwar is-sistema ta' governanza, informazzjoni speċifika dwar il-provvedimenti tekniċi u obbligazzjonijiet oħrajn, il-pożizzjoni ta' solvenza, kif ukoll data oħra rilevanti għal analisti speċjalizzati. Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandu jiġi emendat biex ikun jirrifletti dawk l-istruttura u l-kontenut ġodda.

(43) Ċerta informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja mmirata lejn il-professjonisti tas-suq tista' diġà tkun disponibbli għall-pubbliku f'rapporti oħrajn ippubblikati minn impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Meta dan ikun il-każ, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jidduplikaw dik l-informazzjoni fir-rapport tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, iżda minflok għandhom jitħallew jipprovdu referenzi diretti, inkluż permezz ta' links tal-internet, għat-taqsima jew il-paġna rilevanti tar-rapport l-ieħor. Biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà maż-żmien, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li tali links jibqgħu funzjonali għal minimu ta' ħames snin, anki meta jinbidlu l-istrutturi tas-siti web jew il-postijiet li fihom jinsabu d-dokumenti.

(44) Il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja mmirata lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji għandha tkun konċiża, aċċessibbli u faċli biex tinftiehem minn persuna komuni. Biex jintlaħaq dak l-objettiv, għandha tiġi inkluża biss informazzjoni sempliċi ffokata fuq il-ħtiġijiet tad-detenturi tal-poloz u tal-benefiċjarji fil-mira, u t-tul ma għandux jaqbeż il-ħames paġni.

(45) Biex jiġi żgurat li d-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji jkunu jistgħu jifhmu l-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja mmirata għalihom, dik il-parti għandha ssir disponibbli fil-lingwi użati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fl-operazzjonijiet tagħha skont il-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Madankollu, biex jiġu evitati kostijiet amministrattivi u legali eċċessivi, l-impriżi ma għandhomx ikunu meħtieġa jiksbu traduzzjonijiet iċċertifikati ta' dik il-parti.

(46) Skont id-Direttiva 2009/138/KE, l-awtoritajiet superviżorji huma intitolati li jirċievu minn kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni taħt superviżjoni u mill-gruppi tagħhom, mill-inqas kull tliet snin, rapport narrattiv regolari b'informazzjoni dwar in-negozju u l-prestazzjoni, is-sistema ta' governanza, il-profil tar-riskju, il-ġestjoni tal-kapital u informazzjoni rilevanti oħra għal finijiet ta' solvenza. Madankollu, ir-rekwiżiti rigward l-informazzjoni narrattiva li għandha tiġi inkluża fir-rapport superviżorju regolari jistgħu jikkoinċidu mal-informazzjoni diġà pprovduta f'mudelli ta' rapportar kwantitattiv jew fir-rapport tal-Valutazzjoni Interna tar-Riskju u s-Solvenza (ORSA, Own Risk and Solvency Assessment). Dik id-duplikazzjoni żżid il-kostijiet tar-rapportar mingħajr valur miżjud ċar għas-superviżjoni. Għalhekk, ir-rekwiżiti għall-informazzjoni narrattiva li għandha tiġi inkluża fir-rapport superviżorju regolari għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ għas-superviżjoni prudenzjali.

(47) Bħala parti mill-isforzi tagħha biex tagħmel l-ekonomija tal-Unjoni aktar kompetittiva, il-Kummissjoni għandha l-għan li twettaq sforz ta' simplifikazzjoni bla preċedent. F'dak l-isfond, ir-rieżami tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandu jkollu l-għan li jilħaq l-objettivi tad-Direttiva (UE) 2025/2 bl-aktar mod sempliċi, immirat, effettiv u bl-inqas piż. B'mod partikolari, l-emendi ta' dak ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu għall-miri għat-tnaqqis tal-piż, inkluż il-piż tar-rapportar.

(48) L-Artikolu 330(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jipprevedi li kwalunkwe interess minoritarju f'sussidjarja li jaqbeż il-kontribuzzjoni ta' dik is-sussidjarja għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp, meta s-sussidjarja tkun impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni minn pajjiż terz, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, għandu jitqies bħala mhux disponibbli. Fil-fatt, l-interessi minoritarji jirrappreżentaw wieħed mis-sorsi ewlenin ta' tnaqqis mill-fondi proprji tal-grupp. Madankollu, dak ir-Regolament Delegat ma jistabbilixxix kif għandhom jiġu kkalkolati tali interessi minoritarji. Dan jirriżulta f'approċċi inkonsistenti minn gruppi madwar l-Unjoni u jqajjem kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw il-kalkolu tal-interessi minoritarji għal finijiet ta' solvenza.

(49) Ir-regoli prudenzjali tal-assigurazzjoni jistgħu jirriżultaw li huma kumplessi ħafna, u jistgħu jiġġeneraw kostijiet tal-konformità sinifikanti, b'mod partikolari għal impriżi iżgħar. Filwaqt li d-Direttiva 2009/138/KE tinkorpora prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, l-implimentazzjoni prattika tagħha ma hijiex biżżejjed biex tnaqqas b'mod effettiv il-piż regolatorju għal impriżi iżgħar, li għalihom ċerti rekwiżiti jistgħu jkunu għaljin u kumplessi b'mod sproporzjonat minħabba n-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji tagħhom. Minbarra l-qafas il-ġdid ta' proporzjonalità applikabbli għall-impriżi kklassifikati bħala żgħar u mhux kumplessi, id-Direttiva (UE) 2025/2 introduċiet l-Artikolu 29d fid-Direttiva 2009/138/KE, li jippermetti lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' miżuri ta' proporzjonalità, soġġetti għal approvazzjoni superviżorja minn qabel u analiżi każ b'każ. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u prevedibbiltà għas-settur, għandhom jiġu speċifikati b'mod eżawrjenti l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom awtorità superviżorja tista' tirrifjuta li tagħti dik l-approvazzjoni.

(50) Id-Direttiva (UE) 2025/2 introduċiet diversi bidliet u kjarifiki għar-regoli li jirregolaw il-kalkolu tal-pożizzjoni ta' solvenza tal-gruppi tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward tal-fondi proprji u r-rekwiżiti kapitali tas-solvenza. B'mod partikolari, hija tiċċara li l-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu ttrattati bħala impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għall-finijiet uniċi tal-kalkoli tas-solvenza tal-grupp. Dan jinvolvi l-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali nozzjonali għal tali entitajiet kemm taħt il-metodu 1, inkluż fil-kuntest tal-valutazzjoni tad-disponibbiltà tal-fondi proprji, u taħt il-metodu 2. Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandu jiġi emendat biex jiġu jirrifletti dawk il-bidliet fid-Direttiva 2009/138/KE.

(51) Biex l-entrati ta' fondi proprji maħruġa minn impriża relatata jikkwalifikaw bħala fondi proprji ta' grupp, huma għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 71, 73 u 77 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, bir-referenza għar-"Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza" f'dawk l-Artikoli interpretati bħala li japplikaw kemm għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża relatata emittenti kif ukoll għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp. Fil-kuntest ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, dak ir-rekwiżit jista' jipprevjeni r-rikonoxximent ta' strumenti ta' fondi proprji maħruġa minn impriża qabel ma din saret parti mill-grupp akkwirenti, anki meta dawk l-istrumenti jkomplu jissodisfaw l-istandards prudenzjali rilevanti kollha fil-livell tal-impriża nnifisha. Tali limitazzjoni tista' toħloq kostijiet kapitali sproporzjonati assoċjati mat-tkabbir estern, u fl-aħħar mill-aħħar tfixkel il-kompetittività internazzjonali tal-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-Unjoni. Biex tiġi indirizzata dik il-kwistjoni, għandu jkun permess, fuq bażi tranżitorja u limitata fiż-żmien, li tali entrati ta' fondi proprji jiġu rikonoxxuti bħala fondi proprji tal-grupp mhux disponibbli wara l-akkwiżizzjoni tal-impriża emittenti.

(52) Filwaqt li l-konsolidazzjoni prudenzjali taqdi objettivi differenti mill-konsolidazzjoni kontabilistika, diverġenza eċċessiva bejn iż-żewġ oqfsa tista' timponi piż regolatorju bla bżonn fuq il-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. B'mod partikolari, it-trattament kurrenti ta' operazzjonijiet konġunti u ta' impriżi konġunti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jiddevja mill-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà billi jirrikjedi konsolidazzjoni proporzjonali ta' impriżi li altrimenti jiġu ttrattati skont il-metodu tal-ekwità, u għall-kuntrarju jirrikjedi l-applikazzjoni ta' metodu ta' ekwità għal impriżi li altrimenti jkunu soġġetti għal konsolidazzjoni proporzjonali. Dik l-inkonsistenza żżid il-kostijiet tar-rapportar, toħloq ineffiċjenzi operazzjonali, u tista' tiskoraġġixxi strutturi kummerċjali leġittimi. Għalhekk, għandha tinkiseb konsistenza akbar mar-regoli internazzjonali tal-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà fit-trattament ta' arranġamenti konġunti, dment li tali allinjament ma jikkompromettix il-protezzjoni tad-detentur tal-polza jew l-istabbiltà finanzjarja.

(53) Biex portafoll ta' ekwità jiġi ttrattat bħala ekwità fit-tul, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom juru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 105a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. Meta tali impriża tappartjeni għal grupp, ikun ta' piż kbir wisq għal dak il-grupp li jagħmel rivalutazzjoni tal-kundizzjonijiet għal ekwità fit-tul fil-livell tal-grupp. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm riskji ta' likwidità sinifikanti għall-grupp kollu li ma jkunux koperti fil-livell ta' impriżi individwali jew tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, l-investimenti ta' ekwità li jiġu ttrattati bħala ekwitajiet fit-tul minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jiġu ttrattati wkoll bħala tali meta jiġi kkalkolat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp li għalih tappartjeni dik l-impriża.

(54) Id-Direttiva 2009/138/KE tipprevedi l-possibbiltà għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom b'mudell intern sħiħ jew parzjali soġġett għal approvazzjoni superviżorja minn qabel. Kwalunkwe teknika ta' integrazzjoni ta' mudell intern parzjali fil-formula standard biex jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp hija parti minn dak il-mudell intern u, flimkien mal-komponenti l-oħrajn tal-mudell intern parzjali, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/138/KE. It-tekniki ta' integrazzjoni stabbiliti fl-Anness XVIII tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huma primarjament imfassla għall-integrazzjoni tar-riskji u mhux għall-integrazzjoni ta' impriżi sħaħ fil-mudell intern fil-livell tal-grupp. Għalhekk, għandu jiġi speċifikat li f'każijiet li fihom l-impriżi jkunu integrati bħala unità sħiħa, japplika l-Artikolu 239(4) ta' dak ir-Regolament.

(55) Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 ma jispeċifikax taħt liema kundizzjonijiet l-użu tal-"metodu 2", kif imsemmi fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, għandu jieħu preċedenza fuq it-tekniki ta' integrazzjoni. Biex tiġi indirizzata dik il-lakuna, il-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu meħtieġa juru l-adegwatezza tat-tekniki ta' integrazzjoni li japplikaw u għandhom jiġġustifikaw għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja tagħhom għaliex dawk it-tekniki ta' integrazzjoni huma aktar adattati mill-applikazzjoni tal-metodu 2.

(56) Id-diżastri naturali u l-avvenimenti estremi tat-temp qed jiżdiedu madwar id-dinja minħabba t-tibdil fil-klima, u hekk ukoll it-telf relatat magħhom. Biex jiġu żgurati l-protezzjoni kontinwa tad-detenturi tal-poloz u l-istabbiltà ġenerali tas-settur tal-assigurazzjoni tal-Unjoni fost xejriet tat-temp aktar erratiċi u dannużi, huwa importanti li r-rekwiżiti kapitali tal-assiguraturi għar-riskju ta' sottoskrizzjoni ta' katastrofi naturali jirriflettu b'mod adegwat l-impatt ta' avvenimenti ta' katastrofi naturali. Bil-ħsieb tad-data u l-mudelli ġodda disponibbli, għandhom jiġu emendati l-fatturi ta' riskju għal diversi reġjuni f'perikli naturali bħal għargħar, maltempati tar-riħ, silġ, terremoti u ċediment.

(57) Id-Direttiva (UE) 2025/2 tintroduċi prerogattivi u setgħat ġodda għall-awtoritajiet superviżorji biex jagħtu miżuri ta' proporzjonalità jew biex jirrinunzjaw għas-superviżjoni tal-grupp bħala riżultat tal-esklużjoni ta' impriża mis-superviżjoni tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 214 tad-Direttiva 2009/138/KE. Huwa importanti li s-settur u l-udjenza usa' jkunu jafu jekk u kif dawk is-setgħat u l-prerogattivi l-ġodda jkunux intużaw fil-prattika. Għalhekk, id-data statistika aggregata li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiddivulgaw dwar aspetti ewlenin tal-applikazzjoni tal-qafas prudenzjali għandha tiġi estiża biex tkopri dawk l-oqsma ġodda.

(58) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 45a li ġej:

"45a. 'azzjoni ta' ġestjoni futura' tfisser kwalunkwe azzjoni li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jista' jistenna li jwettaq f'ċirkostanzi futuri speċifiċi;";

(b) jiddaħħal il-punt 46a li ġej:

“46a. ‘profitt mistenni inkluż f’tariffi futuri għas-servizzjar u l-ġestjoni tal-fondi’ tfisser il-valur preżenti mistenni ta’ flussi tal-flus futuri li jirriżultaw mill-inklużjoni fil-provvedimenti tekniċi ta’ tariffi għas-servizzjar u l-ġestjoni ta’ fondi relatati ma’ kuntratti eżistenti marbuta mal-indiċi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u dawk marbuta ma’ unitajiet li huma mistennija li jiġu imposti, iżda li jistgħu ma jiġux imposti għal kwalunkwe raġuni, għajr minħabba li jkun seħħ l-avveniment assigurat, irrispettivament mid-drittijiet legali jew kuntrattwali tad-detentur tal-polza li jwaqqaf il-polza;”;

(c) jitħassru l-punti 55c u 55d;

(d) jiżdiedu l-punti minn 64 sa 67 li ġejjin:

“64. ‘self inadempjenti’ tfisser self meta tkun seħħet inadempjenza tad-debitur kif imsemmi fl-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

65. ‘self imrażżan’ tfisser self li fir-rigward tiegħu jkunu ġew applikati miżuri ta’ tolleranza kif imsemmi fl-Artikolu 47b(1) sa (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

66. ‘distribuzzjonijiet’ tfisser l-iżborż tal-profitti kontabilistiċi minbarra d-dividendi lil azzjonisti, membri jew oħrajn simili, inklużi r-riakkwisti ta’ ishma;

67. ‘imposti prevedibbli’ tfisser l-ammont ta’ taxxi u l-ammont ta’ kwalunkwe obbligu jew ċirkostanza li jinħolqu matul il-perjodu tar-rapportar relatat, li x’aktarx inaqqsu l-profitti tal-impriża.”;

(2) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 6*

**Klassifikazzjoni tal-kreditu doppja għal pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni għajr titolizzazzjonijiet STS**

Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 4(4), il-punt (d), meta valutazzjoni tal-kreditu waħda biss tkun disponibbli minn ECAI nominata għal pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni għajr titolizzazzjoni STS, ma għandhiex tintuża dik il-valutazzjoni tal-kreditu. Ir-rekwiżiti kapitali għal dik l-entrata jiġu dderivati bħallikieku ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata disponibbli.”;

(3) fl-Artikolu 16(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma kklassifikati bħala impriżi żgħar u mhux kumplessi jistgħu jivvalutaw id-depożiti għal żmien qasir b’maturitajiet ta’ inqas minn sena abbażi tal-kost jew tal-kost amortizzat, dment li l-użu ta’ tali metodi ta’ valwazzjoni jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jintroduċix żbalji materjali fil-valwazzjoni ta’ tali depożiti;

(b) iwassal għal valur ta’ depożiti għal żmien qasir li jkun inqas mill-valur li altrimenti jiġi kkalkolat mingħajr ma jintuża l-kost jew il-kost amortizzat.”;

(4) fl-Artikolu 18(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Madankollu, fil-każ ta’ obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja meta valutazzjoni tar-riskju individwali tal-obbligi marbutin mal-persuna assigurata tal-kuntratt titwettaq fil-bidu tal-kuntratt u l-impriża ma jkollhiex id-dritt li tirrepeti l-valutazzjoni qabel ma temenda l-primjums jew il-benefiċċji, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom iqisu biss id-dritt li jivvalutaw fil-livell tal-kuntratt jekk il-primjums jirriflettux bis-sħiħ ir-riskju għall-finijiet tal-punt (c).”;

(5) fl-Artikolu 20, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri interni biex jevitaw dipendenza żejda fuq data minn avvenimenti tal-passat fir-rigward tax-xejriet relatati mat-tibdil fil-klima, inkluż, meta xieraq, bl-użu ta’ xenarji klimatiċi.”;

(6) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-ispejjeż għandhom jiġu pproġettati filwaqt li jitqiesu tad-deċiżjonijiet tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża fir-rigward tal-kitba ta' negozju ġdid.";

(7) jiddaħħal l-Artikolu 34a li ġej:

"*Artikolu 34a*

**L-użu tal-valwazzjoni deterministika prudenti tal-aħjar stima għall-obbligi tal-ħajja b'opzjonijiet u garanziji li jitqiesu immaterjali**

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw biss il-valwazzjoni deterministika prudenti tal-aħjar stima għall-obbligi tal-ħajja b'opzjonijiet u garanziji li ma jitqiesux immaterjali, kif imsemmi fl-Artikolu 77(8) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tidentifika b'mod ċar l-obbligi tal-ħajja b'opzjonijiet u garanziji li hija tqis immaterjali u li għalihom biħsiebha tapplika l-valwazzjoni deterministika prudenti tal-aħjar stima;

(b) il-valur taż-żmien tal-opzjonijiet u l-garanziji tal-obbligi tal-ħajja msemmija fil-punt (a) jirrappreżenta inqas minn 5 % tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(c) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkonferma bil-miktub li hija biħsiebha tapplika l-metodoloġija tal-kalkolu msemmija fil-paragrafu 2 għall-obbligi tal-ħajja msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

(d) l-impriża tkun ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw l-aktar sett reċenti ta' xenarji li huma stabbiliti u ppubblikati mill-EIOPA f'konformità mal-Artikolu 77e(1), il-punt (ab), tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw il-valwazzjoni deterministika prudenti tal-aħjar stima għall-obbligi tal-ħajja identifikati b'mod ċar b'opzjonijiet u garanziji li jitqiesu immaterjali, f'konformità mal-paragrafu 1, huma għandhom jivvalutaw l-aħjar stima ta' tali obbligi bħala s-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) l-aħjar stima deterministika tal-obbligi tal-ħajja b'opzjonijiet u garanziji li jitqiesu immaterjali;

(b) il-prodott ta' supplimentazzjoni stokastika u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), is-supplimentazzjoni stokastika għandha tkun ugwali għal 5 %, sakemm l-impriża ma turix għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja li perċentwal ieħor jirrifletti b'mod aktar xieraq il-profil tar-riskju tagħha. Għall-finijiet ta' dik id-dimostrazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tuża s-sett ta' xenarji msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu.

3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw il-valwazzjoni deterministika prudenti tal-aħjar stima għall-obbligi tal-ħajja identifikati b'mod ċar b'opzjonijiet u garanziji li jitqiesu immaterjali għandhom jassumu li s-supplimentazzjoni stokastika msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), hija kostanti biex jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, inkluża l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi msemmija fl-Artikolu 206.";

(8) fl-Artikolu 37(1), l-ewwel subparagrafu, il-formula hija sostitwita b'dan li ġej:

$$\text{“}RM = CoC.\sum_{t \geq 0} \frac{\max(0{,}96^{t};\ 50\%).\ SCR(t)}{\left(1 + r(t+1)\right)^{t+1}}\text{”;}$$

(9) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 39*

**Rata tal-Kost tal-Kapital**

Ir-rata tal-Kost tal-Kapital imsemmija fl-Artikolu 77(5) tad-Direttiva 2009/138/KE għandha tkun preżunta li hija ugwali għal 4,75 %.”;

(10) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. It-tekniki, l-ispeċifikazzjonijiet tad-data u l-parametri użati għad-determinazzjoni tal-informazzjoni teknika dwar l-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti msemmija fl-Artikolu 77e(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluża r-rata forward aħħarija, għandhom ikunu trasparenti, prudenti, affidabbli, oġġettivi u konsistenti maż-żmien.”;

(b) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. Minkejja l-paragrafi 2 sa 5 ta’ dan l-Artikolu, għall-finijiet tal-Artikolu 43a(2), qabel ma tbiddel is-sors tad-data użat biex jiġi ddeterminat l-ewwel punt ta’ livellar għal munita partikolari, l-EIOPA għandha tinforma lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-perċentwal relatat mal-munita li, abbażi tas-sors tad-data il-ġdid, jirriżulta bl-aktar mod xieraq fiż-żamma tal-ewwel punt ta’ livellar fl-istess maturità bħal dak applikabbli qabel il-bidla fis-sors tad-data.”;

(11) jiddaħħal l-Artikolu 43a li ġej:

“*Artikolu 43a*

**Perċentwali relatati mal-munita għad-determinazzjoni tal-ewwel punt ta’ livellar**

1. Fid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2025/2, għad-determinazzjoni tal-ewwel punt ta’ livellar għal munita f’konformità mal-Artikolu 77a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-perċentwal relatat mal-munita li ’l fuq minnu s-sehem ta’ bonds pendenti b’maturitajiet itwal minn maturità partikolari jew ugwali għaliha fost il-bonds pendenti kollha għandu jitqies għoli biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 77a, il-paragrafu 1, il-punt (b), ta’ dik id-Direttiva għandu jkun kif ġej:

(a) għall-euro, il-perċentwal applikabbli għandu jkun l-eqreb perċentwal ta’ nofs numru sħiħ jew ta’ numru sħiħ akbar minn jew ugwali għas-somma ta’:

(i) 1,5 punti perċentwali;

(ii) l-aktar perċentwal baxx ta’ bonds pendenti li jirriżulta fid-determinazzjoni tal-ewwel punt ta’ livellar ta’ 20 sena fit-28 ta’ Jannar 2025;

(b) għal muniti oħrajn għajr l-euro, meta fid-29 ta’ Jannar 2027 l-aħħar maturità li għaliha l-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju ma tiġix estrapolata kienet ta’ mill-inqas 20 sena, il-perċentwal applikabbli għandu jkun l-istess bħal dak applikabbli għall-euro;

(c) għal muniti oħrajn għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b), il-perċentwal applikabbli għandu jkun nofs dak applikabbli għall-euro.

2. Meta s-sors tad-data biex jiġi ddeterminat l-ewwel punt ta’ livellar għall-euro jinbidel, il-perċentwal applikabbli relatat mal-munita għal dik il-munita għandu jkun l-eqreb perċentwal ta’ nofs numru sħiħ jew ta’ numru sħiħ akbar minn jew ugwali għas-somma ta’ 1,5 punti perċentwali wieħed u l-aktar perċentwal baxx li, fl-ewwel data ta’ referenza li fiha jintuża s-sors tad-data l-ġdid, jirriżulta fl-ewwel punt ta’ livellar ugwali għal dak applikabbli matul is-sena kalendarja preċedenti.

B’deroga, meta l-perċentwal relatat mal-munita ddeterminat f’konformità mal-ewwel subparagrafu ma jirriżultax, fl-ewwel data ta’ referenza li fiha jiġi applikat is-sors tad-data l-ġdid, fl-ewwel punt ta’ livellar ugwali għal dak applikabbli matul is-sena kalendarja preċedenti, il-perċentwal applikabbli għandu jkun l-eqreb valur aktar baxx li jirriżulta f’dan l-ewwel punt ta’ livellar.

Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 43(5).”;

(12) l-Artikolu 44 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 44*

**Strumenti finanzjarji rilevanti biex jiġu derivati r-rati bażiċi tal-imgħax mingħajr riskju**

1. Għal kull munita u maturità, ir-rati bażiċi tal-imgħax mingħajr riskju jiġu derivati fuq il-bażi tar-rati ta' swap għar-rati tal-imgħax ta' dik il-munita. Ir-rati ta' swap tar-rati tal-imgħax li mhumiex rati ta' swap indiċjati mil-lum għall-għada għandhom jiġu aġġustati biex jitqies ir-riskju ta' kreditu.

2. Għall-muniti fejn ir-rati ta' swap tar-rati tal-imgħax ma jkunux disponibbli minn swieq finanzjarji profondi, likwidi u trasparenti, ir-rati tal-bonds tal-gvern maħruġin f'dik il-munita, aġġustati biex jitqies ir-riskju ta' kreditu tal-bonds tal-gvern, għandhom jintużaw biex jiġu derivati r-rati bażiċi tal-imgħax mingħajr riskju, dment li tali rati tal-bonds tal-gvern ikunu disponibbli minn swieq finanzjarji profondi, likwidi u trasparenti.";

(13) fl-Artikolu 45, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta aġġustament għal riskju ta' kreditu jiġi applikat skont l-Artikolu 44(1), l-aġġustament għandu jiġi ddeterminat b'mod trasparenti, prudenti, affidabbli u oġġettiv li jkun konsistenti maż-żmien.";

(14) l-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, titħassar it-tieni sentenza;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a, 1b u 1c li ġejjin:

"1a. Ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti estrapolati għal munita għandhom ikunu ugwali għal dawn li ġejjin:

$$r_{FSP+h} = \sqrt[FSP+h]{(1 + r_{FSP})^{FSP} \cdot exp(h \cdot f_h)} - 1$$

fejn:

(a) *FSP* tindika l-ewwel punt ta' livellar kif imsemmi fl-Artikolu 77a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *h* tindika n-numru ta' snin li jaqbeż l-ewwel punt ta' livellar;

(c) $r_{FSP}$ tindika r-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti komposta b'mod diskret annwalizzata f'maturità ugwali għall-ewwel punt ta' livellar;

(d) $r_{FSP+h}$ tindika r-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti komposta b'mod diskret annwalizzata f'maturità ugwali għas-somma tal-ewwel punt ta' livellar u *h*;

(e) $f_h$ tindika r-rata forward komposta kontinwament annwalizzata kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 1b;

(f) *exp( )* tindika l-funzjoni esponenzjali.

1b. Għall-finijiet tal-paragrafu 1a, il-punt (e), ir-rata forward $f_h$ għandha tkun ugwali għal din li ġejja:

$$f_h = ln(1 + UFR) + [LLFR - ln(1 + UFR)] \cdot \frac{1 - exp(-\alpha \cdot h)}{\alpha \cdot h}$$

fejn:

(a) *UFR* tindika r-rata forward aħħarija msemmija fl-Artikolu 47;

(b) *LLFR* tindika l-aħħar rata forward likwida ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 1c;

(c) $\alpha$ tindika l-parametru li jiddetermina l-veloċità tal-konverġenza lejn l-*UFR* tar-rata forward aħħarija;

(d) *ln( )* tindika l-logaritmu naturali;

(e) *exp( )* tindika l-funzjoni esponenzjali.

Il-parametru $\alpha$ imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandu jkun ugwali għal 40 % għall-Krona Żvediża u 11 % għal muniti oħrajn.

1c. Għall-finijiet tal-paragrafu 1b, l-aħħar rata forward likwida għal munita kif imsemmija fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu għandha tkun medja ponderata tar-rati forward li ġejjin:

(a) ir-rata forward annwalizzata u komposta kontinwament derivata mill-istruttura bażika tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju għall-perjodu sal-ewwel punt ta' livellar u li tibda fl-eqreb maturità iqsar meta l-istruttura bażika tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju tiġi derivata fuq il-bażi tar-rati ta' swap tar-rati tal-imgħax jew tal-bonds tal-gvern;

(b) ir-rata forward annwalizzata u komposta kontinwament derivata mill-istruttura bażika tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u r-rati ta' swap tar-rati tal-imgħax aġġustati għar-riskju jew, kif applikabbli, ir-rati tal-bonds tal-gvern għall-perjodi mill-ewwel punt ta' livellar sal-maturitajiet wara l-ewwel punt ta' livellar meta r-rati tal-imgħax jew, kif applikabbli, ir-rati tal-bonds tal-gvern huma disponibbli minn swieq finanzjarji profondi, likwidi u trasparenti.

Għall-kalkolu tal-medja ponderata msemmija fl-ewwel subparagrafu, ir-rati forward rilevanti annwalizzati u komposti kontinwament għandhom jiġu ponderati bl-ammont nozzjonali medju ta' kuntratti nnegozjati tas-swaps tar-rati tal-imgħax tal-maturità rilevanti.

Għal muniti fejn ma tkun disponibbli l-ebda rata ta' swap tar-rata tal-imgħax minn swieq finanzjarji profondi, likwidi u trasparenti għall-maturitajiet wara l-ewwel punt ta' livellar, l-aħħar rata forward likwida għandha tkun ugwali għar-rata forward annwalizzata u komposta kontinwament ddeterminata f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tapplika l-aġġustament tal-volatilità biex tikkalkula l-medja ponderata msemmija fl-ewwel paragrafu, l-aġġustament tal-volatilità għandu jiżdied mar-rata forward annwalizzata u komposta kontinwament imsemmija fil-punt (a) ta' dak is-subparagrafu.";

(15) jiddaħħal l-Artikolu 46a li ġej:

"*Artikolu 46a*

**Introduzzjoni gradwali tal-estrapolazzjoni**

1. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni titħalla tapplika l-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali msemmi fl-Artikolu 77a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, għal kull munita għajr il-Krona Żvediża, il-parametru α imsemmi fl-Artikolu 46(1b) għandu jitnaqqas b'mod lineari fil-bidu ta' kull sena kalendarja minn 20 % matul is-sena li tibda mill-1 ta' Jannar 2027 għal 11 % fl-1 ta' Jannar 2032.

2. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni titħalla tapplika l-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali msemmi fl-Artikolu 77a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, għall-Krona Żvediża, il-parametru α imsemmi fl-Artikolu 46(1b) għandu jitnaqqas b'mod lineari fil-bidu ta' kull sena kalendarja minn 70 % matul is-sena li tibda mill-1 ta' Jannar 2027 għal 40 % fl-1 ta' Jannar 2032.";

(16) fl-Artikolu 47(1), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:

"Għal kull munita, ir-rata forward aħħarija msemmija fl-Artikolu 46(1b), il-punt (a), għandha tkun stabbli maż-żmien u għandha tinbidel biss b'riżultat ta' bidliet fl-aspettattivi fit-tul.";

(17) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-portafolli ta' referenza msemmija fl-Artikolu 77d(4a) tad-Direttiva 2009/138/KE għandhom jiġu ddeterminati b'mod trasparenti, prudenti, affidabbli u oġġettiv li jkun konsistenti maż-żmien. Il-metodi applikati fid-determinazzjoni tal-portafolli ta' referenza ikunu l-istess għall-valuti u l-pajjiżi kollha.";

(18) l-Artikoli 50 u 51 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 50*

**Formula għall-kalkolu tal-firxa sottostanti għall-aġġustament tal-volatilità**

Għal kull munita u kull pajjiż, il-firxa msemmija fl-Artikolu 77d(2) u (4) tad-Direttiva 2009/138/KE għandha tkun ekwivalenti għal dan li ġej:

$$S = w_{gov} \cdot S_{gov} + w_{corp} \cdot S_{corp}$$

fejn:

(a) $w_{gov}$ tindika l-proporzjon tal-valur tal-bonds tal-gvern inklużi fil-portafoll ta' referenza tal-assi għal dik il-munita jew dak il-pajjiż u l-valur tal-bonds, is-self u t-titolizzazzjonijiet kollha inklużi f'dak il-portafoll ta' referenza;

(b) $S_{gov}$ tindika l-firxa medja tal-munita fuq il-bonds tal-gvern inklużi fil-portafoll ta' referenza tal-assi għal dik il-munita jew dak il-pajjiż;

(c) $w_{corp}$ tindika l-proporzjoni tal-valur tal-bonds barra mill-bonds tal-gvern, is-self u t-titolizzazzjonijiet inklużi fil-portafoll tal-assi ta' referenza għal dik il-munita jew dak il-pajjiż u l-valur tal-bonds, is-self u t-titolizzazzjonijiet kollha inklużi f'dak il-portafoll ta' referenza;

(d) $S_{corp}$ tindika l-firxa medja tal-munita fuq bonds li mhumiex bonds tal-gvern, self u titolizzazzjoni inklużi fil-portafoll ta' referenza tal-assi għal dik il-munita jew dak il-pajjiż.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'bonds tal-gvern' tfisser skoperturi għall-gvernijiet u l-banek ċentrali.

*Artikolu 51*

**Firxa kkoreġuta skont ir-riskju**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 77d(3) u (4) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-porzjon tal-firxa medja tal-munita li huwa attribwibbli għal valutazzjoni realistika tat-telf mistenni, riskju ta' kreditu mhux mistenni jew kwalunkwe riskju ieħor ('korrezzjoni tar-riskju') għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-korrezzjoni tar-riskju fuq bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-ŻEE għandha tkun ugwali għal dawn li ġejjin:

$$RC = 30\,\% \cdot min(S^+; LTAS^+) + 20\,\% \cdot mass\,\{0; min(S^+ - LTAS^+; LTAS^+)\} + 15\,\% \cdot mass(0; S^+ - 2 \cdot LTAS^+)$$

fejn:

(a) $S^+$ tindika l-massimu ta' żero u l-firxa medja tal-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea tal-istess durata, kwalità tal-kreditu u klassi tal-assi fil-portafoll rappreżentattiv, kif osservat fis-swieq finanzjarji;

(b) $LTAS^+$ tindika l-massimu ta' 0 u firxa medja fit-tul tal-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea tal-istess durata, kwalità tal-kreditu u klassi tal-assi fil-portafoll rappreżentattiv, kif osservat fis-swieq finanzjarji.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-korrezzjoni tar-riskju fuq il-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea ma għandha qatt taqbeż il-65 % tal-firxa medja fit-tul tal-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea tal-istess durata, kwalità tal-kreditu u klassi tal-assi fil-portafoll rappreżentattiv kif osservat fis-swieq finanzjarji.

3. Il-korrezzjoni tar-riskju fuq bonds oħrajn għajr bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, is-self u t-titolizzazzjonijiet fil-portafoll rappreżentattiv għandhom ikunu ugwali għal dawn li ġejjin:

$$RC = 50\ \% \cdot min(S^{+}; LTAS^{+}) + 40\ \% \cdot mass\ \{0; min(S^{+} - LTAS^{+}, LTAS^{+})\} + 30\ \% \cdot mass(0; S^{+} - 2 \cdot LTAS^{+})$$

fejn:

(a) $S^{+}$ tindika l-massimu ta' żero u l-firxa medja ta' bonds għajr il-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, is-self u t-titolizzazzjonijiet tal-istess durata, kwalità tal-kreditu u klassi tal-assi fil-portafoll rappreżentattiv kif osservat fis-swieq finanzjarji;

(b) $LTAS^{+}$ tindika l-massimu ta' 0 u firxa medja fit-tul ta' bonds għajr il-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, is-self u t-titolizzazzjonijiet tal-istess durata, kwalità tal-kreditu u klassi tal-assi fil-portafoll rappreżentattiv kif osservat fis-swieq finanzjarji.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-korrezzjoni tar-riskju fuq bonds għajr il-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, is-self u t-titolizzazzjonijiet tal-istess durata, kwalità tal-kreditu u klassi tal-assi qatt ma għandha taqbeż il-massimu ta' żero u l-125 % tal-firxa medja fit-tul tal-bonds għajr il-bonds tal-gvern maħruġa mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, is-self u t-titolizzazzjonijiet tal-istess durata, kwalità tal-kreditu u klassi tal-assi fil-portafoll rappreżentattiv kif osservat fis-swieq finanzjarji.

4. Il-firxiet medji fit-tul imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), u fil-paragrafu 3, il-punt (b), għandhom ikunu bbażati fuq data relatata mal-aħħar 30 sena. Meta parti minn dik id-data ma tkunx disponibbli, dik il-parti għandha tiġi sostitwita b'data maħduma. Id-data maħduma għandha tkun ibbażata fuq id-data disponibbli u affidabbli relatata mal-aħħar 30 sena. Id-data li ma tkunx affidabbli għandha tiġi sostitwita b'data maħduma bl-użu ta' dik il-metodoloġija. Id-data maħduma għandha tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet prudenti.";

(19) jiddaħħlu l-Artikoli 51a u 51b li ġejjin:

"*Artikolu 51a*

**Proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu**

1. Għal kull munita, il-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu msemmi fl-Artikolu 77d, il-paragrafu (3), il-punt (b), u l-paragrafu (4), il-punt (b), għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$CSSR = mass\ [min\ (\frac{PVBP(MV^{FI})}{PVBP(BEL)}; 1); 0]$$

fejn:

(a) $CSSR$ tindika l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal munita;

(b) $PVBP(MV^{FI})$ tindika l-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-valur tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2;

(c) $PVBP\ (BEL)$ tindika l-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 3.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-*PBVP (BEL)* għal munita partikolari tkun ugwali għal 0 jew tkun negattiva, il-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu għal dik il-munita għandu jkun ugwali għal 1.

2. Għal kull munita, il-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$PVBP(MV^{FI}) = \frac{MV^{FI} - MV^{FI^*}}{VA^*}$$

fejn:

(a) $MV^{FI}$ tindika l-valur tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominati fil-munita partikolari;

(b) *VA** tindika l-aġġustament tal-volatilità nozzjonali, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 77d(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, bis-suppożizzjoni li l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu huwa ugwali għal 1;

(c) $MV^{FI^*}$ tindika l-valur tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominati fil-munita partikolari, bis-suppożizzjoni li għal kull assi l-firxa tiżdied b'ammont ugwali għall-valur tal-aġġustament tal-volatilità nozzjonali għall-maturitajiet kollha.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (c), b'rabta man-negozju marbut ma' unitajiet, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha teskludi investimenti b'introjtu fiss li ma jagħtu lok għall-ebda skopertura jew li jagħtu lok għal skopertura mhux materjali għar-riskju tal-firxa tal-kreditu għall-impriża.

3. Għal kull munita, il-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$PVBP(BEL) = \frac{BEL - BEL^*}{VA^*}$$

fejn:

(a) *BEL* tindika l-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominata fil-munita partikolari mingħajr aġġustament tal-volatilità, meta l-valur jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *VA** tindika l-aġġustament tal-volatilità nozzjonali, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 77d(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, bis-suppożizzjoni li l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu huwa ugwali għal 1;

(c) *BEL** tindika l-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominata fil-munita partikolari, meta l-valur jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, bis-suppożizzjoni li l-aġġustament tal-volatilità nozzjonali jiġi applikat għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-aħjar stima għandha tiġi rivalutata, filwaqt li jitqies l-effett tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri. Madankollu, għal dik ir-rivalwazzjoni, ma għandu jitqies l-ebda impatt ta' bidla fil-firxiet tal-kreditu fuq il-valur tal-assi miżmuma mill-impriża.

4. Meta l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu għal munita partikolari jkun ġie kkalkolat l-aktar reċentement inqas minn sena qabel id-data ta' referenza għall-valutazzjoni tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkalkulaw mill-ġdid il-proporzjon, dment li jkunu kapaċi juru għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja tagħhom li l-proporzjon ma jkunx inbidel materjalment.

*Artikolu 51b*

**Proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu għal muniti marbuta**

1. B'deroga mill-Artikolu 51a, meta l-munita domestika ta' Stat Membru tkun marbuta mal-euro, u l-istruttura bażika tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju għall-euro, aġġustata għar-riskju tal-munita, tintuża biex tiġi kkalkolata l-aħjar stima fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denotati f'dik il-munita f'konformità mal-Artikolu 48(1), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkolaw proporzjon wieħed tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu għall-euro u għal dik il-munita. F'dak il-każ, il-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$CSSR_{euro,\ munita\ marbuta} = mass\ [min\ (\frac{PVBP(MV^{FI})}{PVBP(BEL)};\ 1);\ 0]$$

fejn:

(a) $CSSR_{euro,\ munita\ marbuta}$ tindika l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kemm għall-euro kif ukoll għall-munita marbuta;

(b) $PVBP(MV^{FI})$ tindika l-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-valur tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, iddenominat kemm f'euro kif ukoll fil-munita marbuta, ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2;

(c) *PVBP(BEL)* tindika l-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, iddenominat kemm f'euro kif ukoll fil-munita marbuta, ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 3.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-*PBVP(BEL)* għal munita partikolari marbuta mal-euro tkun ugwali għal 0 jew tkun negattiva, il-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu għal dik il-munita marbuta mal-euro għandu jkun ugwali għal 1.

2. Kemm għall-euro kif ukoll għall-munita marbuta kkunsidrati b'mod konġunt, il-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$PVBP(MV^{FI}) = \frac{MV^{FI} - MV^{FI^*}}{VA^*}$$

fejn:

(a) $MV^{FI}$ tindika l-valur tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominata kemm fl-euro kif ukoll fil-munita marbuta, meta l-valur jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) $VA^*$ tindika l-massimu tal-aġġustament tal-volatilità nozzjonali għall-euro u għall-aġġustament tal-volatilità nozzjonali, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 77d(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, bis-suppożizzjoni li l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu huwa ugwali għal 1;

(c) $MV^{FI^*}$ tindika l-valur tal-investimenti f'bonds, self u titolizzazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominati kemm fl-euro kif ukoll fil-munita marbuta, meta l-valur jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, bis-suppożizzjoni li għal kull assi l-firxa tiżdied b'ammont ugwali għall-valur tal-aġġustament tal-volatilità nozzjonali għall-maturitajiet kollha.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (c), b'rabta man-negozju marbut ma' unitajiet, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha teskludi investimenti b'introjtu fiss li ma jagħtu lok għall-ebda skopertura jew li jagħtu lok għal skopertura mhux materjali għar-riskju tal-firxa tal-kreditu għall-impriża.

3. Kemm għall-euro kif ukoll għall-munita marbuta kkunsidrati b'mod konġunt, il-valur tal-prezz ta' punt bażi tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$PVBP(BEL) = \frac{BEL - BEL^*}{VA^*}$$

fejn:

(a) *BEL* tindika s-somma tal-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominati fl-euro mingħajr aġġustament tal-volatilità u l-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet indikati fil-munita marbuta mingħajr aġġustament tal-volatilità, u li għalihom l-istruttura bażika tat-terminu tar-rata mingħajr riskju għall-euro, aġġustata għar-riskju tal-munita, tintuża f'konformità mal-Artikolu 48(1) ta' dan ir-Regolament, meta ż-żewġ valuri jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *VA** tindika l-massimu tal-aġġustament tal-volatilità nozzjonali għall-euro u għall-aġġustament tal-volatilità nozzjonali, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 77d(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, bis-suppożizzjoni li l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu huwa ugwali għal 1;

(c) *BEL** tindika s-somma tal-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni denominati fl-euro, u l-valur tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet denominati fil-munita marbuta u li għalihom l-istruttura bażika tat-terminu mingħajr riskju għall-euro, aġġustata għar-riskju tal-munita, tintuża f'konformità mal-Artikolu 48(1), meta ż-żewġ valuri jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, bis-suppożizzjoni li l-aġġustament tal-volatilità nozzjonali jiġi applikat għall-istrutturi rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.

Għall-finijiet tal-punt (c), għandha titwettaq rivalwazzjoni tal-aħjar stima, filwaqt li jitqies l-effett tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri. Madankollu, għal dik ir-rivalwazzjoni, ma għandu jitqies l-ebda impatt ta' bidla fil-firxiet tal-kreditu fuq il-valur tal-assi miżmuma mill-impriża.

4. Meta l-proporzjon tas-sensittività tal-firxa tal-kreditu għal munita partikolari jkun ġie kkalkolat l-aktar reċentement inqas minn sena qabel id-data ta' referenza għall-valutazzjoni tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkalkulaw mill-ġdid il-proporzjon, dment li jkunu kapaċi juru għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja tagħhom li l-proporzjon ma jkunx inbidel materjalment.";

(20) jiddaħħal l-Artikolu 54a li ġej:

"*Artikolu 54a*

**Assi ristrutturati**

1. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, 'assi ristrutturati' għandha tfisser assi li l-flussi tal-flus tagħhom huma dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' assi finanzjarji sottostanti oħrajn.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jitħallew jinkludu biss assi ristrutturati fil-portafoll assenjat tal-assi msemmija f'dak l-Artikolu, meta jistgħu juru għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja dawn kollha li ġejjin:

(a) l-assi finanzjarji sottostanti tal-assi ristrutturati jipprovdu livell ta' introjtu fiss biżżejjed b'tali mod li l-flussi tal-flus tal-assi ristrutturat ikunu huma stess fissi biżżejjed;

(b) il-flussi tal-flus tal-assi ristrutturat huma appoġġati minn karatteristiċi għall-assorbiment tat-telf li jiżguraw li dawk il-flussi tal-flus jibqgħu fissi biżżejjed meta jinbidlu l-kundizzjonijiet operattivi;

(c) meta l-assi finanzjarji sottostanti jinkludu garanziji finanzjarji, dawk il-garanziji ma jżidux l-aġġustament ta' korrispondenza fil-kalkolu skont l-Artikolu 77c tad-Direttiva 2009/138/KE u l-Artikolu 53 ta' dan ir-Regolament;

(d) l-impriża tkun tista' tidentifika, tkejjel, tissorvelja, timmaniġġa, tikkontrolla u tirrapporta kif suppost ir-riskji tal-assi finanzjarji sottostanti.";

(21) fl-Artikolu 68, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-parteċipazzjonijiet strateġiċi msemmija fl-Artikolu 171 ta' dan ir-Regolament, meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti tkun kisbet il-permess imsemmi fl-Artikolu 92(1a), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE.";

(22) fl-Artikolu 70(1), il-punt (e), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) jaqbżu r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali fil-każ ta' fondi delimitati ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 81(1);";

(23) jiddaħħlu l-Artikoli 70a u 70b li ġejjin:

"*Artikolu 70a*

**Dividendi u distribuzzjonijiet prevedibbli**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 70(1), il-punt (b), l-ammont ta' dividendi u distribuzzjonijiet prevedibbli għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-approċċ tad-dovuti stabbilit fil-paragrafi minn 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

2. L-ammont ta' dividendi u distribuzzjonijiet għandu jitqies prevedibbli meta l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jew il-persuni l-oħra li effettivament imexxu l-impriża formalment ikunu ħadu deċiżjoni jew ipproponew deċiżjoni lill-korp rilevanti rigward l-ammont ta' dividend jew distribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu.

3. Qabel ma l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, jew il-persuni l-oħra li effettivament imexxu l-impriża, formalment ikunu ħadu deċiżjoni jew ipproponew deċiżjoni lill-korp rilevanti rigward l-ammont ta' dividend jew distribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu, l-ammont ta' dividend jew distribuzzjonijiet prevedibbli għas-sena finanzjarja taħt kunsiderazzjoni għandu jkun ugwali għas-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) l-ammont sħiħ tad-dividend jew tad-distribuzzjonijiet probabbli li għandhom jitħallsu matul is-sena finanzjarja li tkun għaddejja, li jikkorrispondi għall-profitti tas-snin finanzjarji preċedenti;

(b) wieħed minn dawn li ġejjin:

   (i) il-prodott tal-proporzjon tal-iżborż tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet u l-profitti interim kumulattivi realizzati jew stmati, skont il-każ, bejn il-bidu tas-sena finanzjarja li tkun għaddejja u d-data ta' referenza għall-kalkolu tar-riżerva ta' rikonċiljazzjoni;

   (ii) il-prodott tal-ammont stmat ta' dividendi jew distribuzzjonijiet li jikkorrispondu għall-profitti għas-sena finanzjarja kollha li tkun għaddejja u l-frazzjoni ta' dik is-sena finanzjarja li tkun għaddiet sad-data ta' referenza għall-kalkolu tar-riżerva ta' rikonċiljazzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, 'profitti' għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik taħt il-qafas kontabilistiku applikabbli.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (b), il-proporzjon tal-iżborż tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet jew l-ammont tal-iżborż għandhom jiġu determinati fuq il-bażi tal-politika dwar id-dividendi jew id-distribuzzjonijiet approvata mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju. Meta l-politika tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet ikun fiha firxa ta' żborż minflok valur fiss, għandu jintuża t-tarf ta' fuq tal-firxa.

5. Fin-nuqqas ta' politika approvata tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4, jew meta, fl-opinjoni tal-awtorità superviżorja, ikun probabbli li l-impriża ma tapplikax il-politika tagħha tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet, jew meta dik il-politika ma tkunx bażi prudenti li fuqha għandu jiġi ddeterminat l-ammont ta' tnaqqis, il-proporzjon jew l-ammont ta' żborż tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet għandu jkun ibbażat fuq l-aktar approċċ prudenti fost dawn li ġejjin:

(a) il-proporzjon jew l-ammont medju tal-iżborż tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet matul it-tliet snin finanzjarji qabel is-sena finanzjarja li tkun għaddejja;

(b) il-proporzjon jew l-ammont tal-iżborż tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet jew l-ammont tas-sena finanzjarja ta' qabel is-sena finanzjarja li tkun għaddejja;

(c) l-avviżi pubbliċi rilevanti dwar l-iżborż tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet.

6. L-impriża tista' teskludi mill-kalkolu tal-proporzjon jew tal-ammont ta' żborż tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punti (a) u (b), il-ħlas eċċezzjonali jew in-nuqqas ta' ħlas ta' dividendi jew distribuzzjonijiet, dment li tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, li tali ħlas jew nuqqas ta' ħlas ma jkunx rappreżentattiv tal-politika tagħha tad-dividendi jew tad-distribuzzjonijiet jew tal-prattiki ta' distribuzzjoni tal-passat.

*Artikolu 70b*

**Rekwiżiti ta' ħlas lura u ta' tifdija għall-klassifikazzjoni bħala fondi proprji**

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, kwalunkwe tranżazzjoni jew arranġament li għandhom l-istess effett ekonomiku bħal ħlas lura jew tifdija fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf jew l-ammont ta' fondi proprji eliġibbli għandhom jiġu ttrattati bħala ħlas lura jew tifdija.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-riakkwisti ta' ishma għandhom jitqiesu li għandhom l-istess effett ekonomiku bħall-ħlas lura jew it-tifdija, sakemm l-ishma li jinxtraw lura ma jintużawx biex jiġu eżerċitati opzjonijiet fuq l-istokks, immedjatament jew fi żmien mhux aktar minn xahar mid-data tal-eżekuzzjoni tal-programm ta' riakkwist ta' ishma.";

(24) l-Artikolu 81 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Aġġustament għall-fondi delimitati**";

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) huma sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-entrati ta' fondi proprji ristretti fi ħdan il-fond delimitat;

(b) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-fond delimitat.";

(ii) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-impriża tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bl-użu ta' mudell intern, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għandu jiġi kkalkulat bl-użu ta' dak il-mudell intern, daqslikieku l-impriża kellha biss dak in-negozju inkluż fil-fond delimitat.";

(25) fl-Artikolu 84, il-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-iskop ewlieni tal-impriża relatata huwa li żżomm u timmaniġġa l-assi f'isem l-impriża parteċipanti jew kwalunkwe impriża oħra tal-grupp li għalih tappartjeni l-impriża parteċipanti;";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-impriża relatata ma twettaq l-ebda negozju sinifikanti għajr li tinvesti għall-benefiċċju tal-impriża parteċipanti jew għal kwalunkwe impriża oħra tal-grupp li għalih tappartjeni l-impriża parteċipanti.";

(26) jiddaħħal l-Artikolu 89a li ġej:

"*Artikolu 89a*

**Kalkolu simplifikat għal modulu jew submodulu tar-riskju immaterjali**

1. Biex jiġi vvalutat jekk modulu jew submodulu tar-riskju wieħed jew aktar jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109(2) u (3) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkalkolaw kull wieħed minn tali moduli jew is-submoduli separatament.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jużaw kalkolu simplifikat, dment li jikkonformaw mal-Artikoli 88 u 89 ta' dan ir-Regolament, iżda mhux għall-modulu tar-riskju tas-suq jew kwalunkwe submodulu tar-riskju fi ħdan dak il-modulu tar-riskju.

2. Meta modulu jew submodulu tar-riskju wieħed jew aktar, għajr il-modulu tar-riskju tas-suq jew kwalunkwe submodulu tar-riskju fi ħdan il-modulu tar-riskju tas-suq, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109(2) u (3) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-valur ta' kull wieħed minn dawn il-moduli jew is-submoduli tar-riskju jista' jiġi kkalkolat, għal kull data ta' referenza mhux aktar tard minn tliet snin mid-data ta' referenza tal-kalkolu msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ġej:

$$SCR_t^k = max(SCR_0^k; f^k. \ Volume_t^k)$$

fejn:

(a) $SCR_t^k$ tindika r-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal modulu jew submodulu tar-riskju partikolari $k$ li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, fid-data ta' referenza $t$;

(b) $SCR_0^k$ tindika l-eżitu tal-kalkolu tal-modulu jew tas-submodulu tar-riskju $k$, imsemmi fil-paragrafu 1;

(c) $Volume_t^k$ tindika l-kejl tal-volum speċifiku għall-impriża għall-modulu jew is-submodulu tar-riskju $k$, fid-data ta' referenza $t$;

(d) $f^k$ tindika l-fattur ta' riskju għall-modulu jew is-submodulu tar-riskju $k$, ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 3.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tiġġustifika, għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, l-adegwatezza tal-kejl tal-volum speċifiku għall-impriża użat.

3. Il-fattur ta' riskju msemmi fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$f^k = \frac{SCR_0^k}{Volume_0^k}$$

fejn $Volume_0^k$tindika l-kejl tal-volum speċifiku għall-impriża għall-modulu jew is-submodulu tar-riskju $k$, fid-data ta' referenza tal-kalkolu tal-paragrafu 1.";

(27) fl-Artikolu 90b, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Għall-finijiet tal-paragrafi minn 1 sa 5, għandu japplika l-Artikolu 120(1a).";

(28) jiddaħħal l-Artikolu 107a li ġej:

"*Artikolu 107a*

**Kalkolu ssimplifikat tal-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju għal arranġamenti ta' riassigurazzjoni, derivattivi, jew titolizzazzjonijiet**

1. Meta l-Artikolu 88 jiġi osservat, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkolaw l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskji fuq is-sottoskrizzjoni u r-riskju tas-suq ta' arranġament tar-riassigurazzjoni, titolizzazzjoni jew derivattiv imsemmija fl-Artikolu 196 ma' kontroparti esterna $i$ kif ġej:

$$RM_i = \frac{|EAD_i|}{\sum_{CE} |EAD_{CE}|} \ . \ RM_{total}$$

fejn:

(a) $\sum_{CE} |EAD_{CE}|$ tindika s-somma tal-valuri assoluti tal-iskoperturi f'inadempjenza tal-arranġament ta' riassigurazzjoni, veikolu bi skop speċjali, titolizzazzjoni u derivattiv lejn kull kontroparti esterna CE;

(b) $|EAD_i|$ tindika l-valur assolut tal-iskopertura f'inadempjenza tal-arranġament ta' riassigurazzjoni, veikolu bi skop speċjali, titolizzazzjoni u derivattiv lejn il-kontroparti esterna $i$;

(c) $RM_{total}$ tindika l-effett totali ta' mitigazzjoni tar-riskji kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 3;

(d) is-somma tkopri l-iskoperturi kollha tal-kontroparti.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), il-valur tal-iskopertura f'inadempjenza ta' arranġament ta' riassigurazzjoni u titolizzazzjoni lejn kontroparti għandu jkun il-valur tal-aħjar stima tal-ammonti rekuperabbli mill-arranġament ta' riassigurazzjoni u t-titolizzazzjoni lejn dik il-kontroparti.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), l-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju totali għandu jkun ugwali għad-differenza bejn ir-rekwiżiti kapitali li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza bażiku ipotetiku skont is-suppożizzjonijiet li l-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti huwa ugwali għal 0 u li l-arranġament tar-riassigurazzjoni, il-veikolu bi skop speċjali, it-titolizzazzjoni jew id-derivattiv inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu ssimplifikat imsemmi fil-paragrafu 1 ma kinux jeżistu;

(b) ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza bażiku ipotetiku skont is-suppożizzjonijiet li l-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti huwa ugwali għal 0.";

(29) l-Artikolu 117 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) $\sigma_{(res,s)}$ tindika d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja tas-segment *s* kif stabbilit fil-paragrafi 4 u 5;";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja ta' segment partikolari għandha tkun ugwali għall-prodott tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva gross mhux tal-ħajja tas-segment stabbilit fl-Anness II u l-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali, meta tali riassigurazzjoni mhux proporzjonali tkun fis-seħħ għal dak is-segment partikolari, jew fattur ta' 100 % f'każijiet oħrajn. Għas-segmenti 1, 4 u 5 stabbiliti fl-Anness II, il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali għandu jkun ugwali għal 80 %. Għas-segmenti l-oħrajn kollha stabbiliti fl-Anness II, il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali għandu jkun ugwali għal 100 %.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:

"4. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness II, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja ta' segment partikolari għandha tkun ugwali għall-prodott tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva gross mhux tal-ħajja tas-segment stabbilit fl-Anness II u l-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali, meta tali riassigurazzjoni mhux proporzjonali tkun fis-seħħ għal dak is-segment partikolari, jew fattur ta' 100 % f'każijiet oħrajn.

Meta r-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tkun kopertura ta' żvilupp avvers li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu, il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$Aġġusta_{(NP,s)} = mass(0\ ;\frac{V_{(net,res,s)}\ \ 3\cdot\sigma_{(res,s,\ annex)} - ADC_{(rec,s)}\ \cdot C\cdot Pr + Par}{V_{(net,res,s)}\ \cdot 3\cdot\sigma_{(res,s,\ annex)}})$$

fejn:

(a) $V_{(nett,res,s)}$ tindika l-aħjar stima nominali tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fis-segment wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali tal-kopertura ta' żvilupp avvers;

(b) $\sigma_{(res,s,\ annex)}$ tindika d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja tas-segment s kif speċifikat fl-Anness II;

(c) $ADC_{(rec,s)}$ tindika l-irkupru tal-kopertura ta' żvilupp avvers taħt ix-xenarju tar-riskju ta' riżerva;

(d) *Par* tindika l-massimu tal-primjum ta' riassigurazzjoni addizzjonali, jew l-ekwivalenti tiegħu, u żero;

(e) *C* tindika ċ-ċessjoni lir-riassiguratur, espressa bħala perċentwal tal-ammonti tat-talba bejn il-punti ta' attakkament u ta' distakkament li tkopri r-riassigurazzjoni;

(f) *Pr* tindika l-fattur ta' prudenza, li għandu jkun ugwali għal 100 %.

Il-koperturi ta' żvilupp avvers imsemmija fit-tieni subparagrafu għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kull kopertura ta' żvilupp avvers tiġi applikata biss għal grupp speċifiku wieħed ta' politiki bl-istess karatteristiċi ta' riskju fl-istess segment, u jkollha punt ta' attakkament u ta' distakkament separat u distint;

(b) il-punt ta' attakkament imsemmi fil-punt (a) ma jaqbiżx il-prodott ta' $V_{(nett,res,s)}$ imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu u s-somma ta' 1 u $\sigma_{(res,s,\ anness)}$ imsemmija fil-punt (b) ta' dak is-subparagrafu.

Għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali minbarra dawk imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-fattur ta' aġġustament għandu jkun ta' 100 %.

5. L-irkupru tal-kopertura tal-iżvilupp avvers imsemmi fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, il-punt (c) għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$ADC_{(rec,s)} = min\ [V_{(net,res,s)} \cdot (1 + 3 \cdot \sigma_{(res,s,annex)}) - R_{(ap)}; R_{(cs)}]$$

fejn:

(a) $V_{(nett,res,s)}$ tindika l-aħjar stima nominali tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fis-segment wara t-tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali tal-kopertura ta' żvilupp avvers;

(b) $\sigma_{(res,s,anness)}$ tindika d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja tas-segment s kif stabbilit fl-Anness II;

(c) $R_{(ap)}$ tindika l-punt ta' attakkament tal-istruttura tar-riassigurazzjoni;

(d) $R_{(cs)}$ tindika d-daqs tal-kopertura ta' żvilupp avvers li tkun disponibbli għall-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.";

(30) fl-Artikolu 120, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'maltempata tar-riħ' tfisser periklu meteoroloġiku li jinvolvi avvenimenti ta' maltempati kkaratterizzati minn irjieħ b'veloċità għolja ġġenerati minn disturbi atmosferiċi, inklużi ċikluni ekstratropikali u ċikluni tropikali; maltempata tar-riħ tinkludi mareġġata, fejn tkun materjalment preżenti, u ma tinkludix maltempati konvettivi;

(b) 'terremot' tfisser periklu ġeofiżiku kkaratterizzat minn moviment f'daqqa ta' blokka tal-qoxra ta' barra tad-Dinja tul ħsara ġeoloġika u theżżiż tal-art assoċjat; terremot ma jinkludix tsunami jew nar wara l-avveniment sismiku;

(c) 'għargħar' tfisser periklu idroloġiku li jinvolvi l-għargħar temporanju ta' art normalment xotta bl-ilma li jirriżulta mill-fluss eċċessiv ta' ilmijiet interni jew tal-wiċċ, inklużi għargħar tax-xmajjar jew fluvjali, għargħar tal-ilma tal-wiċċ jew pluvjali kkawżat mix-xita, jew għargħar għal għarrieda, kemm jekk jirriżulta minn kawżi fluvjali, pluvjali, jew kawżi kkombinati; għargħar ma jinkludix mareġġata;

(d) 'silġ' tfisser periklu meteoroloġiku li jinvolvi l-waqgħa ta' ġebel jew pellets solidi tas-silġ u li jinkludi maltempati konvettivi severi, tornadoes u sajjetti;

(e) 'ċediment' tfisser periklu ġeofiżiku li jinvolvi l-iskular tal-art minħabba bidliet naturali jew ikkawżati mill-bniedem fil-kundizzjonijiet tas-sottosuperfiċe, inkluż it-tnaqqis jew in-nefħa tat-trab tafli.";

(31) fl-Artikolu 123(7), il-formula hija sostitwita b'din li ġejja:

$$\text{“}SI_{(għargħar,r,i)} = SI_{(proprjetà,r,i)} + SI_{(proprjetà\ fuq\ l\text{-}art,\ r,i)} + 1{,}5 \cdot SI_{(mutur,r,i)}\text{”;}$$

(32) fl-Artikolu 124(7), il-formula hija sostitwita b'din li ġejja:

$$\text{“}SI_{(silġ,r,i)} = SI_{(proprjetà,r,i)} + SI_{(proprjetà\ fuq\ l\text{-}art,\ r,i)} + 10 \cdot SI_{(mutur,r,i)}\text{”;}$$

(33) l-Artikolu 125 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 125*

**Submodulu tar-riskju ta' ċediment**

1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' ċediment għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$SCR_{subsidence} = \sqrt{\Big(\sum_{(r,s)} CorrS_{(r,s)} * SCR_{(subsidence,r)} * SCR_{(subsidence,s)}\Big) + SCR^2_{(subsidence,\ other)}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli *(r,s)* tar-reġjuni stabbiliti fl-Anness VIIIa;

(b) $CorrS_{(r,s)}$ tindika l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' ċediment għar-reġjun r u r-reġjun s kif stabbilit fl-Anness VIIIa;

(c) $SCR_{(ċediment,r)}$ u $SCR_{(ċediment,s)}$ jindikaw ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' ċediment fir-reġjuni *r* u *s*, rispettivament;

(d) $SCR_{(ċediment,\ oħrajn)}$ tindika r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' ċediment f'reġjuni oħrajn minbarra dawk stabbiliti fl-Anness XIII.

2. Għar-reġjuni kollha stabbiliti fl-Anness VIIIa, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' ċediment f'reġjun partikolari r għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżultaw minn telf istantanju ta' ammont li, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u l-veikoli bi skop speċjali, huwa ugwali għal dan li ġej:

$$L_{(subsidence,r)} = \sqrt{\sum_{(i,j)} Corr_{(subsidence,r,i,j)} * WSI_{(subsidence,\ r,\ i)} * WSI_{(subsidence,\ r,j)}}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi t-taħlitiet kollha possibbli taż-żoni ta' riskju (*i,j*) tar-reġjun *r* kif stabbilit fl-Anness IX;

(b) $Corr_{(ċediment,r,i,j)}$ tindika l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni għar-riskju ta' ċediment fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* kif stabbilit fl-Anness XXVI;

(c) $WSI_{(ċediment,r,i)}$ u $WSI_{(ċediment,r,j)}$ jindikaw is-somom ponderati assigurati għar-riskju ta' ċediment fiż-żoni ta' riskju *i* u *j* tar-reġjun *r* kif stabbilit fl-Anness IX.

3. Għar-reġjuni kollha stabbiliti fl-Anness VIIIa u ż-żoni ta' riskju kollha ta' dawk ir-reġjuni stabbiliti fl-Anness IX, is-somma ponderata assigurata għar-riskju ta' ċediment f'żona ta' riskju partikolari *i* ta' reġjun partikolari *r* għandha tkun ugwali għal din li ġejja:

$$WSI_{(ċediment,i)} = Q_{(ċediment,r)} \cdot W_{(ċediment,r,i)} \cdot SI_{(ċediment,r,i)}$$

fejn:

(a) $W_{(ċediment,r,i)}$ tindika l-piż tar-riskju għar-riskju ta' ċediment fiż-żona ta' riskju *i* tar-reġjun *r* stabbilit fl-Anness X;

(b) $SI_{(ċediment,r,i)}$ tindika s-somma assigurata tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal-linji operatorji 7 u 19 kif stabbilita fl-Anness I b'rabta ma' kuntratti li jkopru r-riskju ta' ċediment ta' bini residenzjali fiż-żona ta' ċediment *i* tar-reġjun *r*;

(c) $Q_{(\dot{c}ediment,\ r)}$ tindika l-fattur tar-riskju ta' ċediment għar-reġjun *r* kif stabbilit fl-Anness VIIIa.

Meta l-ammont determinat għal żona ta' riskju partikolari f'konformità mal-ewwel subparagrafu jaqbeż ammont (imsemmi f'dan is-subparagrafu bħala 'l-ammont il-baxx') ugwali għas-somma ta' telf potenzjali mingħajr tnaqqis tal-ammonti rikoverabbli mill-kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista' ssofri minn riskju ta' ċediment f'dik iż-żona ta' riskju, waqt li jitqiesu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-poloz speċifiċi tagħha, inkluż kwalunkwe limitu ta' ħlas kuntrattwali, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tista', bħala kalkolu alternattiv, tiddetermina s-somma ponderata assigurata għal riskju ta' ċediment f'dik iż-żona ta' riskju bħala l-ammont il-baxx.";

(34) l-Artikolu 129(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-formula hija sostitwita b'din li ġejja:

$$“L_{mutur} = mass\,(8\ 100\ 000;\ 67\ 500 \cdot \sqrt{N_a + 0,05 \cdot N_b + 0,95 \cdot min(N_b;\ 20\ 000)}”;$$

(b) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(a) $N_a$ huwa n-numru ta' vetturi assigurati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-linji operatorji 4 u 16 kif stabbilit fl-Anness I b'limitu ta' polza preżunt ogħla minn EUR 32 400 000;

(b) $N_b$ huwa n-numru ta' vetturi assigurati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-linji operatorji 4 u 16 kif stabbilit fl-Anness I b'limitu ta' polza preżunt inqas minn jew ugwali għal EUR 32 400 000.";

(35) l-Artikolu 130 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a), "EUR 250 000" huwa sostitwit b'"EUR 337 500";

(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali ipotetiku msemmi fl-Artikolu 196(a), kemm l-identifikazzjoni tas-sett ta' bastimenti tal-baħar, tal-lagi, tax-xmajjar u tal-kanali li jikkorrispondu għas-somma massima assigurata f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-identifikazzjoni tas-sett ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta li jikkorrispondu għas-somma massima assigurata f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom iqisu l-eżistenza ta' arranġamenti ta' riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u titolizzazzjonijiet.";

(36) fl-Artikolu 131, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali ipotetiku msemmi fl-Artikolu 196(a), l-identifikazzjoni tas-sett ta' inġenji tal-ajru li jikkorrispondu għall-akbar somma assigurata f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tqis l-eżistenza ta' arranġamenti ta' riassigurazzjoni, vetturi bi skop speċjali u titolizzazzjonijiet.";

(37) fl-Artikolu 132, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit kapitali ipotetiku msemmi fl-Artikolu 196(a), l-identifikazzjoni tas-sett ta' binjiet li jikkorrispondu għall-akbar konċentrazzjoni ta' riskju ta' nirien f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tqis l-eżistenza ta' arranġamenti ta' riassigurazzjoni, vetturi bi skop speċjali u titolizzazzjonijiet.";

(38) fl-Artikolu 142(6), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-eventi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw b'mod uniformi għall-kuntratti kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kkonċernati. B'rabta mal-kuntratti tar-riassigurazzjoni, l-event imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-ewwel paragrafu għandu japplika għall-kuntratti tal-assigurazzjoni sottostanti.";

(39) l-Artikolu 148 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) $\sigma_{(res,s)}$ tindika d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tas-segment *s* kif stabbilit fil-paragrafi 4 u 5;";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness XIV, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT ta' segment partikolari għandha tkun ugwali għall-prodott tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT tas-segment stabbilit fl-Anness XIV u l-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali, meta tali riassigurazzjoni mhux proporzjonali tkun fis-seħħ għal dak is-segment partikolari, jew fattur ta' 100 % f'każijiet oħrajn.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:

"4. Għas-segmenti kollha stabbiliti fl-Anness XIV, id-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva NSLT ta' segment partikolari għandha tkun ugwali għall-prodott tad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva gross NSLT tas-segment stabbilit fl-Anness XIV u l-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali, meta tali riassigurazzjoni mhux proporzjonali tkun fis-seħħ għal dak is-segment partikolari, jew fattur ta' 100 % f'każijiet oħrajn.

Meta r-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tkun kopertura ta' żvilupp avvers li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-raba' subparagrafu, il-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$Aġġusta_{(NP,s)} = mass\left(0\,;\frac{V_{(net,res,s)}\cdot 3\cdot\sigma_{(res,s,\ annex)} - ADC_{(rec,s)}\cdot C\cdot Pr + Par}{V_{(net,res,s)}\cdot 3\cdot\sigma_{(res,s,\ annex)}}\right)$$

fejn:

(a) $V_{(nett,res,s)}$ tindika l-aħjar stima nominali tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fis-segment nett mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali tal-kopertura ta' żvilupp avvers;

(b) $\sigma_{(res,s,\ annex)}$ tindika d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tas-segment s kif stabbilit fl-Anness XIV;

(c) $ADC_{(rec,s)}$ tindika l-irkupru tal-kopertura ta' żvilupp avvers taħt ix-xenarju tar-riskju ta' riżerva;

(d) *Par* tindika l-massimu tal-primjum ta' riassigurazzjoni addizzjonali, jew l-ekwivalenti tiegħu, u żero;

(e) *C* tindika ċ-ċessjoni lir-riassiguratur, espressa bħala perċentwal tal-ammonti tat-talba bejn il-punti ta' attakkament u ta' distakkament li tkopri r-riassigurazzjoni;

(f) *Pr* tindika l-fattur ta' prudenza, li għandu jkun ugwali għal 100 %.

Il-koperturi ta' żvilupp avvers imsemmija fit-tieni subparagrafu għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kull kopertura ta' żvilupp avvers tiġi applikata biss għal grupp speċifiku wieħed ta' politiki bl-istess karatteristiċi ta' riskju fl-istess segment, u jkollha punt ta' attakkament u ta' distakkament separat u distint;

(b) il-punt ta' attakkament imsemmi fil-punt (a) ma jaqbiżx il-prodott ta' $V_{(nett,res,s)}$ imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), u s-somma ta' 1 u $\sigma_{(res,s,anness)}$ imsemmija fil-punt (b) ta' dak is-subparagrafu.

Ghar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali minbarra dawk imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-fattur ta' aġġustament għandu jkun ta' 100 %.

5. L-irkupru tal-kopertura tal-iżvilupp avvers imsemmi fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, il-punt (c) għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$ADC_{(rec,s)} = min[V_{(net,res,s)} \cdot (1 + 3 \cdot \sigma_{(res,s,annex)}) - R_{(ap)}; R_{(cs)}]$$

fejn:

(a) $V_{(nett,res,s)}$ tindika l-aħjar stima nominali tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fis-segment nett mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali tal-kopertura ta' żvilupp avvers;

(b) $R_{(ap)}$ tindika l-punt ta' attakkament tal-istruttura tar-riassigurazzjoni;

(c) $R_{(cs)}$ tindika d-daqs tal-kopertura ta' żvilupp avvers li tkun disponibbli għall-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(d) $\sigma_{(res,s,\ annex)}$ tindika d-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tas-segment s kif stabbilit fl-Anness XIV.";

(40) l-Artikolu 157 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 157*

**Submodulu tar-riskju tal-ispejjeż tas-saħħa**

'Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-ispejjeż tas-saħħa għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jirriżulta mit-taħlita tal-bidliet permanenti f'daqqa li ġejjin:

(a) żieda ta' 10 % fl-ammont ta' spejjeż meqjusa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi;

(b) żieda ta' punt perċentwali wieħed fir-rata tal-inflazzjoni tal-ispejjeż (espressa bħala perċentwal) użata għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Għall-obbligi tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw dawk il-bidliet għall-ispejjeż tagħhom stess u, meta rilevanti, għall-ispejjeż tal-impriżi ċedenti.";

(41) fl-Artikolu 164, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun ugwali għall-entrata stabbilita fir-ringiela *i* u fil-kolonna *j* tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejja:

| *i* \ *j* | Rata tal-imgħax | Ekwità | Proprjetà | Firxa | Konċentrazzjoni | Munita |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-imgħax | 1 | A | A | B | 0 | 0,25 |
| Ekwità | A | 1 | 0,75 | 0,75 | 0 | 0,25 |
| Proprjetà | A | 0,75 | 1 | 0,5 | 0 | 0,25 |
| Firxa | B | 0,75 | 0,5 | 1 | 0 | 0,25 |
| Konċentrazzjoni | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 |
| Munita | 0,25 | 0,25 | 0,25 | 0,25 | 0 | 1 |

Il-parametru A jkun ugwali għal 0 meta r-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax stipulat fl-Artikolu 165 huwa r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (a) ta' dak l-Artikolu. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-parametru A jkun 0,5.

Il-parametru B għandu jkun ugwali għal 0 meta r-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax stabbilit fl-Artikolu 165 huwa r-rekwiżit kapitali msemmi fil-punt (a) ta' dak l-Artikolu. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-parametru B għandu jkun ugwali għal 0,25.";

(42) fl-Artikolu 165, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax imsemmi fl-Artikolu 105(5), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tad-Direttiva 2009/138/KE għandu jkun ugwali għall-akbar waħda minn dawn li ġejjin:

(a) is-somma tar-rekwiżiti kapitali għal kull munita għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stabbilit fl-Artikolu 166 ta' dan ir-Regolament;

(b) is-somma tar-rekwiżiti kapitali għal kull munita għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax kif stabbilit fl-Artikolu 167 ta' dan ir-Regolament.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-munita domestika ta' Stat Membru tkun marbuta mal-euro, u l-istruttura bażika tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju għall-euro, aġġustata għar-riskju tal-munita, tintuża biex tiġi kkalkolata l-aħjar stima fir-rigward tal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni indikati f'dik il-munita f'konformità mal-Artikolu 48(1), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkalkolaw rekwiżit kapitali uniku għar-riskju ta' żieda konġunta jew, kif applikabbli, tnaqqis fl-istruttura tat-termini tar-rati tal-imgħax denominati fl-euro u f'dik il-munita.";

(43) l-Artikolu 166 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' żieda fl-istruttura tat-terminu tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn żieda f'daqqa fir-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju għal dik il-munita f'maturitajiet differenti. Ir-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju miżjuda għal maturità partikolari għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-paragrafi 2 u 2a.

2. Għal munita partikolari u għall-maturitajiet sa u inkluż l-ewwel punt ta' livellar, ir-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju miżjuda għandha tkun ugwali għal din li ġejja:

$$r_m^{up} = r_m \cdot (1 + s_m^{up}) + b_m^{up}$$

fejn:

(a) $m$ tindika l-maturità fi snin;

(b) $r_m^{up}$ tindika r-rata tal-imgħax mingħajr riskju miżjuda fil-maturità $m$;

(c) $r_m$ tindika r-rata tal-imgħax kurrenti mingħajr riskju fil-maturità $m$;

(d) $s_m^{up}$ and $b_m^{up}$ għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(i) għall-maturitajiet $m$ ta' inqas minn sena, $s_m^{up}$ għandha tkun ugwali għal 61 % u $b_m^{up}$ għandha tkun ugwali għal 2,14 %;

(ii) għall-maturitajiet $m$ espressi fi snin li huma numru sħiħ bejn sena u 50 sena, $s_m^{up}$ and $b_m^{up}$ għandha tqis il-valuri f'konformità mat-tabella li ġejja:

| Maturità $m$ (fi snin) | $s_m^{up}$ | $b_m^{up}$ |
|---|---|---|
| 1 | 61 % | 2,14 % |
| 2 | 53 % | 1,86 % |
| 3 | 49 % | 1,72 % |
| 4 | 46 % | 1,61 % |
| 5 | 45 % | 1,58 % |
| 6 | 41 % | 1,44 % |
| 7 | 37 % | 1,30 % |

| Maturità $m$ (fi snin) | $s_m^{up}$ | $b_m^{up}$ |
|---|---|---|
| 8 | 34 % | 1,19 % |
| 9 | 32 % | 1,12 % |
| 10 | 30 % | 1,05 % |
| 11 | 30 % | 1,05 % |
| 12 | 30 % | 1,05 % |
| 13 | 30 % | 1,05 % |
| 14 | 29 % | 1,02 % |
| 15 | 28 % | 0,98 % |
| 16 | 28 % | 0,98 % |
| 17 | 27 % | 0,95 % |
| 18 | 26 % | 0,91 % |
| 19 | 26 % | 0,91 % |
| 20 | 25 % | 0,88 % |
| 21 | 25 % | 0,87 % |
| 22 | 24 % | 0,85 % |
| 23 | 24 % | 0,82 % |
| 24 | 23 % | 0,80 % |
| 25 | 22 % | 0,78 % |
| 26 | 22 % | 0,76 % |
| 27 | 21 % | 0,74 % |
| 28 | 21 % | 0,72 % |
| 29 | 20 % | 0,70 % |
| 30 | 20 % | 0,69 % |
| 31 | 20 % | 0,70 % |
| 32 | 20 % | 0,71 % |
| 33 | 20 % | 0,71 % |
| 34 | 20 % | 0,71 % |
| 35 | 20 % | 0,71 % |
| 36 | 20 % | 0,72 % |
| 37 | 21 % | 0,72 % |
| 38 | 21 % | 0,72 % |
| 39 | 21 % | 0,73 % |
| 40 | 21 % | 0,73 % |
| 41 | 21 % | 0,74 % |
| 42 | 21 % | 0,74 % |

| Maturità $m$ (fi snin) | $s_m^{up}$ | $b_m^{up}$ |
|---|---|---|
| 43 | 21 % | 0,75 % |
| 44 | 21 % | 0,75 % |
| 45 | 21 % | 0,75 % |
| 46 | 21 % | 0,75 % |
| 47 | 21 % | 0,75 % |
| 48 | 21 % | 0,74 % |
| 49 | 21 % | 0,74 % |
| 50 | 21 % | 0,73 % |

(iii) għall-maturitajiet $m$ ta' mill-inqas 60 sena, $b_m^{up}$ għandha tkun ugwali għal 0 %; għall-maturitajiet ta' mill-inqas 90 sena, $s_m^{up}$ għandha tkun ugwali għal 20 %;

(iv) għal maturitajiet $m$ oħrajn mhux speċifikati fil-punti minn (i) sa (iii), il-valuri ta' $s_m^{up}$ u $b_m^{up}$ għandhom jiġu interpolati b'mod lineari.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Għal munita partikolari u għal maturitajiet akbar mill-ewwel punt ta' livellar, ir-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju miżjuda għandhom jiġu derivati bl-applikazzjoni tal-metodu ta' estrapolazzjoni msemmi fl-Artikolu 77a tad-Direttiva 2009/138/KE għal struttura rilevanti ta' termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju taħt stress, meta dik l-istruttura rilevanti ta' termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju taħt stress tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni tas-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rata forward aħħarija taħt stress għandha tkun ugwali għas-somma ta' 15-il punt bażi u r-rata forward aħħarija kurrenti;

(b) l-istress għall-aħħar rati forward likwidi għandu jiġi ddeterminat billi jiġu applikati l-piżijiet użati għad-determinazzjoni tal-aħħar rata forward likwida kurrenti msemmija fl-Artikolu 46(1c) għall-istress applikat għar-rati tal-imgħax li jikkorrispondu għall-maturitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dak l-Artikolu, bis-suppożizzjoni li l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu japplika għal dawk il-maturitajiet.";

(44) l-Artikolu 167 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' tnaqqis fl-istruttura tat-termini tar-rati tal-imgħax għal munita partikolari għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa fir-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju għal dik il-munita b'maturitajiet differenti meta r-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju mnaqqsa għal maturità partikolari għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafi 2 u 2a.

Fi kwalunkwe każ, l-ebda rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju mnaqqsa ma għandha tkun aktar baxxa minn limitu minimu dipendenti fuq it-terminu. Il-limitu minimu għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

(a) għall-maturitajiet ta' bejn sena u seba' snin, il-limitu minimu għandu jkun ugwali għal – 1,25 %;

(b) għall-maturitajiet ta' mill-inqas 20 sena, il-limitu minimu għandu jkun ugwali għal – 0,893 %;

(c) għall-maturitajiet ta' bejn 7 snin u 20 sena, il-limitu minimu għandu jiġi interpolat b'mod lineari.

2. Għal munita partikolari u għall-maturitajiet sa u inkluż l-ewwel punt ta' livellar, ir-rata tal-imgħax bażika mingħajr riskju mnaqqsa għandha tkun ugwali għal din li ġejja:

$$r_m^{down} = r_m \cdot (1 - s_m^{down}) - b_m^{down}$$

fejn:

(a) $m$ tindika l-maturità fi snin;

(b) $r_m^{down}$ tindika r-rata tal-imgħax mingħajr riskju mnaqqsa fil-maturità $m$;

(c) $r_m$ tindika r-rata tal-imgħax kurrenti mingħajr riskju fil-maturità $m$;

(d) $s_m^{down}$ u $b_m^{down}$ għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

(i) għall-maturitajiet $m$ ta' inqas minn sena, $s_m^{down}$ għandha tkun ugwali għal 58 % u $b_m^{down}$ għandha tkun ugwali għal 1,16 %;

(ii) għall-maturitajiet $m$ espressi fi snin li huma numru sħiħ ta' bejn sena u 50 sena, $s_m^{down}$ u $b_m^{down}$ għandhom iqisu l-valuri f'konformità mat-tabella li ġejja:

| Maturità $m$ (fi snin) | $s_m^{down}$ | $b_m^{down}$ |
|---|---|---|
| 1 | 58 % | 1,16 % |
| 2 | 51 % | 0,99 % |
| 3 | 44 % | 0,83 % |
| 4 | 40 % | 0,74 % |
| 5 | 40 % | 0,71 % |
| 6 | 38 % | 0,67 % |
| 7 | 37 % | 0,63 % |
| 8 | 38 % | 0,62 % |
| 9 | 39 % | 0,61 % |
| 10 | 40 % | 0,61 % |
| 11 | 41 % | 0,60 % |
| 12 | 42 % | 0,60 % |
| 13 | 43 % | 0,59 % |
| 14 | 44 % | 0,58 % |
| 15 | 45 % | 0,57 % |
| 16 | 47 % | 0,56 % |
| 17 | 48 % | 0,55 % |
| 18 | 49 % | 0,54 % |
| 19 | 49 % | 0,52 % |
| 20 | 50 % | 0,50 % |
| 21 | 49 % | 0,49 % |

| Maturità *m* (fi snin) | $s_m^{down}$ | $b_m^{down}$ |
|---|---|---|
| 22 | 50 % | 0,49 % |
| 23 | 51 % | 0,48 % |
| 24 | 51 % | 0,48 % |
| 25 | 52 % | 0,47 % |
| 26 | 52 % | 0,46 % |
| 27 | 53 % | 0,45 % |
| 28 | 53 % | 0,44 % |
| 29 | 53 % | 0,42 % |
| 30 | 53 % | 0,41 % |
| 31 | 53 % | 0,40 % |
| 32 | 53 % | 0,39 % |
| 33 | 54 % | 0,37 % |
| 34 | 54 % | 0,36 % |
| 35 | 54 % | 0,35 % |
| 36 | 54 % | 0,34 % |
| 37 | 55 % | 0,33 % |
| 38 | 55 % | 0,32 % |
| 39 | 56 % | 0,31 % |
| 40 | 57 % | 0,30 % |
| 41 | 57 % | 0,29 % |
| 42 | 58 % | 0,28 % |
| 43 | 59 % | 0,27 % |
| 44 | 61 % | 0,26 % |
| 45 | 62 % | 0,25 % |
| 46 | 62 % | 0,23 % |
| 47 | 63 % | 0,22 % |
| 48 | 64 % | 0,21 % |
| 49 | 64 % | 0,19 % |
| 50 | 65 % | 0,18 % |

(iii) għall-maturitajiet *m* ta' mill-inqas 60 sena, $b_m^{down}$għandha tkun ugwali għal 0 %; għall-maturitajiet ta' mill-inqas 90 sena, $s_m^{down}$għandha tkun ugwali għal 20 %;

(iv) għal maturitajiet *m* oħrajn mhux speċifikati fil-punti minn (i) sa (iii), il-valuri ta' $s_m^{down}$u $b_m^{down}$għandhom jiġu interpolati b'mod lineari.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Għal munita partikolari u għal maturitajiet akbar mill-ewwel punt ta’ livellar, ir-rati tal-imgħax bażiċi mingħajr riskju mnaqqsa għandhom jiġu derivati bl-applikazzjoni tal-metodu ta’ estrapolazzjoni msemmi fl-Artikolu 77a tad-Direttiva 2009/138/KE għal struttura rilevanti ta’ termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju taħt stress, meta l-istruttura rilevanti ta’ termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju taħt stress tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni tas-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rata forward aħħarija taħt stress għandha tkun ugwali għad-differenza bejn ir-rata forward aħħarija kurrenti u 15-il punt bażi;

(b) l-istress għall-aħħar rati forward likwidi għandu jiġi ddeterminat billi jiġu applikati l-piżijiet użati għad-determinazzjoni tal-aħħar rata forward likwida kurrenti msemmija fl-Artikolu 46(1c) għall-istress applikat għar-rati tal-imgħax li jikkorrispondu għall-maturitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta’ dak l-Artikolu bis-suppożizzjoni li l-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu japplika għal dawk il-maturitajiet.”;

(45) fl-Artikolu 168a(1), il-punt (f) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(f) kull kumpanija tissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għal kull waħda mill-aħħar tliet snin finanzjarji li jintemmu qabel id-data li fiha qed jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza:

(i) il-fatturat annwali tal-kumpanija jaqbeż EUR 12 800 000;

(ii) it-total tal-karta bilanċjali tal-kumpanija jaqbeż EUR 12 800 000;

(iii) l-għadd ta’ membri tal-persunal impjegati mill-kumpanija jaqbeż il-50;”;

(46) l-Artikolu 169 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) tnaqqis f’daqqa ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti ta’ ekwità tat-tip 1 li huma ttrattati bħala investimenti ta’ ekwità fit-tul f’konformità mal-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE;”;

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) tnaqqis f’daqqa ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti ta’ ekwità tat-tip 2 li huma ttrattati bħala investimenti ta’ ekwità fit-tul f’konformità mal-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE;”;

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) tnaqqis f’daqqa ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti ta’ ekwità fl-infrastruttura kwalifikanti li huma ttrattati bħala investiment ta’ ekwità fit-tul f’konformità mal-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE;”;

(d) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) tnaqqis f’daqqa ugwali għal 22 % fil-valur tal-investimenti ta’ ekwità korporattiva tal-infrastruttura kwalifikanti li huma ttrattati bħala investimenti ta’ ekwità fit-tul f’konformità mal-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE;”;

(e) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Għall-finijiet tal-paragrafi minn 1 sa 4, meta l-valur ta’ investiment ta’ ekwità jkun negattiv, u meta t-telf li jista’ jiġġarrab fuq l-investiment jista’ jaqbeż l-ammont investit mill-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) it-terminu ‘valur tal-investimenti ta’ ekwità tat-tip 1’ għandu jfisser ‘valur assolut tal-investimenti ta’ ekwità tat-tip 1’;

(b) it-terminu ‘valur tal-investimenti ta’ ekwità tat-tip 2’ għandu jfisser ‘valur assolut tal-investimenti ta’ ekwità tat-tip 2’;

(c) it-terminu ‘valur tal-investimenti ta’ ekwità infrastrutturali kwalifikanti’ għandu jfisser ‘valur assolut tal-investimenti ta’ ekwità infrastrutturali kwalifikanti’; u

(d) it-terminu ‘valur tal-investimenti ta’ ekwità korporattiva ta’ infrastruttura kwalifikanti’ għandu jfisser ‘valur assolut tal-investimenti ta’ ekwità korporattiva ta’ infrastruttura kwalifikanti’.

L-ewwel subparagrafu ma għandu japplika għal ebda pożizzjoni qasira ta’ ekwità.

Għall-finijiet tal-paragrafi minn 1 sa 4, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassumu li l-investimenti ta’ ekwità b’valuri negattivi għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom valur ta’ 0.”;

(47) l-Artikolu 170 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 304(1) tad-Direttiva 2009/138/KE qabel id-29 ta’ Jannar 2027, ir-rekwiżit kapitali għall-ekwitajiet tat-tip 1 għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis f’daqqa li ġej:”;

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 304(1) tad-Direttiva 2009/138/KE qabel id-29 ta’ Jannar 2027, ir-rekwiżit kapitali għall-ekwitajiet tat-tip 2 għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis f’daqqa li ġej:”;

(c) fil-paragrafu 3, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 304(1) tad-Direttiva 2009/138/KE qabel id-29 ta’ Jannar 2027, ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet tal-infrastruttura kwalifikanti għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis f’daqqa li ġej:”;

(d) fil-paragrafu 4, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 304(1) tad-Direttiva 2009/138/KE qabel id-29 ta’ Jannar 2027, ir-rekwiżit kapitali għal ekwitajiet korporattivi tal-infrastruttura kwalifikanti għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta mit-tnaqqis f’daqqa li ġej:”;

(48) fl-Artikolu 171, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 169(1), il-punt (a), 169(2), il-punt (a), 169(3), il-punt (a), u 169(4), il-punt (a), u tal-Artikolu 170(1), il-punt (b), 170(2), il-punt (b), 170(3), il-punt (b) u 170(4), il-punt (b), l-investimenti ta’ ekwità ta’ natura strateġika għandhom ifissru investimenti ta’ ekwità li għalihom ma japplikax l-approċċ ta’ trasparenza u li għalihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti turi dan li ġej:”;

(49) l-Artikolu 171a huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 171a*

**Investimenti ta’ ekwità fit-tul: Dimostrazzjoni tal-kapaċità li jiġi evitat bejgħ furzat**

1. Għall-finijiet li tintwera l-kapaċità tagħhom li jevitaw il-bejgħ furzat ta’ investimenti ta’ ekwità fuq bażi kontinwa u taħt kundizzjonijiet ta’ stress, kif imsemmi fl-Artikolu 105a(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(a) il-metodoloġiji msemmija fl-Artikolu 171b ta’ dan ir-Regolament biex jivvalutaw jekk jistgħux jevitaw bejgħ furzat; jew

(b) it-test tal-bejgħ furzat stabbilit fl-Artikolu 171c ta’ dan ir-Regolament.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw b'mod konsistenti l-approċċ magħżul bl-iskop li juru l-konformità mal-Artikolu 105a(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu jbiddlu l-approċċ magħżul meta juru, għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, li tali bidla hija ġustifikata, filwaqt li jqisu l-profil tar-riskju tal-impriża, l-ammont ta' investimenti ta' ekwità maħsuba biex jiġu kklassifikati bħala investimenti fit-tul, u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji tal-impriża.";

(50) jiddaħħlu l-Artikoli 171b, 171c u 171d li ġejjin:

"*Artikolu 171b*

**Investimenti ta' ekwità fit-tul: metodoloġiji biex jiġi evitat il-bejgħ furzat**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 171a(1), il-punt (a), l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun kapaċi turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja li hija tikkonforma ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ammont suffiċjenti ta' gruppi ta' riskju omoġeni partikolari tal-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-ħajja, li d-durata Macaulay tagħhom jaqbeż id-9,5 snin, huma illikwidi skont it-tifsira tal-paragrafu 2; jew

(b) riżerva ta' likwidità suffiċjenti hija fis-seħħ għall-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja, ikkalkolata f'konformità mal-paragrafi minn 3 sa 5.

2. Il-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandha titqies li ġiet issodisfata meta l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tikkonforma maż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-obbligazzjonijiet illikwidi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jaqbeż l-ammont totali ta' investimenti ta' ekwità fil-portafoll ta' assi relatati mal-obbligi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tal-ħajja;

(b) Is-sehem tal-investimenti ta' ekwità li għalihom huwa maħsub li jiġi applikat l-Artikolu 105a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE ma jaqbiżx l-ogħla livell ta' żero u l-proporzjon tal-valur f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE ta' obbligazzjonijiet illikwidi msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għall-aħjar stima totali tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, grupp ta' riskju omoġenu ta' obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tal-ħajja għandu jitqies illikwidu meta r-rekwiżit kapitali għal kull wieħed mir-riskji li ġejjin ikun inqas minn 5 % tal-aħjar stima tal-obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dak il-grupp ta' riskju omoġenu:

(a) ir-riskju ta' mortalità msemmi fl-Artikolu 137;

(b) ir-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza msemmi fl-Artikolu 142(1), il-punt (a);

(c) ir-riskju ta' mortalità tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 152;

(d) ir-riskju ta' żieda permanenti fir-rati ta' skadenza tas-saħħa SLT imsemmi fl-Artikolu 159(1), il-punt (a).

3 Il-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha titqies issodisfata meta r-riżerva ta' likwidità kkalkolata f'konformità mal-paragrafi 4 sa 6 tkun ogħla minn 100 %.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, ir-riżerva ta' likwidità għandha tiġi kkalkolata bħala l-proporzjon tal-valur tal-portafoll ta' assi likwidi li jikkorrispondu għal attivitajiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja għall-aħjar stima ta' provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja netti mir-riassigurazzjoni, ikkalkolati f'konformità mal-paragrafi 4 u 5.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-portafoll ta' assi likwidi li jikkorrispondu għal attivitajiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja għandu jinkludi assi tal-Livell 1, assi tal-Livell 2A u assi tal-Livell 2B, skont it-tifsira ta' dan il-paragrafu.

Is-somma tal-valuri għall-finijiet ta' solvenza tal-assi tal-Livell 2A u tal-Livell 2B ma għandhiex taqbeż l-40 % tal-valur totali għall-finijiet ta' solvenza tal-portafoll ta' assi likwidi msemmija fl-ewwel subparagrafu. Il-valur għall-finijiet ta' solvenza tal-assi tal-Livell 2B ma għandux jaqbeż il-15 % tal-valur totali għall-finijiet ta' solvenza tal-portafoll ta' assi likwidi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Assi likwidi miżmuma permezz ta' impriżi ta' investiment kollettiv u permezz ta' investimenti oħra aggregati bħala fondi li fihom l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollhom unitajiet jew ishma, jista' jittieħed kont tagħhom sa ammont assolut ta' EUR 500 miljun.

L-assi tal-Livell 1 għandhom jinkludu biss assi li jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

(a) flus u ekwivalenti ta' flus;

(b) assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq waħda mill-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 180(2);

(c) assi li huma garantiti bis-sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli minn waħda mill-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 180(2), meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215.

L-assi tal-Livell 2A għandhom jinkludu biss assi li jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

(a) bonds u self li jkunu ġew assenjati għall-iskala tal-kwalità kreditizja 0 jew 1, esklużi bonds u self maħruġa minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew entitajiet tas-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) bonds koperti msemmija fl-Artikolu 180(1) li jkunu ġew assenjati għall-iskala tal-kwalità kreditizja 0 jew 1, esklużi dawk li jinħarġu minn entità tas-settur finanzjarju li hija parti mill-istess grupp.

L-assi tal-Livell 2B għandhom jinkludu biss assi li jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

(a) titolizzazzjoni STS li jew tkun ġiet assenjata valutazzjoni tal-kreditu tal-iskala tal-kwalità kreditizja 0 jew 1 minn ECAI nnominata, jew li tkun segment superjuri, u li ma tkunx oriġinat minn entitajiet li jappartjenu għall-istess grupp bħall-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) bonds u self li jkunu ġew assenjati għall-iskala tal-kwalità kreditizja 2 jew 3, esklużi bonds u self maħruġa minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew entitajiet tas-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) investimenti f'ekwitajiet, għajr investimenti ta' ekwità fit-tul jew ekwitajiet strateġiċi, u għajr investimenti f'impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji u ditti tal-investiment, li jew huma elenkati fi swieq regolati fil-pajjiżi li huma membri taż-ŻEE jew tal-OECD, jew innegozjati fuq faċilitajiet ta' negozjar multilaterali, kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (22), tad-Direttiva 2014/65/UE, li l-uffiċċju rreġistrat jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

5. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' likwidità msemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) il-valur tal-portafoll tal-assi likwidi msemmi fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, għandu jkun is-somma ta' dawn li ġejjin:

— il-valur għall-finijiet ta' solvenza tal-assi tal-Livell 1, soġġett għal haircut ta' 0 %;

— il-valur għall-finijiet ta' solvenza tal-assi tal-Livell 2A, soġġett għal haircut ta' 15 %;

— il-valur għall-finijiet ta' solvenza tat-titolizzazzjonijiet li jaqgħu taħt assi tal-Livell 2B, soġġett għal haircut ta' 25 %;

— il-valur għall-finijiet ta' solvenza tal-assi tal-Livell 2B, soġġett għal haircut ta' 50 %;

(b) għall-finijiet tal-kalkolu tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja msemmija fil-paragrafu 4, flussi tal-flus li jirriżultaw minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 209, 211 u 213 għandhom ikunu soġġetti għal haircut ta' 15 %. Flussi tal-flus li jirriżultaw minn kuntratti tar-riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 209, 211 u 213 għandhom ikunu soġġetti għal haircut ta' 50 %.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 5, il-punt (a), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw l-haircuts li ġejjin għall-investimenti tagħhom f'assi likwidi miżmuma permezz ta' impriżi ta' investiment kollettiv u permezz ta' investimenti oħra aggregati bħala fondi li fihom l-impriżi jkollhom unitajiet jew ishma:

(a) 0 % għal flus u ekwivalenti ta' flus;

(b) 5 % għal assi tal-Livell 1 għajr flus u ekwivalenti ta' flus;

(c) 20 % għal assi tal-Livell 2A;

(d) 30 % għal titolizzazzjonijiet li jaqgħu taħt assi tal-Livell 2B;

(e) 55 % għal assi tal-Livell 2B għajr titolizzazzjonijiet.

*Artikolu 171c*

**Investimenti ta' ekwità fit-tul: test tal-bejgħ furzat**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 171a(1), il-punt (b), l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun tista' turi, għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, dan kollu li ġej:

(a) l-impriża tikkonforma mal-limiti tat-tolleranza għar-riskju tagħha;

(b) ir-rekwiżit kapitali ta' solvenza tal-impriża, ivvalutat mingħajr l-użu ta' kwalunkwe waħda mill-miżuri tranżizzjonali msemmija fl-Artikolu 77a(2), fl-Artikolu 308c, fl-Artikolu 308d jew, meta rilevanti, fl-Artikolu 111(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE, jinqabeż b'marġni xieraq, filwaqt li titqies il-pożizzjoni ta' solvenza tal-impriża, inkluż il-pjan ta' ġestjoni kapitali ta' terminu medju tal-impriża;

(c) abbażi tal-projezzjonijiet fuq perjodu ta' żmien ta' ħames snin, l-impriża tista' tiġġenera influssi ta' flus li huma ogħla mill-ħruġ ta' flus, kemm fuq bażi kontinwa kif ukoll taħt kundizzjonijiet ta' stress matul kull waħda mill-ħames snin kalendarji finanzjarji li jmiss (test ta' bejgħ furzat) matul il-perjodu ta' żmien tat-test.

2. Għat-test tal-bejgħ furzat imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), għandhom japplikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) meta jivvalutaw id-dħul u l-ħruġ ta' flus fuq bażi kontinwa, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassumu li s-sitwazzjoni fis-swieq finanzjarji matul il-perjodu ta' żmien tat-test tibqa' l-istess bħal dik fid-data ta' referenza tat-test;

(b) meta jivvalutaw id-dħul u l-ħruġ ta' flus taħt kundizzjonijiet ta' stress, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw is-suppożizzjonijiet ta' stress stabbiliti fil-paragrafu 5 u ma għandhomx ikunu meħtieġa jqisu l-effetti sekondarji addizzjonali jew l-effetti fis-suq kollu;

(c) meta jiġu vvalutati l-influssi u l-ħruġ tal-flus kemm fuq bażi kontinwa kif ukoll taħt kundizzjonijiet ta' stress, id-deċiżjonijiet projettati ta' investiment jew divestimenti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġija tan-negozju tal-impriża, il-politiki bil-miktub tagħha dwar l-investiment, il-likwidità u l-ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, u l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri msemmija fl-Artikolu 23.

3. Għat-test tal-bejgħ furzat imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), id-dħul ta’ flus għandu jinkludi biss il-valur ta’ flus u l-ekwivalenti ta’ flus fid-data ta’ referenza u d-dħul mis-sorsi li ġejjin matul il-perjodu ta’ żmien tal-projezzjonijiet:

(a) dħul li jirriżulta mill-bejgħ tal-assi li ġejjin, miżmuma direttament jew permezz ta’ impriża ta’ investiment kollettiv jew investiment ieħor aggregat bħala fondi li fihom l-impriża jkollha unitajiet jew ishma:

(i) assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq waħda mill-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 180(2);

(ii) assi li huma garantiti bis-sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u b’mod irrevokabbli minn waħda mill-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 180(2), meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215;

(iii) bonds u self li jkunu ġew assenjati għall-iskala tal-kwalità kreditizja 0, 1, 2 jew 3, esklużi bonds u self maħruġa minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew entitajiet tas-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iv) bonds koperti msemmija fl-Artikolu 180(1) li jkunu ġew assenjati għall-iskala tal-kwalità kreditizja 0 jew 1, esklużi dawk li jinħarġu minn entità tas-settur finanzjarju li hija parti mill-istess grupp;

(v) titolizzazzjoni STS li jew tkun ġiet assenjata valutazzjoni tal-kreditu tal-iskala tal-kwalità kreditizja 0 jew 1 minn ECAI nnominata, jew li tkun segment superjuri, u li ma tkunx oriġinat minn entitajiet li jappartjenu għall-istess grupp bħall-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(vi) ekwitajiet, għajr investimenti ta’ ekwità fit-tul jew ekwitajiet strateġiċi, u għajr investimenti f’entitajiet tas-settur finanzjarju, li huma jew elenkati fi swieq regolati fil-pajjiżi li huma membri taż-ŻEE jew tal-OECD, jew innegozjati fuq faċilitajiet ta’ negozjar multilaterali, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (22), tad-Direttiva 2014/65/UE, li l-uffiċċju rreġistrat jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab fi Stati Membri tal-UE;

(b) dħul fid-data tal-maturità li jirriżulta minn assi datati msemmija fil-punt (a), u dħul regolari li jirriżulta minn assi msemmija f’dak il-punt u minn investimenti fil-proprjetà u investimenti fl-ekwità fit-tul, inkluż dħul mhux kuntrattwali futur stmat b’mod prudenti bħal pagamenti tad-dividendi, dment li d-dħul mhux kuntrattwali pprojettat għal sena partikolari ma jkunx ogħla mill-medja storika ta’ tliet snin tiegħu;

(c) primia u influssi ta’ flus oħrajn inklużi fil-limitu kuntrattwali tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja, primjums tal-ħajja stmati b’mod prudenti u influssi ta’ flus oħrajn li għandhom jinkisbu mill-impriża matul il-perjodu ta’ żmien tat-test mhux inklużi fil-limitu kuntrattwali, dment li tali primia stmati b’mod prudenti u influssi ta’ flus oħrajn matul sena partikolari qatt ma jiġu preżunti li jkunu ogħla mill-medja storika tagħhom ta’ tliet snin, jew, meta jkun hemm inqas minn tliet snin ta’ data disponibbli, ma jiġux preżunti li jkunu ogħla minn dawk tal-aktar sena reċenti, kif ukoll influssi ta’ flus minn riassigurazzjoni aċċettata ta’ obbligi tal-ħajja;

(d) primjums u influssi ta’ flus oħrajn inklużi fil-limitu kuntrattwali tal-aħjar stima ta’ provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja, primjums mhux tal-ħajja stmati b’mod prudenti u influssi ta’ flus oħrajn li għandhom jinkisbu mill-impriża matul il-perjodu ta’ żmien tat-test mhux inklużi fil-limitu kuntrattwali, dment li tali primia stmati b’mod prudenti u influssi ta’ flus oħrajn matul sena partikolari ma jiġux preżunti li jkunu ogħla mill-medja storika tagħhom ta’ tliet snin jew, meta jkun hemm inqas minn tliet snin ta’ data disponibbli, ma jiġux preżunti li jkunu ogħla minn dawk tal-aktar sena reċenti, kif ukoll influssi ta’ flus minn riassigurazzjoni aċċettata ta’ obbligi mhux tal-ħajja;

(e) dħul li jirriżulta mill-investiment mill-ġdid tal-influssi ta’ flus elenkati fil-punti (a) sa (d) li jaqbżu l-ħruġ ta’ flus imsemmi fil-paragrafu 4, meta r-redditu fuq l-investiment ikun derivat mill-istruttura tat-termini tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju, filwaqt li jitqies l-aġġustament tal-volatilità.

L-assi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), miżmuma permezz ta' veikolu ta' investiment li fuqu l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni teżerċita kontroll, jew, sal-punt tad-drittijiet tal-impriża, permezz ta' veikolu ta' investiment li fuqu entità oħra fi ħdan l-istess grupp teżerċita kontroll u li fih l-impriża żżomm unitajiet jew ishma, jista' jittieħed kont bis-sħiħ tagħhom. L-assi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), miżmuma permezz ta' impriżi ta' investiment kollettiv jew permezz ta' investimenti oħra aggregati bħala fondi, għajr dawk imsemmija fis-sentenza preċedenti, jista' jittieħed kont tagħhom sa ammont assolut ta' EUR 500 miljun.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jiddeċiedu li ma jqisux id-dħul ta' flus imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) jew (e).

Għall-istima tal-influssi ta' flus imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (c) u (d), li mhumiex inklużi fil-limitu kuntrattwali, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun tista' turi, għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, li l-prospetti negattivi plawżibbli fir-rigward tad-data storika jitqiesu b'mod xieraq.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ma għandhomx iqisu l-assi li jkopru l-aħjar stima tal-obbligi tal-assigurazzjoni li għalihom jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza.

Meta tassumi d-dħul li jirriżulta mill-bejgħ ta' bonds, self u titolizzazzjonijiet li jkopru l-aħjar stima tal-obbligi tal-assigurazzjoni li għalihom jiġi applikat l-aġġustament tal-volatilità matul il-perjodu ta' żmien tat-test, l-impriża għandha tkun tista' turi, għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja, li l-profil tar-riskju tagħha ma jiddevjax b'mod sinifikanti mis-suppożizzjonijiet li ġejjin li fuqhom huwa bbażat l-aġġustament tal-volatilità, anke bħala riżultat ta' tali bejgħ, inkluż taħt kundizzjonijiet ta' stress:

(a) l-impriża żżomm assi li huma sensittivi għall-firxa, u hija esposta għal bidliet fil-firxiet tal-kreditu;

(b) l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità ma tirriżultax f'sitwazzjonijiet meta l-impatt ta' esaġerazzjoni tal-firxiet tal-kreditu fuq l-assi miżmuma mill-impriża jkun ikkumpensat iżżejjed mill-impatt tal-aġġustament tal-volatilità fuq l-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi;

(c) il-flussi tal-flus li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-impriża li għaliha jiġi applikat l-aġġustament tal-volatilità jkunu stabbli u prevedibbli biżżejjed biex jiżguraw li l-impriża ma tkunx esposta għar-riskju ta' bejgħ furzat tal-assi tagħha li huma sensittivi għall-firxa, u minflok tista' żżomm tali assi, inkluż matul taqlib fis-suq.

4. Għat-test tal-bejgħ furzat imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), il-ħruġ ta' flus għandu jinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) ħruġ ta' flus relatat ma' pretensjonijiet, ċedimenti, ħruġ tekniku ieħor inklużi spejjeż operatorji, u taxxi, fil-limitu kuntrattwali tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja, ħruġ ta' flus li jikkorrispondi għal obbligi relatati mal-primjums tal-ħajja li mhumiex inklużi fil-limitu kuntrattwali msemmi fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), kif ukoll ħruġ ta' flus minn riassigurazzjoni aċċettata ta' obbligi tal-ħajja;

(b) ħruġ ta' flus relatat ma' pretensjonijiet, ċedimenti, ħruġ tekniku ieħor inklużi spejjeż operatorji, taxxi, fil-limitu kuntrattwali tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja, ħruġ ta' flus li jikkorrispondi għal obbligi relatati mal-primjums mhux tal-ħajja li mhumiex inklużi fil-limitu kuntrattwali msemmi fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), kif ukoll ħruġ ta' flus minn riassigurazzjoni aċċettata ta' obbligi mhux tal-ħajja;

(c) ħruġ ta' flus li jirriżulta minn ftehimiet ta' riakkwist, ftehimiet ta' retroriakkwist u arranġamenti simili, rekwiżiti tal-marġini, u ħruġ finanzjarju ieħor;

(d) ħruġ ta' flus li jirriżulta minn kontribuzzjonijiet tal-iskema tal-pensjoni relatati mal-impjegati tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(e) ħruġ ta' flus li jirriżulta minn spejjeż oħrajn li mhumiex inklużi fil-kalkolu tal-aħjar stima tal-provvedimenti tekniċi, u ħruġ ta' flus ieħor, inklużi dawn kollha li ġejjin:

(i) distribuzzjonijiet ta' dividendi u ħlasijiet oħrajn lill-azzjonisti u lil kredituri subordinati oħrajn;

(ii) riakkwisti ta' ishma u ħlas lura jew tifdija ta' entrati ta' fondi proprji;

(iii) ħruġ ta' flus oħrajn, inklużi dawk intragrupp, mhux koperti minn punti preċedenti, inklużi obbligazzjonijiet kontinġenti, bonusijiet u remunerazzjoni varjabbli oħrajn u impenji li ma jidhrux fil-karta bilanċjali.

5. Għat-test tal-bejgħ furzat f'kundizzjonijiet ta' stress imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tassumi li hija soġġetta għall-istress li ġej:

(a) matul l-ewwel sena finanzjarja tal-projezzjonijiet, ikun hemm ħruġ ta' flus addizzjonali ugwali għall-aggregazzjoni tar-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw mill-moduli tar-riskju msemmija fil-Kapitolu V tat-Titolu I, nett mill-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti msemmija fl-Artikolu 205, meta l-aggregazzjoni tkun ibbażata fuq il-parametri ta' korrelazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) matul kull waħda mill-erba' snin finanzjarji sussegwenti tal-projezzjonijiet, ikun hemm ħruġ ta' flus addizzjonali ugwali għall-aggregazzjoni tar-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw mill-moduli tar-riskju msemmija fil-Kapitolu V tat-Titolu I, nett mill-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti msemmija fl-Artikolu 205, mingħajr ma jitqiesu s-submoduli msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta l-aggregazzjoni tkun ibbażata fuq il-parametri ta' korrelazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/138/KE.

Is-submoduli msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) is-somma tar-rekwiżiti kapitali għar-riskji ta' katastrofi mhux tal-ħajja, tal-ħajja u tas-saħħa, ikkalkolata f'konformità mal-Artikoli 119, 143 u 160, rispettivament;

(b) is-somma tar-rekwiżiti kapitali għar-riskji ta' skadenza mhux tal-ħajja, tal-ħajja, tas-saħħa NSLT u tas-saħħa SLT, ikkalkolata f'konformità mal-Artikoli 118, 142, 150 u 159, rispettivament.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandhom japplikaw is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-suq u l-moduli tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti jonqsu kull sena tat-test, il-perċentwal ta' tnaqqis għal sena partikolari huwa daqs it-tnaqqis fil-valur totali pprojettat tal-assi miżmuma mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fi tmiem is-sena preċedenti;

(b) b'rabta mal-primjum mhux tal-ħajja u s-submodulu tar-riskju ta' riżerva msemmija fl-Artikolu 115, il-ħruġ ta' flus imsemmi fil-paragrafu 4, il-punt (b), għandu jiġi stmat billi jiżdied il-ħruġ ta' flus rilevanti f'kull segment s stabbilit fl-Anness II kif ġej:

(i) il-ħruġ ta' flus li jseħħ matul l-ewwel sena wara d-data meta tibda jew tiġġedded il-kopertura tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jiżdied b'perċentwal li jkun ugwali għad-devjazzjonijiet standard għar-riskju tal-primjum mhux tal-ħajja tas-segmenti *s* kif stabbilit fl-Anness II immultiplikat bi tlieta;

(ii) il-ħruġ ta' flus li jseħħ wara l-ewwel sena wara d-data meta tibda jew tiġġedded il-kopertura tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jiżdied b'perċentwal li jkun ugwali għad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja tas-segmenti *s* kif stabbilit fl-Anness II immultiplikat bi tlieta;

(c) b'rabta mal-primjum tas-saħħa NSLT u s-submodulu tar-riskju ta' riżerva msemmija fl-Artikolu 146, il-ħruġ ta' flus imsemmi fil-paragrafu 4, il-punt (b), għandu jiġi stmat billi jiżdied il-ħruġ ta' flus rilevanti f'kull segment s stabbilit fl-Anness XIV kif ġej:

(i) il-ħruġ ta' flus li jseħħ matul l-ewwel sena wara d-data meta tibda jew tiġġedded il-kopertura tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jiżdied b'perċentwal li jkun ugwali għad-devjazzjoni standard għar-riskju tal-primjum tas-saħħa NSLT tas-segment *s* kif stabbilit fl-Anness XIV immultiplikat bi tlieta;

(ii) il-ħruġ ta' flus li jseħħ wara l-ewwel sena mid-data meta tibda jew tiġġedded il-kopertura tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandu jiżdied b'perċentwal li jkun ugwali għad-devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT tas-segment *s* kif stabbilit fl-Anness XIV immultiplikat bi tlieta.

6. Għat-test tal-bejgħ furzat f'kundizzjonijiet ta' stress imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tagħmel is-suppożizzjonijiet addizzjonali li ġejjin rigward ċerti flussi ta' flus:

(a) matul il-perjodu ta' żmien tat-test, il-valuri taħt stress tal-flussi ta' flus imsemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) u l-paragrafu 4, il-punt (a), għandhom ikunu konsistenti max-xenarju tas-submodulu tar-riskju ta' ċessazzjoni tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 142 u, kif applikabbli, is-submodulu tar-riskju ta' ċessazzjoni tas-saħħa SLT imsemmi fl-Artikolu 159;

(b) matul il-perjodu ta' żmien tat-test, il-valuri taħt stress tal-flussi ta' flus imsemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d) u l-paragrafu 4, il-punt (b), għandhom ikunu konsistenti max-xenarju tas-submodulu tar-riskju ta' ċessazzjoni mhux tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 118 u, kif applikabbli, is-submodulu tar-riskju ta' ċessazzjoni tas-saħħa NSLT imsemmi fl-Artikolu 150;

(c) il-valuri taħt stress tal-ħruġ ta' flus imsemmija fil-paragrafu 4, il-punti (c), (d) u (e), għandhom ikunu konsistenti mal-paragrafu 2, il-punt (c) u mal-prattiki ta' distribuzzjoni tal-passat mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, b'mod partikolari f'ambjenti tas-suq taħt stress; barra minn hekk, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandha tassumi li l-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (e)(iii), huma skattati;

(d) għad-determinazzjoni tad-dħul minn investiment mill-ġdid imsemmi fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), l-istruttura tat-termini tar-rata tal-imgħax għandha tiġi preżunta li tinbidel f'konformità max-xenarju li fuqu huwa bbażat il-kalkolu tas-submodulu tar-riskju tar-rata tal-imgħax inkluż fil-kalkolu tal-ħruġ ta' flus imsemmi fil-paragrafu 5.

*Artikolu 171d*

**Investimenti ta' ekwità fit-tul: impriżi ta' investiment kollettiv bi profil ta' riskju aktar baxx**

1. Il-fondi msemmija fl-Artikolu 105a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE għandhom jappartjenu għal wieħed mit-tipi ta' impriżi ta' investiment kollettiv jew fondi ta' investiment alternattivi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. It-tipi ta' impriżi ta' investiment kollettiv u fondi ta' investiment alternattivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil skont ir-Regolament (UE) 2015/760;

(b) fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti kif imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 346/2013;

(c) fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti kif imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 345/2013;

(d) fondi ta' investiment alternattivi magħluqa ġestiti minn AIFMs tal-UE awtorizzati, li ma għandhom l-ebda ingranaġġ ikkalkolat f'konformità mal-metodu ta' impenn stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 231/2013.

3. Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 105a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu osservati fil-livell ta' impriża ta' investiment kollettiv imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 105a(4) ta' dik id-Direttiva għandu japplika għal:

(a) ekwitajiet miżmuma fi ħdan l-impriża ta' investiment kollettiv, meta l-approċċ ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament jista' jiġi applikat għall-iskoperturi kollha;

(b) unitajiet jew ishma tal-impriża ta' investiment kollettiv, meta l-approċċ ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament ma jistax jiġi applikat għall-iskoperturi kollha.";

(51) fl-Artikolu 172, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-aġġustament simetriku ma għandux ikun inqas minn – 13 % jew ogħla minn 13 %.";

(52) l-Artikolu 173 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 173*

**Investimenti f'ekwità taħt programmi leġiżlattivi**

1. Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tinvesti f'ekwità, direttament jew permezz ta' impriża ta' investiment kollettiv, taħt programm leġiżlattiv li jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 133(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, is-submodulu standard tar-riskju ta' ekwità li jikkorrispondi għall-parti ta' tali investimenti ta' ekwità li b'kollox ma jaqbiżx l-10 % tal-fondi proprji eliġibbli tal-impriża għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità superviżorja.

2. Il-perċentwali stabbiliti fl-Artikolu 169 ta' dan ir-Regolament għandhom jitnaqqsu fi proporzjon mat-tnaqqis kwantifikat fir-riskju ta' kreditu miksub taħt il-programm leġiżlattiv.

3. Meta l-Kummissjoni żżomm reġistru pubbliku ta' programmi leġiżlattivi meqjusa li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 133(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kwalunkwe programm inkluż f'dak ir-reġistru għandu jitqies li jikseb tnaqqis fir-riskju ta' kreditu ġenerali ta' mill-inqas 5 %.";

(53) fl-Artikolu 176, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tal-firxa fuq bonds u self $SCR_{bonds}$ għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis relattiv f'daqqa tal-$istress_i$ fil-valur ta' kull bond jew self $i$ għajr self inadempjenti u mrażżan, u għajr self ipotekarju li jissodisfa r-rekwiżiti fl-Artikolu 191, inklużi depożiti bankarji għajr flus kontanti fil-bank imsemmija fl-Artikolu 189(2), il-punt (b).";

(54) fl-Artikolu 176a(3), il-punt (g), il-punt (v) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(v) mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin hija ssodisfata fir-rigward ta' kull waħda mill-aħħar tliet snin finanzjarji li jintemmu qabel id-data li fiha jkun qed jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza:

— il-fatturat annwali tal-kumpanija jaqbeż EUR 12 800 000;

— it-total tal-karta bilanċjali tal-kumpanija jaqbeż EUR 12 800 000;

— l-għadd ta' membri tal-persunal impjegati mill-kumpanija jaqbeż il-50;";

(55) fl-Artikolu 176c(3), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin hija ssodisfata għal kull waħda mill-aħħar tliet snin finanzjarji li jintemmu qabel id-data li fiha jkun qed jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza:

(i) il-fatturat annwali tal-emittent jaqbeż EUR 12 800 000;

(ii) it-total tal-karta bilanċjali tal-emittent jaqbeż EUR 12 800 000;

(iii) in-numru ta' membri tal-persunal impjegati mill-emittent jaqbeż 50.";

(56) l-Artikolu 178 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

| “Skala tal-kwalità kreditizja | | 0 | | 1 | | 2 | | 3 | | 4 | | 5 u 6 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Durata ($dur_i$) | $stress_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ |
| sa 5 snin | min [$b_i \cdot dur_i$; 1] | — | 0,7 % | — | 0,9 % | — | 1,4 % | — | 2,5 % | — | 4,5 % | — | 7,5 % |
| Aktar minn 5 snin u sa 10 snin | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$; 1] | 3,5 % | 0,5 % | 4,5 % | 0,6 % | 7,0 % | 0,7 % | 12,5 % | 1,5 % | 22,5 % | 2,5 % | 37,5 % | 4,2 % |
| Aktar minn 10 snin u sa 15-il sena | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$; 1] | 6,0 % | 0,5 % | 7,5 % | 0,5 % | 10,5 % | 0,5 % | 20,0 % | 1,0 % | 35,0 % | 1,8 % | 58,5 % | 0,5 % |
| Aktar minn 15-il sena u sa 20 sena | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$; 1] | 8,5 % | 0,5 % | 10,0 % | 0,5 % | 13,0 % | 0,5 % | 25,0 % | 1,0 % | 44,0 % | 0,5 % | 61,0 % | 0,5 % |
| Aktar minn 20 sena | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 20)$; 1] | 11,0 % | 0,5 % | 12,5 % | 0,5 % | 15,5 % | 0,5 % | 30,0 % | 0,5 % | 46,5 % | 0,5 % | 63,5 % | 0,5 %” |

(b) fil-paragrafu 4, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

| “Skala tal-kwalità kreditizja | | 0 | | 1 | | 2 | | 3 | | 4 | | 5 u 6 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Durata ($dur_i$) | $stress_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ | $a_i$ | $b_i$ |
| sa 5 snin | min [$b_i \cdot dur_i$; 1] | — | 2,0 % | — | 2,6 % | — | 4,0 % | — | 7,1 % | — | 12,7 % | — | 21,3 % |
| Aktar minn 5 snin u sa 10 snin | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$; 1] | 9,8 % | 1,1 % | 12,8 % | 1,4 % | 20,2 % | 2,0 % | 35,3 % | 4,2 % | 63,5 % | 7,3 % | 100,0 % | 0,0 % |
| Aktar minn 10 snin u sa 15-il sena | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$; 1] | 15,3 % | 1,1 % | 19,8 % | 1,1 % | 30,2 % | 1,4 % | 56,3 % | 2,9 % | 100,0 % | 0,0 % | 100,0 % | 0,0 % |
| Aktar minn 15-il sena u sa 20 sena | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$; 1] | 20,8 % | 1,1 % | 25,3 % | 1,1 % | 37,2 % | 1,4 % | 70,8 % | 2,9 % | 100,0 % | 0,0 % | 100,0 % | 0,0 % |
| Aktar minn 20 sena | min [$a_i + b_i \cdot (dur_i - 20)$; 1] | 26,3 % | 1,1 % | 30,8 % | 1,1 % | 44,2 % | 1,4 % | 85,3 % | 1,5 % | 100,0 % | 0,0 % | 100,0 % | 0,0 %” |

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri mhux koperti mill-paragrafi minn 3 sa 7, li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata, għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ugwali għall-formula li ġejja:

$$stress_i = min(b_i \cdot dur_i ;1)$$

meta $b_i$ għandha tiġi assenjata skont l-iskala tal-kwalità kreditizja tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

| Skala tal-kwalità kreditizja | 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $b_i$ | 2,7 % | 3,3 % | 4,4 % | 7,5 % | 14,3 % | 23,5 % | 100,0 %" |

(d) jiddaħħal il-paragrafu 8a li ġej:

"8a. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri mhux koperti mill-paragrafi 3 sa 8, li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata, għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ugwali għall-formula li ġejja:

$$stress_i = min(b_i \cdot dur_i ;1)$$

meta $b_i$ għandha tiġi assenjata skont l-iskala tal-kwalità kreditizja tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

| Skala tal-kwalità kreditizja | 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $b_i$ | 7,4 % | 9,0 % | 12,0 % | 18,8 % | 38,9 % | 63,8 % | 100,0 %" |

(e) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux koperti mill-paragrafi 3 sa 8a, għandhom jiġu assenjati fattur tar-riskju $stress_i$ ta' 100 %.";

(57) l-Artikolu 180 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Skoperturi fil-forma ta' bonds skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2019/2162 (bonds koperti) li ġew assenjati fl-iskala tal-kwalità kreditizja 0 jew 1 għandhom jiġu assenjati fattur tar-riskju $stress_i$ skont it-tabella li ġejja.";

(b) fil-paragrafu 2, jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin wara t-tieni subparagrafu:

"Meta skopertura tieħu l-forma ta' bond jew self individwali li jkun garantit parzjalment, mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli minn waħda mill-kontropartijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d), meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215 u tipprovdi garanzija tal-ewwel telf ta' mill-inqas 5 % tal-valur nominali tal-iskopertura, il-parti tal-valur tal-iskopertura li tkun koperta mill-garanzija għandha tiġi assenjata wkoll fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 %.

Meta skopertura tieħu l-forma ta' aggregazzjoni ta' bonds u self li tkun garantita parzjalment, mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli minn waħda mill-kontropartijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) u meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215 u tipprovdi garanzija tal-ewwel telf ta' mill-inqas 5 % tal-iskopertura totali nominali, għall-kalkolu tar-riskju tal-firxa, l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tista' tassenja fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 % għal ammont ta' bonds u self fl-aggregazzjoni li l-valur kumulattiv tagħhom huwa ugwali għall-valur totali tal-garanzija.

Għall-finijiet tat-tielet u r-raba' subparagrafi, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215, il-punt (f) għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-garanzija parzjali tkopri b'mod proporzjonali t-tipi kollha ta' ħlasijiet regolari li l-obbligant ikun mistenni li jagħmel fir-rigward tal-pretensjoni.";

(c) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“10. Pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li huma kompletament, inkondizzjonalment u irrevokabbilment garantiti mill-Fond Ewropew tal-Investiment jew il-Bank Ewropew tal-Investiment, meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215, għandhom jiġu assenjati fattur tar-riskju *stress*$_i$ ta’ 0 %.”;

(58) l-Artikolu 182 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej

“5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-iskoperturi li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata għandhom jiġu assenjati skala tal-kwalità kreditizja f’konformità mal-Kapitolu 1, it-Taqsima 2, ta’ dan it-Titolu. L-iskala tal-kwalità kreditizja għall-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali u għall-banek ċentrali għandha titnaqqas b’waħda meta japplikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) dawk l-iskoperturi huma differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 187(3), il-punt (b);

(b) dawk l-iskoperturi huma denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta’ dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali;

(c) l-iskala tal-kwalità kreditizja għal tali skoperturi tkun tnejn jew akbar.”;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 5a u 5b li ġejjin:

“5a. L-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali u għall-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri mhux elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/2011 għandhom jiġu assenjati l-iskala 1 tal-kwalità kreditizja.

5b. L-iskoperturi li huma garantiti kompletament, mingħajr kundizzjonijiet u b’mod irrevokabbli minn gvern reġjonali jew awtorità lokali ta’ Stat Membru li mhumiex elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/2011, meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215 ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu assenjati l-iskala 1 tal-kwalità kreditizja.”;

(59) fl-Artikolu 184(2), jiżdied il-punt (g) li ġej:

“(g) il-valur ta’ investiment ta’ ekwità, meta tali valur ikun negattiv.”;

(60) l-Artikolu 187 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-iskoperturi fil-forma ta’ bonds skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2019/2162 (bonds koperti) għandhom jiġu assenjati livell limitu ta’ skopertura eċċessiva relattiva $CT_i$ ta’ 15 %, dment li l-iskoperturi korrispondenti fil-forma ta’ bonds koperti jkunu ġew assenjati l-iskala tal-kwalità kreditizja 0 jew 1. L-iskoperturi fil-forma ta’ bonds koperti għandhom jitqiesu bħala skoperturi b’isem wieħed, irrispettivament minn skoperturi oħrajn għall-istess kontroparti bħall-emittent tal-bonds koperti, li jikkostitwixxu skopertura distinta b’isem wieħed.”;

(b) jitħassru l-paragrafi 4a u 4b;

(61) l-Artikolu 189 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdiedu l-punti (g) u (h) li ġejjin:

“(g) tranżazzjonijiet ta’ riakkwist, tranżazzjonijiet ta’ retroriakkwist, u tranżazzjonijiet ta’ għoti jew ta’ teħid b’self ta’ titoli;

(h) kontribuzzjonijiet prefinanzjati u kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati għall-fond tal-inadempjenza ta’ CCP, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1), il-punt (90) u l-Artikolu 300, il-punt (10), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, rispettivament, meta s-CCP tkun kontroparti ċentrali kwalifikanti.”;

(b) fil-paragrafu 3, jiddaħħal il-punt (ca) li ġej:

“(ca) self inadempjenti u self imrażżan;”;

(62) l-Artikolu 191 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, "EUR 1 miljun" huwa sostitwit b'"EUR 1,35 miljun";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Għandha tiġi ssodisfata xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-riskju tal-mutwatarju ma jiddependix b'mod materjali fuq il-prestazzjoni tal-proprjetà sottostanti, iżda fuq il-ħila sottostanti tal-mutwatarju li jħallas lura d-dejn min sorsi oħrajn, u bħala konsegwenza, il-ħlas lura tal-faċilità ma jiddependix b'mod materjali fuq xi fluss tal-flus iġġenerat mill-proprjetà sottostanti li sservi ta' kollateral. Għal dawk is-sorsi l-oħrajn, l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ssib il-proporzjon massimu tas-self għad-dħul bħala parti mill-politika ta' self tagħha u tikseb evidenza xierqa tad-dħul rilevanti meta tagħti s-self; jew

(b) l-iskopertura tikkonforma mal-Artikolu 124(2), il-punt (a)(ii), u mal-Artikolu 124(3), il-punti (a), (b) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(63) l-Artikolu 192 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-arranġament tar-riassigurazzjoni jkun ma' impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz u 60 % jew iktar tal-assi ta' dik il-kontroparti jkunu soġġetti għal arranġamenti kollaterali, it-telf fil-każ ta' inadempjenza jiġi kkalkulat kif ġej:

$$LGD = mass[90\ \% \cdot (Rekuperabbli + 50\ \% * RM_{re}) - F''' . Kollateral; 0]$$

meta *F'''* tindika fattur li jqis l-effett ekonomiku tal-arranġament ta' kollateral b'rabta mal-arranġament jew it-titolizzazzjoni tar-riassigurazzjoni f'każ ta' xi event ta' kreditu marbut mal-kontroparti.";

(b) fil-paragrafu 3, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq derivattiv li jaqa' fi ħdan l-Artikolu 192a(1) jew l-Artikolu 192b għandu jkun ugwali għal dan li ġej:";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 3e u 3f li ġejjin:

"3e. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist, jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$\mathrm{LGD} = \mathrm{mass}\ (Skopertura - Kollateral;\ 0)$$

fejn:

(a) *Skopertura* tindika l-valur ta' titoli jew flus kontanti mislufa lill-kontroparti skont it-tranżazzjoni, iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *Kollateral* tindika l-valur aġġustat għar-riskju ta' titoli jew ta' flus riċevuti mill-kontroparti.

3f. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu kkonkludew ftehimiet ta' netting kuntrattwali li jkopru diversi tranżazzjonijiet ta' riakkwist, jew tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli li jirrappreżentaw skopertura ta' kreditu għall-istess kontroparti, jistgħu jikkalkolaw it-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq dawk it-tranżazzjonijiet ta' riakkwist jew tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, kif stabbilit fil-paragrafu 3e, fuq il-bażi tal-effett ekonomiku kkombinat ta' dawk it-tranżazzjonijiet ta' riakkwist jew tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli kollha li jkunu koperti mill-istess ftehim ta' netting kuntrattwali, dment li jkun hemm konformità mal-Artikoli 209 u 210 fir-rigward tan-netting.

Meta it-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq tranżazzjonijiet ta' riakkwist, jew tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist, jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin għall-finijiet tal-paragrafu 3e:

(a) il-valur tat-titoli jew tal-flus kontanti mislufa lill-kontroparti għandu jkun il-valur totali għall-finijiet ta' solvenza ta' titoli jew flus kontanti mislufa lill-kontroparti għat-tranżazzjonijiet li huma koperti mill-arranġament ta' netting kuntrattwali;

(b) il-valur aġġustat għar-riskju ta' titoli jew flus kontanti riċevuti mill-kontroparti għandu jiġi ddeterminat fil-livell tat-taħlita ta' tranżazzjonijiet ta' riakkwist, jew tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist, jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, koperti mill-arranġament ta' netting kuntrattwali.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq self ipotekarju għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$\text{LGD} = \text{mass}[\textit{Self} - (80\ \% \times \textit{Ipoteka Garanzija});\ 5\ \% \times \text{mass}[0\ ;\ (\textit{Self} - \textit{Garanzija})]]$$

fejn:

(a) *Self* tindika l-valur tas-self ipotekarju ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *Ipoteka* tindika l-valur aġġustat għar-riskju tal-ipoteka;

(c) *Garanzija* tindika l-ammont li l-garanti jkun meħtieġ iħallas lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jekk l-obbligant tas-self ipotekarju kellu jkun inadempjenti fi żmien meta l-valur tal-propjetà miżmuma bħala ipoteka jkun ugwali għal 80 % tal-valur aġġustat għar-riskju tal-ipoteka.

Għall-finijiet tal-punt (c), garanzija għandha tiġi rikonoxxuta biss meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun ipprovduta minn kontroparti kif imsemmi fl-Artikolu 180(2), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (d), jew minn kontroparti li hija stess tkun kompletament garantita minn waħda mill-kontropartijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (d), ta' dak l-Artikolu;

(b) tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 209 u 210, u fl-Artikolu 215, il-punti minn (a) sa (e).

Meta l-garanzija tiġi pprovduta minn kontroparti li tkun kompletament garantita minn waħda jew aktar mill-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 180(2), l-ewwel subparagrafu, il-punti minn (a) sa (d), ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 215, il-punt (c)(iii) u l-punt (d) għandhom jitqiesu ssodisfati meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollha d-dritt li tikseb b'mod f'waqtu ħlas proviżorju mill-ewwel garanti li jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jirrappreżenta stima robusta tal-ammont tat-telf, inkluż telf li jirriżulta min-nuqqas ta' ħlas tal-imgħax u tipi oħrajn ta' ħlas li l-mutwatarju huwa obbligat li jagħmel, li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mutwanti x'aktarx li ġġarrab;

(b) huwa proporzjonali għall-kopertura tal-garanzija.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. It-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq self inadempjenti jew self imrażżan għandu jkun ugwali għal dan li ġej:

$$LGD = mass\ (Self - Rekuperabbli;\ 36\ \% * Self)$$

fejn:

(a) *Self* tindika l-valur tas-self ipotekarju ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) *Rekuperabbli* tindika l-valur preżenti tal-irkupri tad-dejn ikkalkolat f'konformità mal-linji gwida adottati skont l-Artikolu 181(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(f) jiżdiedu l-paragrafi 7 u 8 li ġejjin:

“7. It-telf fil-każ ta’ inadempjenza fuq kontribuzzjoni prefinanzjata għall-fond ta’ inadempjenza ta’ kontroparti ċentrali kwalifikanti għandu jkun ugwali għal 18 % tal-kontribuzzjoni.

8. It-telf fil-każ ta’ inadempjenza fuq kontribuzzjoni mhux iffinanzjata għall-fond ta’ inadempjenza ta’ kontroparti ċentrali kwalifikanti għandu jkun ugwali għal 0 % tal-kontribuzzjoni.”;

(64) fl-Artikolu 192a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Għall-finijiet tal-Artikolu 192(3), derivattiva għandha taqa’ f’dan il-paragrafu jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) id-derivattiva hija tranżazzjoni relatata mas-CCP li fiha l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija l-klijent;

(b) il-pożizzjonijiet u l-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatati ma’ dik it-tranżazzjoni huma distinti u segregati, fil-livell kemm tal-membru tal-ikklerjar kif ukoll tas-CCP, mill-pożizzjonijiet u l-assi kemm tal-membru tal-ikklerjar kif ukoll ta’ klijenti oħrajn ta’ dak il-membru tal-ikklerjar u, bħala riżultat ta’ tali distinzjoni u segregazzjoni, dawk il-pożizzjonijiet u l-assi huma protetti minn falliment fil-każ ta’ inadempjenza jew insolvenza tal-membru tal-ikklerjar jew ta’ wieħed jew aktar mill-klijenti l-oħrajn tiegħu;

(c) il-liġijiet, ir-regolamenti, ir-regoli u l-arranġamenti kuntrattwali applikabbli għal jew vinkolanti fuq l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew is-CCP jiffaċilitaw it-trasferiment tal-pożizzjonijiet tal-klijent relatati ma’ tali kuntratt u tranżazzjoni u tal-kollateral korrispondenti għal membru tal-ikklerjar ieħor fil-perjodu ta’ marġni ta’ riskju applikabbli fil-każ ta’ inadempjenza jew insolvenza tal-membru tal-ikklerjar oriġinali, f’liema każ, il-pożizzjonijiet tal-klijent u l-kollateral għandhom jiġu ttrasferiti bil-valur tas-suq, sakemm il-klijent ma jitlobx li jagħlaq il-pożizzjoni bil-valur tas-suq;

(d) l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tkun wettqet rieżami legali bir-reqqa biżżejjed, li hija żammet aġġornat, li jissostanzja li l-arranġamenti li jiżguraw li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) tiġi ssodisfata huma legali, validi, vinkolanti u infurzabbli skont il-liġijiet rilevanti tal-ġuriżdizzjoni jew ġuriżdizzjonijiet rilevanti;

(e) is-CCP hija kontroparti ċentrali kwalifikanti.

Meta jivvalutaw il-konformità tagħhom mal-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu jqisu kwalunkwe preċedent ċar ta’ trasferimenti ta’ pożizzjonijiet tal-klijenti u ta’ kollateral korrispondenti f’CCP, u kwalunkwe intenzjoni tal-industrija li tkompli b’dik il-prattika.”;

(65) jiddaħħal l-Artikolu 192b li ġej:

“*Artikolu 192b*

**Skopertura diretta għal kontroparti ċentrali kwalifikanti**

Minkejja l-Artikolu 192a, għall-finijiet tal-Artikolu 192(3), tranżazzjoni ta’ finanzjament tad-derivattivi għandha taqa’ taħt dan l-Artikolu meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni taġixxi bħala membru tal-ikklerjar ta’ CCP għall-finijiet tagħha stess fuq it-tranżazzjoni ta’ finanzjament tad-derivattivi, u s-CCP tkun kontroparti ċentrali kwalifikanti.”;

(66) fl-Artikolu 197(7), l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġejja:

“Meta, fil-każ ta’ insolvenza tal-kontroparti, id-determinazzjoni tas-sehem proporzjonali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mill-patrimonju tal-insolvenza tal-kontroparti ma tiħux kont li l-impriża tirċievi l-kollateral, il-fatturi *F*, *F′*, *F″* u *F‴* imsemmija fl-Artikolu 192(2) sa (3c) u fl-Artikoli 194 sa 196 għandhom kollha jkunu 100 %.”;

(67) fl-Artikolu 199, il-paragrafu 12 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“12. Minkejja l-paragrafi 2 sa 11, l-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 192(3), (7) u (8) għandhom jiġu assenjati probabbiltà ta’ inadempjenza ugwali għal 0,002 %.”;

(68) fl-Artikolu 201(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) is-somma tkopri l-kombinazzjonijiet kollha possibbli (j,k) ta' probabbiltajiet ta' inadempjenza fuq skoperturi b'isem wieħed kif imsemmi fl-Artikolu 199, ħlief il-każ meta $PD_j = PD_k = 0$;";

(69) l-Artikolu 202 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 202*

**Skoperturi tat-tip 2**

Ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq skoperturi tat-tip 2 għandu jkun ugwali għat-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis f'daqqa fil-valur tal-iskoperturi tat-tip 2 bl-ammont li ġej:

$$90\,\% \cdot LGD_{riċevibbli>3\ xhur} + 100\,\% \cdot LGD_{inadempjenti/imrażżna} + \sum_i 15\,\% \cdot LGD_i$$

fejn:

(a) $LGD_{riċevibbli>3\ xhur}$ tindika t-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq ir-riċevibbli kollha mingħand intermedjarji li ilhom dovuti għal aktar minn tliet xhur;

(b) $LGD_{inadempjenti/imrażżna}$ tindika t-telf totali fil-każ ta' inadempjenza fuq is-self inadempjenti u mrażżan kollu;

(c) is-somma tittieħed fuq l-iskoperturi kollha tat-tip 2 għajr ir-riċevibbli mingħand intermedjarji li ilhom dovuti għal aktar minn tliet xhur, għajr self inadempjenti u mrażżan;

(d) $LGD_i$ tindika t-telf fil-każ ta' inadempjenza fuq l-iskopertura *i* tat-tip 2.";

(70) l-Artikolu 210 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju għandha titqies biss li ma tirriżultax f'riskju ta' bażi materjali meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun tista' turi li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskopertura koperta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tkun simili biżżejjed fin-natura għall-iskopertura għar-riskju tal-impriża; u

(b) il-bidliet fil-valur tal-iskopertura koperta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju jirriflettu mill-qrib il-bidliet fil-valur tal-iskopertura għar-riskju tal-impriża taħt sett komprensiv ta' xenarji tar-riskju rilevanti, inklużi xenarji li huma konsistenti mal-livell ta' fiduċja stabbilit fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.";

(b) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-impriża tista' turi li t-trasferiment tar-riskju huwa effettiv u li kwalunkwe tnaqqis fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jew żieda fil-fondi proprji bażiċi disponibbli li tirriżulta mill-arranġamenti tat-trasferiment tar-riskju tkun proporzjonata mal-bidla reali fir-riskji li l-impriża hija esposta għalihom.

Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-fondi proprji bażiċi disponibbli għandhom jirriflettu s-sustanza ekonomika tal-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju. Meta jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom iqisu biss it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju kif imsemmija fl-Artikolu 101(5) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun tista' turi li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma ssodisfati:

(a) l-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju jirriżultaw fi trasferiment effettiv tar-riskju;

(b) it-tnaqqis fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jkun proporzjonat mal-firxa tat-trasferiment tar-riskji li jirriżultaw mill-arranġamenti kuntrattwali; u

(c) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jirrifletti b'mod xieraq kwalunkwe riskju li jinħoloq mill-proċess tat-trasferiment tar-riskju.";

(71) l-Artikolu 211 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji ta' sottoskrizzjoni bl-użu ta' kuntratti ta' riassigurazzjoni jew veikoli bi skop speċjali, sabiex iqisu t-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku, għandhom jiġu ssodisfati l-kriterji kwalitattivi stabbiliti fl-Artikoli 209 u 210 u dawk stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 7.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jittrasferixxu riskji ta' sottoskrizzjoni għal skema bbażata fuq riassigurazzjoni mwettqa jew kompletament garantita mill-gvern ta' Stat Membru li jaġixxi, għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, fil-kapaċità ta' riassiguratur tal-aħħar istanza, l-iskema għandha titqies bħala kontroparti tar-riassigurazzjoni skont it-tifsira tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

(c) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Għall-finijiet tal-Artikolu 86 u l-Artikolu 210(3), l-impriżi għandhom jikkunsidraw ir-riskju ta' bażi li jirriżulta minn diskrepanza fil-munita bħala materjali meta l-iskopertura koperta mill-kuntratti ta' riassigurazzjoni jew minn veikoli bi skop speċjali tkun denominata f'munita differenti mill-iskopertura għar-riskju tal-impriża, sakemm il-muniti involuti ma jkunux marbuta f'kuritur dejjaq biżżejjed jew sakemm ir-rata tal-kambju fissa ma tkunx ipprovduta fil-kuntratt ta' riassigurazzjoni.";

(72) fl-Artikolu 212, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jittrasferixxu r-riskju, sabiex it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju titqies fir-Rekwiżit Kapitali Bażiku tas-Solvenza, minbarra fil-każijiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 211(1), inklużi trasferimenti permezz tax-xiri jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji, il-kriterji kwalitattivi previsti fil-paragrafi 2 sa 5 għandhom jiġu ssodisfati, flimkien mal-kriterji kwalitattivi stabbiliti fl-Artikolu 209 u 210.";

(73) jiddaħħal l-Artikolu 212a li ġej:

"*Artikolu 212a*

**Strumenti kapitali kontinġenti u strumenti ta' bonds konvertibbli**

L-arranġamenti kuntrattwali li ġejjin qatt ma għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-trasferiment effettiv tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 210:

(a) arranġamenti kuntrattwali konklużi bejn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u kontroparti oħra, li skonthom, meta jseħħu avvenimenti speċifiċi predefiniti, dik il-kontroparti tkun meħtieġa tixtri ishma ta' ekwità ġodda jew djun subordinati maħruġa mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni f'konformità ma' mekkaniżmu tal-iffissar tal-prezzijiet definit minn qabel;

(b) arranġamenti kuntrattwali konklużi bejn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u kontroparti oħra li skonthom, meta jseħħu avvenimenti speċifiċi predefiniti, dik il-kontroparti tkun meħtieġa takkwista strumenti ta' dejn maħruġa mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li aktar tard jistgħu jiġu kkonvertiti f'ishma ta' ekwità ġodda ta' din l-impriża, f'konformità ma' mekkaniżmu tal-iffissar tal-prezzijiet predefinit.";

(74) l-Artikolu 215 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Soġġett għall-Artikolu 215a(1), fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku, il-garanziji għandhom jiġu rikonoxxuti biss meta jissemmew espliċitament f'dan il-Kapitolu, u meta, minbarra l-kriterji kwalitattivi stipulati fl-Artikoli 209 u 210, jiġu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin:";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-firxa tal-protezzjoni tal-kreditu tkun stabbilita b'mod ċar u inkontrovertibbli;";

(c) fil-punt (c), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) tippermetti lill-fornitur tal-protezzjoni jikkanċella jew ibiddel il-protezzjoni b'mod unilaterali;”;

(d) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Fil-każ ta' garanzija li tkopri self ipotekarju residenzjali, ir-rekwiżiti fl-ewwel subparagrafu, il-punti (c)(iii) u (d), għandhom ikunu meħtieġa li jiġu ssodisfati biss fi żmien 24 xahar.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), klawżola fil-kuntratt ta' garanzija li tipprevedi li diliġenza dovuta difettuża jew frodi mill-istituzzjoni mutwanti tikkanċella jew tnaqqas il-firxa tal-protezzjoni tal-kreditu offruta mill-garanti, ma għandhiex tiskwalifika dik il-garanzija milli tissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), il-garanti jista' jagħmel ħlas wieħed ta' somma f'daqqa tal-flus kollha dovuti taħt il-pretensjoni, jew jista' jassumi l-obbligi ta' ħlas futuri tal-obbligant koperti mill-kuntratt ta' protezzjoni tal-kreditu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja li għandha fis-seħħ sistemi biex timmaniġġa l-konċentrazzjoni potenzjali tar-riskju li jirriżulta mill-użu tal-garanziji minnha. Impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja kif l-istrateġija tagħha fir-rigward tal-użu tal-garanziji minnha tinteraġixxi mal-ġestjoni tagħha tal-profil tar-riskju ġenerali tagħha.”;

(75) jiddaħħal l-Artikolu 215a li ġej:

“*Artikolu 215a*

**Kontrogaranziji sovrani u oħrajn fis-settur pubbliku**

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jittrattaw l-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2 bħala protetti minn garanzija pprovduta mill-entitajiet elenkati f'dak il-paragrafu, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontrogaranzija tkopri l-elementi kollha tar-riskju ta' kreditu tal-pretensjoni;

(b) kemm il-garanzija oriġinali kif ukoll il-kontrogaranzija jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 215, ħlief li l-kontrogaranzija ma hemmx bżonn tkun diretta;

(c) il-kopertura hija robusta u ma hemm xejn fl-evidenza storika li jissuġġerixxi li l-kopertura tal-kontrogaranzija hija inqas minn effettivament ekwivalenti għal dik ta' garanzija diretta mill-entità inkwistjoni.

2. It-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika għal skoperturi protetti minn garanzija li hija kontrogarantita minn kwalunkwe waħda mill-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 180(2), l-ewwel subparagrafu.”;

(76) l-Artikoli 216 u 217 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“*Artikolu 216*

**Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fil-każ ta' fondi delimitati**

1. Fil-każ ta' fondi delimitati ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 81(1), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jaġġustaw il-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-metodu stabbilit fl-Artikolu 217.

2. Madankollu, impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tkun irċeviet approvazzjoni superviżorja biex tapplika l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE qabel id-29 ta' Jannar 2027 għal fond delimitat ma għandhiex taġġusta l-kalkolu f'konformità mal-Artikolu 217 ta' dan ir-Regolament, iżda tibbaża l-kalkolu fuq is-suppożizzjoni ta' diversifikazzjoni sħiħa bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-fondi delimitati u l-bqija tal-impriża.

*Artikolu 217*

**Metodu ta' kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għall-fondi delimitati**

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkalkolaw Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond delimitat u għall-parti li jifdal tal-impriża bl-istess mod daqslikieku dawk il-fondi delimitati u l-parti li jifdal tal-impriża kienu impriżi separati.

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom bħala s-somma tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull wieħed mill-fondi delimitati u għall-parti li jifdal tal-impriża.

3. Meta l-kalkolu tar-rekwiżit kapitali għal modulu jew submodulu ta' riskju tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun ibbażat fuq l-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, għandu jiġi kkalkolat l-impatt tax-xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond delimitat u l-parti li jifdal tal-impriża.

4. Il-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond delimitat għandhom ikunu dawk il-fondi proprji ristretti li jaqblu mad-definizzjoni ta' fondi proprji bażiċi stabbiliti fl-Artikolu 88 tad-Direttiva 2009/138/KE.

5. Meta jkunu jeżistu arranġamenti ta' parteċipazzjoni fil-profitt fil-fond delimitat, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw l-approċċ li ġej meta jaġġustaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza:

(a) meta l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 3 jirriżulta f'żieda fil-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond delimitat, il-bidla stmata f'dawk il-fondi proprji bażiċi għandha tiġi aġġustata biex tkun tirrifletti l-eżistenza ta' arranġamenti ta' parteċipazzjoni fil-profitt fil-fond delimitat, f'liema każ l-aġġustament għall-bidla fil-fondi proprji bażiċi tal-fond delimitat għandu jkun l-ammont li bih il-provvedimenti tekniċi jiżdiedu minħabba d-distribuzzjoni futura mistennija lid-detenturi tal-poloz jew lill-benefiċjarji ta' dak il-fond delimitat;

(b) meta l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 3 jirriżulta fi tnaqqis fil-fondi proprji bażiċi fil-livell tal-fond delimitat, il-bidla stmata f'dawk il-fondi proprji bażiċi għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku nett, kif imsemmi fl-Artikolu 206(2), għandha tiġi aġġustata biex tkun tirrifletti t-tnaqqis fil-benefiċċji diskrezzjonali futuri pagabbli lid-detenturi tal-poloz jew lill-benefiċjarji ta' dak il-fond delimitat, iżda tali aġġustament ma għandux jaqbeż l-ammont ta' benefiċċji diskrezzjonali futuri fi ħdan il-fond delimitat.

6. Minkejja l-paragrafu 1, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond delimitat għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-kalkoli bbażati fuq xenarju li taħthom il-fondi proprji bażiċi għall-impriża kollha kemm hi jkunu l-aktar affettwati b'mod negattiv.

7. Meta jiġi ddeterminat ix-xenarju li taħtu l-fondi proprji bażiċi huma l-aktar affettwati b'mod negattiv għall-impriża kollha kemm hi, l-impriża għandha l-ewwel tikkalkula s-somma tar-riżultati tal-impatti tax-xenarji fuq il-fondi proprji bażiċi fil-livell ta' kull fond delimitat, f'konformità mal-paragrafi 3 u 5. Is-somom fil-livell ta' kull fond delimitat għandhom jiżdiedu ma' xulxin u mar-riżultati tal-impatt tax-xenarji fuq il-fondi proprji bażiċi fil-parti li jifdal tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

8. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal kull fond delimitat għandu jiġi ddeterminat billi jiġu aggregati r-rekwiżiti kapitali għal kull submodulu u modulu tar-riskju tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku.

9. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jassumu li ma hemm l-ebda diversifikazzjoni tar-riskji bejn kull wieħed mill-fondi delimitati u l-parti li jifdal tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.";

(77) fl-Artikolu 231, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri interni biex jevitaw dipendenza żejda fuq data minn avvenimenti tal-passat fir-rigward tax-xejriet relatati mat-tibdil fil-klima, inkluż, meta xieraq, bl-użu ta' xenarji klimatiċi.";

(78) fl-Artikolu 234, il-punt (b), il-punt (ii) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(ii) kwalunkwe restrizzjoni tad-diversifikazzjoni li tirriżulta mill-eżistenza ta’ fond delimitat;”;

(79) l-Artikolu 235 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“**Tekniki ta’ mitigazzjoni tar-riskju u tekniki oħrajn biex jitnaqqas ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza**”;

(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. L-użu tal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 212a qatt ma għandu jiġi rikonoxxut bħala tekniki ta’ mitigazzjoni tar-riskju. Qatt ma għandu jirriżulta fi tnaqqis tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza.”;

(80) fl-Artikolu 258(6), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kompożizzjoni, inkluż f’termini ta’ bilanċ bejn il-ġeneri u diversità, l-effettività u l-governanza interna tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju. L-evalwazzjoni għandha tkun proporzjonata wkoll għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tal-impriżi.”;

(81) l-Artikolu 260 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Il-profitt mistenni f’tariffi futuri għas-servizzjar u l-ġestjoni ta’ fondi għall-assigurazzjoni marbuta ma’ indiċi u marbuta ma’ unitajiet għandu jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta’ riskju kkalkolata f’konformità mal-Artikolu 77 tad-Direttiva 2009/138/KE u provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta’ riskju bis-suppożizzjoni li t-tariffi futuri għas-servizzjar u l-ġestjoni ta’ fondi li huma mistennija jiġu riċevuti fil-futur ma jkunux riċevuti għal xi raġuni għajr jekk ikun seħħ l-event assigurat, irrispettivament mid-drittijiet kuntrattwali tad-detentur ta’ polza li jwaqqaf il-polza.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Poloz li jagħmlu t-telf jistgħu jiġu paċuti biss kontra poloz li jagħmlu l-profitt fi ħdan grupp ta’ riskju omoġenju. Il-gruppi ta’ riskji omoġenji li jagħmlu t-telf għandhom jiġu paċuti wkoll kontra gruppi ta’ riskji omoġenji li jagħmlu profitt.”;

(82) fl-Artikolu 271, jitħassar il-paragrafu 2;

(83) l-Artikolu 275 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-punt (ea) li ġej:

“(ea) ir-remunerazzjoni varjabbli, inkluż il-porzjon differit, titħallas jew tiġi vestita biss jekk tkun sostenibbli skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża kollha kemm hi, u tkun ġustifikata fuq il-bażi tal-prestazzjoni tal-impriża, tal-unità tan-negozju u tal-individwu kkonċernat;”;

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Għall-finijiet tal-punt (c), ir-rimunerazzjoni li għandha titħallas skont l-arranġamenti ta’ differiment ma għandhiex tvesti aktar malajr minn waħda fuq bażi pro-rata.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (ea), mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ġenerali tal-liġi nazzjonali dwar il-kuntratti u l-impjiegi, ir-remunerazzjoni varjabbli totali ġeneralment għandha titnaqqas b’mod konsiderevoli meta sseħħ prestazzjoni finanzjarja mrażżna jew negattiva tal-impriża, filwaqt li jitqiesu kemm ir-remunerazzjoni kurrenti kif ukoll it-tnaqqis fil-ħlasijiet ta’ ammonti miksuba preċedentement, inkluż permezz ta’ arranġamenti ta’ malus jew irkupru.

Sa 100 % tar-remunerazzjoni varjabbli totali għandha tkun soġġetta għal arranġamenti ta' malus jew irkupru. L-impriżi għandhom jistabbilixxu kriterji speċifiċi għall-applikazzjoni tal-*malus* u l-irkupru. Tali kriterji għandhom ikopru sitwazzjonijiet li fihom il-membru tal-persunal:

(i) ikun ipparteċipa fi, jew kien responsabbli għal, imġiba li rriżultat f'telf sinifikanti għall-impriża;

(ii) ma jibqax jitqies li jissodisfa l-istandards xierqa ta' idoneità u proprjetà.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

"2a. Id-differiment ta' porzjon sostanzjali tal-komponent ta' remunerazzjoni varjabbli stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt (c), ma għandux japplika meta r-remunerazzjoni varjabbli annwali ta' membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, persuna li effettivament tmexxi l-impriża jew li għandha funzjonijiet ewlenin oħrajn, jew persuna li tappartjeni għal kategoriji oħrajn ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-impriża, ma taqbiżx il-EUR 50 000 u ma tirrappreżentax aktar minn terz tar-remunerazzjoni annwali totali ta' dak il-membru tal-persunal.

2b. B'deroga mill-paragrafu 2a, awtorità superviżorja tista' tiddeċiedi li l-membri tal-persunal intitolati għal remunerazzjoni varjabbli annwali taħt il-livell limitu msemmi f'dak il-paragrafu ma għandhomx ikunu soġġetti għall-eżenzjoni stabbilita fih minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-suq nazzjonali f'termini ta' prattiki ta' remunerazzjoni, minħabba n-natura tar-responsabbiltajiet u l-profil tal-impjieg ta' dawk il-membri tal-persunal jew minħabba l-profil tar-riskju speċifiku tal-impriża.";

(84) jiddaħħal l-Artikolu 275b li ġej:

"*Artikolu 275b*

**Trasparenza dwar l-investiment u l-ġestjoni kapitali**

Filwaqt li tqis l-informazzjoni mir-rapportar superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 304, l-EIOPA għandha tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar:

(a) l-allokazzjoni aggregata tal-investimenti, imqassma skont is-settur u ż-żona ġeografika;

(b) distribuzzjonijiet lill-azzjonisti, inkluż xiri lura ta' ishma, u remunerazzjoni varjabbli lill-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, lit-titolari ta' funzjonijiet ewlenin jew lill-maniġment superjuri.";

(85) fl-Artikolu 278, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fir-rigward tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-miżuri tranżizzjonali u fir-rigward tal-aġġustament tal-volatilità, meta l-awtoritajiet superviżorji jkunu ppermettew lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tuża wieħed minn dawn l-aġġustamenti jew waħda minn dawn il-miżuri tranżizzjonali, huma jistgħu jimponu supplimentazzjoni kapitali skont l-Artikolu 37(1), il-punt (d), tad-Direttiva 2009/138/KE biss f'ċirkostanzi li fihom id-devjazzjoni mis-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-aġġustamenti jew il-miżuri tranżizzjonali tkun ta' natura temporanja u ma tiġġustifikax ir-revoka tal-approvazzjoni superviżorja għall-użu tal-aġġustament jew tal-miżura tranżizzjonali.";

(86) l-Artikoli 290 sa 294 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 290*

**Struttura**

1. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jsegwi l-istruttura stabbilita fl-Anness XX, it-Taqsima A, u jiddivulga l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 292 sa 298 ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih informazzjoni narrattiva f'forma kwantitattiva u kwalitattiva supplimentata, għall-parti mmirata lejn il-professjonisti tas-suq, meta xieraq, b'mudelli kwantitattivi.

3. Meta tiġi pprovduta informazzjoni ta' mill-inqas kamp ta' applikazzjoni u livell ta' dettall ugwali għall-perjodu tar-rapportar f'rapporti pubbliċi oħrajn, l-impriża tista' tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fil-parti mmirata lejn il-professjonisti tas-suq billi tinkludi l-link tal-internet għall-parti rilevanti tar-rapporti pubbliċi. Meta jużaw links tal-internet, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari t-taqsimiet u l-paġni rilevanti. Huma għandhom jiżguraw li tali links jibqgħu validi matul mill-inqas ħames snin wara d-data tal-pubblikazzjoni.

*Artikolu 291*

**Materjalità**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-informazzjoni jew il-bidliet fi kwalunkwe informazzjoni li għandha tiġi divulgata fir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandhom jitqiesu bħala materjali jekk l-ommissjoni jew id-dikjarazzjoni żbaljata tagħha tista' tinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti ta' dak id-dokument, inklużi l-awtoritajiet superviżorji.

*Artikolu 292*

**Informazzjoni mmirata lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji**

1. Il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja mmirata lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji għandha tibda b'indikazzjoni li d-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji għandhom id-dritt li jitolbu verżjoni ta' dik il-parti fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn jirrisjedu, dment li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni topera f'dak l-Istat Membru permezz tad-dritt ta' stabbiliment jew il-libertà li tipprovdi servizzi. Meta l-verżjonijiet f'lingwi oħrajn ikunu disponibbli online, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tipprovdi wkoll il-links tal-internet għal kull verżjoni fil-bidu ta' dik il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja.

2. Il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja li tikkonsisti f'informazzjoni mmirata lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji għandu jkun fiha taqsima dwar in-negozju u l-prestazzjoni tal-impriża, li għandha tkopri l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) l-isem u l-forma ġuridika tal-impriża;

(b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità superviżorja responsabbli għas-superviżjoni finanzjarja tal-impriża;

(c) lista tal-azzjonisti ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fl-impriża;

(d) meta l-impriża tal-assigurazzjoni tkun tappartjeni għal grupp, l-isem tal-grupp, il-forma ġuridika tiegħu, il-ġuriżdizzjoni tal-grupp u, meta applikabbli, l-awtorità superviżorja responsabbli għas-superviżjoni finanzjarja tal-grupp;

(e) kwalunkwe żvilupp sinifikanti fin-negozju jew event sinifikanti ieħor li jkun seħħ matul il-perjodu tar-rapportar li jkollu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-impriża;

(f) informazzjoni ċara u sempliċi dwar il-prestazzjoni ta' sottoskrizzjoni u investiment tal-impriża tal-assigurazzjoni f'livell aggregat matul il-perjodu tar-rapportar.

3. Il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja li tikkonsisti f'informazzjoni mmirata lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji għandu jkun fiha taqsima dwar il-ġestjoni kapitali u l-profil tar-riskju tal-impriża, li għandha tkopri l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) definizzjoni qasira tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u tar-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(b) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu, il-fondi proprji eliġibbli, u l-proporzjon ta' kopertura kemm fi tmiem il-perjodu tar-rapportar kif ukoll fil-perjodu tar-rapportar preċedenti;

(c) rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu jew mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza matul il-perjodu tar-rapportar jew fiż-żmien tad-divulgazzjoni, il-perjodu ta' kull nuqqas ta' konformità, spjegazzjoni tal-oriġini u l-konsegwenzi tiegħu, kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda, u spjegazzjoni tal-effetti ta' tali miżuri ta' rimedju;

(d) deskrizzjoni tar-riskji materjali li l-impriża tkun esposta għalihom, inkluż fir-rigward tar-riskji għas-sostenibbiltà, kwalunkwe bidla materjali f'dawk ir-riskji materjali matul il-perjodu tar-rapportar, u deskrizzjoni tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju applikati.

Id-deskrizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandu jkun fiha t-test li ġej:

'Żewġ rekwiżiti kapitali għandhom l-għan li jkejlu s-solidità finanzjarja tal-impriża: ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (SCR, Solvency Capital Requirement) u r-Rekwiżit Kapitali Minimu (MCR, Minimum Capital Requirement). L-SCR għandu jipprovdi livell ta' kapital li jippermetti lil impriża tassorbi telf sinifikanti mhux previst fuq perjodu ta' żmien ta' sena u għandu jagħti aċċertament raġonevoli lid-detenturi tal-poloz li l-ħlasijiet isiru hekk kif isiru dovuti. L-MCR huwa maħsub biex jipprovdi livell minimu ta' sigurtà li għandu jinżamm f'kull ħin mill-impriża u li taħtu ma għandux jaqa' l-ammont ta' riżorsi finanzjarji (fondi proprji).

Ir-rekwiżiti kapitali se jkollhom jiġu koperti minn kapital (fondi proprji) ta' kwalità suffiċjenti biex jiġi żgurat li t-telf ikun jista' jiġi kopert fuq bażi ta' negozju avvjat, kif ukoll fil-każ ta' stralċ.'

4. Il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja mmirata lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji għandu jkun fiha taqsima li tkopri kwalunkwe informazzjoni materjali oħra għad-detenturi tal-poloz. Dik it-taqsima għandha tindika b'mod partikolari jekk l-impriża tiddivulgax il-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 19a jew fl-Artikolu 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u, meta applikabbli, ikunx fiha l-link tal-internet għal dawn il-pjanijiet.

5. Il-parti tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja mmirata lejn id-detenturi ta' poloz u l-benefiċjarji ma għandhiex taqbeż il-ħames paġni.

Il-konformità mal-ewwel subparagrafu ma għandhiex tirriżulta f'ommissjoni jew tqassir tal-informazzjoni rilevanti msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 4.

*Artikolu 293*

**Informazzjoni mmirata lejn il-professjonisti tas-suq: Negozju u prestazzjoni**

1. Il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja mmirata lejn il-professjonisti għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja rigward in-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) l-isem u l-forma ġuridika tal-impriża u, meta disponibbli, l-identifikatur speċifiku tal-entità ġuridika msemmi fl-Artikolu 7(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità superviżorja responsabbli għas-superviżjoni finanzjarja tal-impriża u, meta applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tas-superviżur tal-grupp li għalih tappartjeni l-impriża;

(c) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awditur estern tal-impriża u l-kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 51a tad-Direttiva 2009/138/KE;

(d) deskrizzjoni tad-detenturi ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fl-impriża, inklużi l-ismijiet tagħhom;

(e) meta l-impriża tkun tappartjeni għal grupp, id-dettalji tal-pożizzjoni tal-impriża fl-istruttura legali tal-grupp, inkluża organigramma sħiħa u, meta xieraq, organigramma simplifikata tal-grupp;

(f) il-linji operatorji materjali tal-impriża u ż-żoni ġeografiċi materjali fejn twettaq in-negozju;

(g) kwalunkwe negozju sinifikanti jew eventi oħrajn li seħħew matul il-perjodu tar-rapportar li kellhom impatt materjali fuq l-impriża.

2. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, f'livell aggregat matul il-perjodu tar-rapportar, flimkien ma' tqabbil tal-informazzjoni ma' dik irrapportata fil-perjodu tar-rapportar preċedenti, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża.

3. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-prestazzjoni tal-investimenti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni matul il-perjodu tar-rapportar flimkien ma' tqabbil tal-informazzjoni li ġiet irrapportata fil-perjodu tar-rapportar preċedenti, kif muri fir-rapporti finanzjarji ta' dik l-impriża:

(a) informazzjoni dwar l-introjtu u l-ispejjeż li jirriżultaw minn investimenti u, meta meħtieġ għal ftehim xieraq tal-introjtu u tal-ispejjeż, il-komponenti ta' tali introjtu u spejjeż;

(b) informazzjoni dwar in-natura u l-ammont ta' kwalunkwe qligħ u telf rikonoxxuti direttament f'ekwità;

(c) informazzjoni dwar in-natura u l-ammont ta' kwalunkwe investiment fit-titolizzazzjoni.

4. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jiddeskrivi n-natura u l-ammont tal-introjtu u l-ispejjeż materjali l-oħrajn tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mġarrba matul il-perjodu tar-rapportar flimkien ma' tqabbil tal-informazzjoni li ġiet irrapportata fil-perjodu tar-rapportar preċedenti, kif muri fir-rapporti finanzjarji ta' dik l-impriża.

5. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward in-negozju u l-prestazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

*Artikolu 294*

**Informazzjoni mmirata lejn il-professjonisti tas-suq: Sistema ta' governanza**

1. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja dwar is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-istruttura tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża, tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu u tas-segregazzjoni tar-responsabbiltajiet f'dawk il-korpi, u b'mod partikolari jekk jeżistux kumitati rilevanti fihom, kif ukoll deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-funzjonijiet ewlenin jew, meta rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjara jkun diġà ġie ppreżentat, kwalunkwe bidla fis-sistema ta' governanza li tkun saret meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti;

(b) informazzjoni dwar il-politika u l-prattiki ta' remunerazzjoni rigward il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, l-impjegati, inklużi:

(i) il-prinċipji tal-politika ta' remunerazzjoni, bi spjegazzjoni ta' mill-inqas l-importanza relattiva tal-komponenti fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni u d-differiment ta' komponent varjabbli u kif il-politika ta' remunerazzjoni hija konsistenti mal-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà;

(ii) informazzjoni dwar il-kriterji individwali u kollettivi tal-prestazzjoni li fuqhom huwa bbażat kwalunkwe intitolament għal opzjonijiet fuq l-ishma, ishma jew komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni;

(iii) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin ta' pensjoni supplimentari jew skemi ta' rtirar bikri għall-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u detenturi ta' funzjonijiet ewlenin oħrajn;

(c) informazzjoni dwar tranżazzjonijiet materjali matul il-perjodu tar-rapportar mal-azzjonisti, ma' persuni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-impriża, u ma' membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

2. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jidentifika kwalunkwe funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti esternalizzata, u għandu jkun fih l-ismijiet tal-fornituri ta' servizzi li lilhom tkun ġiet esternalizzata kwalunkwe funzjoni jew attività operazzjonali kritika jew importanti u l-ġuriżdizzjoni li fiha jinsabu l-fornituri ta' servizzi ta' tali funzjonijiet jew attivitajiet.

3. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj).";

(87) jitħassar l-Artikolu 295;

(88) l-Artikoli 296 u 297 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 296*

**Informazzjoni mmirata lejn il-professjonisti tas-suq: Valwazzjoni għall-finijiet ta' solvenza**

1. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-valwazzjoni tal-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għall-finijiet ta' solvenza:

(a) separatament għal kull klassi materjali ta' assi, wara l-klassifikazzjoni kif stabbilita fil-karta bilanċjali tas-solvenza, il-valur tal-assi, u deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valwazzjoni għall-finijiet ta' solvenza, inkluża, meta rilevanti, il-kunsiderazzjoni tar-riskji u l-fatturi ta' sostenibbiltà fil-metodi ta' valwazzjoni;

(b) għall-klassijiet materjali ta' assi, spjegazzjoni ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati minn dik l-impriża għall-valwazzjoni għal finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valwazzjoni tagħha fir-rapporti finanzjarji.

2. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal finijiet ta' solvenza:

(a) separatament għal kull linja materjali tan-negozju, il-valur tal-provvedimenti tekniċi, inkluż l-ammont tal-aħjar stima u l-marġni tar-riskju, u deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valwazzjoni tagħha għal finijiet ta' solvenza, inkluża, meta rilevanti, il-kunsiderazzjoni tar-riskji u l-fatturi ta' sostenibbiltà fil-metodi ta' valwazzjoni;

(b) deskrizzjoni tal-livell ta' inċertezza assoċjat mal-valur tal-provvedimenti tekniċi;

(c) għal-linji materjali tan-negozju, spjegazzjoni ta' kwalunkwe differenza materjali bejn il-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati minn dik l-impriża għall-valwazzjoni għal finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valwazzjoni tagħhom fir-rapporti finanzjarji;

(d) dikjarazzjoni dwar jekk jintużax il-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali għall-estrapolazzjoni stabbilit fl-Artikolu 77a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, u kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali;

(e) meta jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, deskrizzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza u tal-portafoll tal-obbligi u l-assi assenjati li għalihom jiġi applikat l-aġġustament ta' korrispondenza, u kwantifikazzjoni tal-impatt ta' bidla għal żero tal-aġġustament ta' korrispondenza fuq l-ammont ta' provvedimenti tekniċi;

(f) dikjarazzjoni dwar jekk l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE jintużax mill-impriża, deskrizzjoni għal kull munita tal-aġġustament tal-volatilità użat u l-ammont tal-aħjar stima li għalih huwa applikat, u kwantifikazzjoni tal-impatt ta' bidla għal żero tal-aġġustament tal-volatilità fuq l-ammont ta' provvedimenti tekniċi;

(g) dikjarazzjoni dwar jekk tiġix applikata l-istruttura tranżizzjonali tat-termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-raġuni għall-applikazzjoni ta' dik l-istruttura tranżizzjonali tat-termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dik l-istruttura tat-termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju fuq l-ammont ta' provvedimenti tekniċi, u l-prospett li titnaqqas kwalunkwe dipendenza fuq l-istruttura tranżizzjonali tat-termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju sa tmiem il-perjodu tranżitorju;

(h) dikjarazzjoni dwar jekk it-tnaqqis tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE huwiex applikat, ir-raġuni għall-applikazzjoni ta' dak it-tnaqqis tranżizzjonali, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tat-tnaqqis tranżizzjonali fuq l-ammont ta' provvedimenti tekniċi u l-prospett li titnaqqas kwalunkwe dipendenza fuq it-tnaqqis tranżizzjonali sa tmiem il-perjodu tranżitorju;

(i) deskrizzjoni ta' dawn li ġejjin:

   (i) ir-rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u, separatament, minn veikoli bi skop speċjali;

   (ii) kwalunkwe bidla materjali fis-suppożizzjonijiet rilevanti li saru fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti.

3. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-valwazzjoni tal-obbligazzjonijiet l-oħrajn tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal finijiet ta' solvenza:

(a) separatament għal kull klassi materjali ta' obbligazzjonijiet oħrajn, il-valur ta' obbligazzjonijiet oħrajn u deskrizzjoni tal-bażijiet, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-valwazzjoni tagħhom għal finijiet ta' solvenza;

(b) għal kull klassi materjali ta' obbligazzjonijiet oħrajn, spjegazzjoni ta' kwalunkwe differenza materjali mal-bażijiet ta' valwazzjoni, il-metodi u s-suppożizzjonijiet ewlenin użati mill-impriża għall-valwazzjoni għal finijiet ta' solvenza u dawk użati għall-valwazzjoni tagħhom fir-rapporti finanzjarji.

4. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih informazzjoni dwar l-oqsma stabbiliti fl-Artikolu 263 fil-konformità mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kif stipulat fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward il-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet għal finijiet ta' solvenza.

*Artikolu 297*

**Informazzjoni mmirata lejn il-professjonisti tas-suq: Ġestjoni kapitali u profil tar-riskju**

1. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja fir-rigward tal-fondi proprji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar l-objettivi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-ġestjoni tal-fondi proprji tagħha, inkluża informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien użat għall-ippjanar tan-negozju u spjegazzjonijiet għal kwalunkwe bidla materjali f'dawk l-objettivi matul il-perjodu tar-rapportar;

(b) l-ammont eliġibbli ta' fondi proprji biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ikklassifikat skont il-livelli, fi tmiem il-perjodu tar-rapportar u fi tmiem il-perjodu tar-rapportar preċedenti, inkluża analiżi tal-bidliet materjali f'kull livell matul il-perjodu tar-rapportar;

(c) l-ammont eliġibbli ta' fondi proprji bażiċi biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu, ikklassifikat skont il-livelli;

(d) meta jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali għall-estrapolazzjoni msemmi fl-Artikolu 77a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' introduzzjoni gradwali fuq;

   (i) il-fondi proprji bażiċi;

   (ii) l-ammonti ta' fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(e) meta jiġi applikat l-aġġustament ta’ korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt ta’ bidla għal żero tal-aġġustament ta’ korrispondenza fuq:

(i) il-fondi proprji bażiċi;

(ii) l-ammonti ta’ fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(f) meta jintuża mill-impriża l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt ta’ bidla għal żero tal-aġġustament tal-volatilità fuq:

(i) il-fondi proprji bażiċi;

(ii) l-ammonti ta’ fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(g) meta tiġi applikata l-istruttura tranżizzjonali tat-termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta’ applikazzjoni tal-miżura tranżizzjonali fuq:

(i) il-fondi proprji bażiċi;

(ii) l-ammonti ta’ fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(h) meta jiġi applikat it-tnaqqis tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta’ applikazzjoni tal-miżura ta’ tnaqqis fuq:

(i) il-fondi proprji bażiċi;

(ii) l-ammonti ta’ fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali Minimu u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(i) kwantifikazzjoni tal-impatt ikkombinat fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-impriża tan-nuqqas ta’ applikazzjoni tal-miżuri tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 77a(2), fl-Artikoli 308c u 308d u, meta rilevanti, fl-Artikolu 111(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE;

(j) analiżi tal-bidliet sinifikanti fil-fondi proprji matul il-perjodu tar-rapportar, inklużi:

(i) il-valur tal-entrati ta’ fondi proprji maħruġa matul is-sena;

(ii) il-punt sa fejn ikun intuża ħruġ kif imsemmi fil-punt (i) biex tiġi ffinanzjata t-tifdija;

(iii) il-valur tal-istrumenti mifdija matul is-sena;

(iv) bidliet fir-rigward tal-elementi ewlenin tar-riżerva ta’ rikonċiljazzjoni;

(k) spjegazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva ta' kwalunkwe differenza materjali bejn ekwità kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża u l-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet kif ikkalkulat għall-finijiet ta' solvenza;

(l) għal kull entrata materjali ta’ fondi proprji anċillari:

(i) deskrizzjoni tal-entrata kkonċernata;

(ii) l-ammont tal-entrata ta’ fondi proprji anċillari;

(iii) meta jkun ġie approvat metodu li bih jiġi ddeterminat l-ammont tal-entrata ta’ fondi proprji anċillari:

(1) dak il-metodu;

(2) in-natura u l-ismijiet tal-kontroparti jew tal-grupp ta’ kontropartijiet għall-entrati msemmija fl-Artikolu 89(1), il-punti (a), (b) u (c) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(m) deskrizzjoni ta’ kwalunkwe element imnaqqas mill-fondi proprji u deskrizzjoni fil-qosor ta’ kwalunkwe restrizzjoni sinifikanti li taffettwa d-disponibbiltà u t-trasferibbiltà tal-fondi proprji fl-impriża;

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (l), l-ismijiet tal-kontropartijiet ma għandhomx jiġu ddivulgati meta tali divulgazzjoni tkun legalment mhux possibbli jew imprattikabbli jew meta l-kontropartijiet ikkonċernati ma jkunux materjali.

2. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżiti Kapitali Minimu tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) l-ammonti tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża u l-fondi proprji eliġibbli u l-proporzjon ta’ kopertura kemm għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif ukoll għar-Rekwiżit Kapitali Minimu fi tmiem il-perjodu tar-rapportar, akkumpanjati, meta applikabbli, minn dikjarazzjoni li l-ammont finali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għadu soġġett għal valutazzjoni superviżorja;

(b) fir-rigward tas-sensittività għar-riskju, deskrizzjoni tal-metodi użati, is-suppożizzjonijiet magħmula u l-eżitu tal-analiżi tas-sensittività għal riskji u avvenimenti materjali;

(c) meta jiġi applikat il-mekkaniżmu ta’ introduzzjoni gradwali għall-estrapolazzjoni stabbilit fl-Artikolu 77a(2) tad-Direttiva 2009/139/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ dak il-mekkaniżmu ta’ introduzzjoni gradwali fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu

(d) meta jiġi applikat l-aġġustament ta’ korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt ta’ bidla għal żero ta’ dak l-aġġustament ta’ korrispondenza fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fuq ir-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(e) meta jintuża l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt ta’ bidla għal żero ta’ dak l-aġġustament tal-volatilità fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fuq ir-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(f) meta tiġi applikata l-istruttura tranżizzjonali tat-termini tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ dik l-istruttura tranżizzjonali tat-termini tar-rati tal-imgħax minghajr riskju fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fuq ir-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(g) meta jiġi applikat it-tnaqqis tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE, kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ dak it-tnaqqis tranżizzjonali fuq ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fuq ir-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(h) l-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża maqsum skont il-moduli tar-riskju meta dik l-impriża tapplika l-formula standard, u skont il-kategoriji tar-riskju meta l-impriża tapplika mudell intern u deskrizzjoni kwalitattiva tar-riskji materjali koperti mill-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(i) informazzjoni dwar jekk l-impriża hijiex qed tuża kalkoli simplifikati, u għal liema moduli u submoduli tar-riskju tal-formula standard;

(j) informazzjoni dwar jekk u għal liema parametri tal-formula standard dik l-impriża tkun qed tuża parametri speċifiċi għall-impriża skont l-Artikolu 104(7) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(k) informazzjoni dwar l-inputs użati mill-impriża biex tikkalkula r-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(l) kwalunkwe bidla materjali fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u fir-Rekwiżit Kapitali Minimu matul il-perjodu tar-rapportar, u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla bħal din.

3. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-opzjoni stabbilita fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) dikjarazzjoni li l-impriża qed tuża s-submodulu tar-riskju tal-ekwità bbażat fuq id-durata stabbilit f'dak l-Artikolu għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha, wara l-approvazzjoni mill-awtorità superviżorja tagħha;

(b) l-ammont tar-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità bbażat fuq id-durata li jirriżulta minn tali użu.

Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) dikjarazzjoni dwar jekk l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tapplikax it-trattament prudenzjali stabbilit fl-Artikolu 105a ta' dik id-Direttiva għall-kalkolu tar-rekwiżit kapitali ta' Solvenza II tagħha u, meta applikabbli, l-ammont ta' investimenti ta' ekwità li huma kklassifikati bħala investimenti ta' ekwità fit-tul, u s-sehem ta' tali investimenti fil-portafoll tal-ekwità;

(b) informazzjoni dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 105a(1), it-tieni subparagrafu, ta' dik id-Direttiva matul is-sena finanzjarja koperta mir-rapport, inklużi dawn kollha li ġejjin:

  (i) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li mhumiex jew ma ġewx issodisfati u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità;

  (ii) id-durata tan-nuqqas ta' konformità;

  (iii) jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkunx irrestawrat il-konformità.

Impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li hija meħtieġa tieqaf tikklassifika kwalunkwe investiment ta' ekwità bħala investimenti ta' ekwità fit-tul f'konformità mal-Artikolu 105a(3), ir-raba' subparagrafu, ta' dik id-Direttiva għandha tiddivulga dik l-informazzjoni u d-durata li jifdal tal-projbizzjoni biex jiġi applikat il-fattur tar-riskju msemmi fl-Artikolu 105a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Meta jintuża mudell intern biex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-rapport tas-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-iskopijiet differenti li għalihom dik l-impriża qed tuża l-mudell intern tagħha;

(b) deskrizzjoni tal-ambitu tal-mudell intern f'termini ta' unitajiet tan-negozju u kategoriji tar-riskju;

(c) meta jintuża mudell intern parzjali, deskrizzjoni tat-teknika li ntużat biex jiġi integrat kwalunkwe mudell parzjali intern fil-formula standard, inkluża, meta tkun rilevanti, deskrizzjoni tat-tekniki alternattivi użati;

(d) deskrizzjoni tal-metodi użati fil-mudell intern għall-kalkolu tat-tbassir tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà u r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(e) spjegazzjoni, skont il-modulu tar-riskju, tad-differenzi ewlenin fil-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet sottostanti użati fil-formula standard u fil-mudell intern;

(f) il-kejl tar-riskju u l-perjodu ta' żmien użati fil-mudell intern, u meta dawn ma jkunux l-istess bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 101(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, spjegazzjoni dwar għaliex ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkolat bl-użu tal-mudell intern jipprovdi lid-detenturi tal-poloz u lill-benefiċjarji b'livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak stabbilit fl-Artikolu 101 ta' dik id-Direttiva;

(g) dikjarazzjoni dwar jekk jintużax aġġustament dinamiku tal-volatilità fil-mudell intern.

5. Għall-konċentrazzjoni tar-riskju u r-riskju tal-likwidità, ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih dawn kollha li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju materjali li għalihom hija esposta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) l-ammont totali tal-profitt mistenni, inkluż fil-primjums futuri kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 260(2);

(c) l-ammont totali tal-profitt mistenni inkluż f'tariffi futuri għas-servizzjar u l-ġestjoni tal-fondi kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 260(2a).

6. Għall-mitigazzjoni tar-riskju, ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jiddeskrivi t-tekniki użati għall-mitigazzjoni tar-riskji.

7. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih kemm informazzjoni kwantitattiva rigward il-perjodi tar-rapportar, kif ukoll informazzjoni dwar l-iskopertura għar-riskju li tirriżulta minn pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali u t-trasferiment tar-riskju għal veikoli bi skop speċjali.

8. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jiddeskrivi kif l-impriża ddeterminat il-ħtiġijiet ġenerali tas-solvenza tagħha minħabba l-profil tar-riskju tagħha u kif l-attivitajiet ta' ġestjoni kapitali tagħha u s-sistema ta' ġestjoni tar-riskji tagħha jinteraġixxu ma' xulxin.

9. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu jew nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu ta' dik l-impriża:

(i) il-perjodu u l-ammont massimu ta' kull nuqqas ta' konformità matul il-perjodu tar-rapportar;

(ii) spjegazzjoni tal-oriġini u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità;

(iii) kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda, kif previst skont l-Artikolu 51(1b), il-punt (d)(vi), tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iv) spjegazzjoni tal-effetti tal-miżuri ta' rimedju msemmija fil-punt (iii);

(b) meta n-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża ma jkunx ġie riżolt sussegwentement, l-ammont u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità fid-data tar-rapportar;

(c) rigward kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar:

(i) il-perjodu u l-ammont massimu ta' kull nuqqas ta' konformità sinifikanti;

(ii) l-ispjegazzjoni tal-oriġini u l-konsegwenzi tagħha u kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda, kif previst taħt l-Artikolu 51(1b), il-punt (d)(vi), tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iii) spjegazzjoni tal-effetti ta' tali miżuri ta' rimedju msemmija fil-punt (ii);

(d) meta nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża ma jkunx ġie riżolt sussegwentement, l-ammont u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità fid-data tar-rapportar.

10. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jinkludi f'taqsima separata kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward il-profil tar-riskju u l-ġestjoni kapitali tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.";

(89) jiddaħħal l-Artikolu 297a li ġej:

"*Artikolu 297a*

**Informazzjoni mmirata lejn il-professjonisti tas-suq: Informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà**

1. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jkun fih l-elementi tal-pjanijiet li għandhom jiġu ddivulgati f'konformità mal-Artikolu 44 tad-Direttiva 2009/138/KE, inklużi l-miri kwantifikabbli rilevanti.

2. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jiddikjara jekk l-impriża tiddivulgax il-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 19a jew fl-Artikolu 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u, meta applikabbli, ikun fih il-link tal-internet għal dawk il-pjanijiet.

3. Ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandu jiddikjara jekk l-impriża għandhiex xi skopertura materjali għar-riskji relatati mat-tibdil fil-klima wara l-valutazzjoni tal-materjalità msemmija fl-Artikolu 45a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE u, meta rilevanti, jekk tkunx ħadet xi azzjoni biex timmaniġġja tali skopertura.

4. Impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jkollha l-ħsieb li tuża r-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja biex tikkonforma mal-obbligi ta' divulgazzjoni stipulati fir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u fir-Regolament (UE) 2020/852, għandha tiddivulga l-informazzjoni rilevanti meħtieġa minn dawk ir-Regolamenti flimkien mal-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

---

(*) Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2088/oj).";

(90) jiddaħħal l-Artikolu 298a li ġej:

"*Artikolu 298a*

**Lingwi**

1. Meta l-kuntratt tal-assigurazzjoni jkun ġie konkluż ma' detentur ta' polza minn Stat Membru ieħor taħt il-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 51(1a) tad-Direttiva 2009/138/KE, għandha fuq talba mid-detentur tal-polza tiġi pprovduta lil dak id-detentur tal-polza bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru kif magħżula mid-detentur tal-polza. Meta t-traduzzjoni tiġi ġġenerata permezz ta' għodda għat-traduzzjoni awtomatika, l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandhom jiddivulgaw lil dak id-detentur tal-polza li dik il-parti tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tkun ġiet tradotta awtomatikament. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jibagħtu l-parti tradotta tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn dik it-talba.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta t-traduzzjoni fil-lingwa mitluba tkun disponibbli online.";

(91) fl-Artikolu 299, jiddaħħal it-titolu li ġej:

"**Nondivulgazzjoni ta' informazzjoni**";

(92) fl-Artikolu 300, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiddivulgaw iż-żewġ partijiet tar-rapport tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 51(7) tad-Direttiva 2009/138/KE.";

(93) l-Artikolu 301 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 301*

**Mezzi ta' divulgazzjoni**

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jippossjedu u jżommu sit web relatat man-negozju tagħhom għandhom jiddivulgaw iż-żewġ partijiet tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja fuq dak is-sit web.

2. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma jkollhomx u ma jżommux sit web iżda jkunu membri ta' assoċjazzjoni kummerċjali li jkollha u żżomm sit web għandhom, meta mogħtija permess minn dik l-assoċjazzjoni kummerċjali, jiddivulgaw iż-żewġ partijiet tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja fuq is-sit web ta' dik l-assoċjazzjoni.

3. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jiddivulgaw iż-żewġ partijiet tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tagħhom fuq sit web f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2, iż-żewġ partijiet għandhom ikunu faċilment aċċessibbli u għandhom jibqgħu disponibbli fuq dak is-sit web għal mill-inqas ħames snin wara d-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1).

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma jiddivulgawx ir-rapport dwar il-kundizzjoni finanzjarja u tas-solvenza tagħhom fuq sit web f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 għandhom jibagħtu kopja elettronika ta' dawk il-partijiet lil kwalunkwe persuna li, fi żmien ħames snin mid-data tad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 300(1), titlob dawk il-partijiet. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jibagħtu dawk il-partijiet fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn dik it-talba.

5. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet superviżorji ż-żewġ partijiet tar-rapport tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, u kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dawk il-partijiet tiegħu, f'forma elettronika li tippermetti l-applikazzjoni tal-funzjoni ta' tiftix għat-test u n-numri rilevanti.

6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet superviżorji, flimkien mal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), il-post eżatt fuq is-sit web li fih iż-żewġ partijiet tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja huma jew se jkunu disponibbli. Meta dak il-post jinbidel matul it-tliet snin sussegwenti, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jinnotifikaw il-post aġġornat lill-awtoritajiet superviżorji.";

(94) fl-Artikolu 302, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe divulgazzjoni li għandha tiġi pprovduta immedjatament mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni f'konformità mal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandha tiġi identifikata bħala verżjoni aġġornata u divulgata bid-data tal-aġġornament mill-aktar fis possibbli wara l-iżvilupp ewlieni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-Artikolu 301 ta' dan ir-Regolament, li tissostitwixxi l-verżjoni preċedenti divulgata.";

(95) jitħassar l-Artikolu 303;

(96) l-Artikoli 304 u 305 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 304*

**Elementi tar-rapportar superviżorju regolatorju**

1. L-informazzjoni li l-awtoritajiet superviżorji jirrikjedu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jippreżentaw f'perjodi predefiniti f'konformità mal-Artikolu 35(2), il-punt (a)(i) tad-Direttiva 2009/138/KE għandha tinkludi dawn li ġejjin:

(a) iż-żewġ partijiet tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja divulgati mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni f'konformità mal-Artikolu 300 ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni ekwivalenti divulgata pubblikament skont rekwiżiti legali jew regolatorji oħrajn li għalihom jirreferi r-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, u kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport divulgata f'konformità mal-Artikolu 302 ta' dan ir-Regolament;

(b) ir-rapport superviżorju regolari li jinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli minn 307 sa 311 ta' dan ir-Regolament. Huwa għandu jippreżenta wkoll kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli minn 293 sa 297 ta' dan ir-Regolament li l-awtoritajiet superviżorji ppermettew lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma jiddivulgawx fir-rapport tagħhom dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja, f'konformità mal-Artikolu 53(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jsegwi l-istess struttura bħal dik stabbilita fl-Anness XX, it-Taqsima B;

(c) ir-rapport superviżorju tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza ('ir-rapport superviżorju ORSA'), li jinkludi r-riżultati ta' kull valutazzjoni interna regolari tar-riskju u s-solvenza mwettqa mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni f'konformità mal-Artikolu 45(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, kull meta ssir valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza f'konformità mal-Artikolu 45(5) ta' dik id-Direttiva;

(d) mudelli kwantitattivi annwali u trimestrali li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw l-informazzjoni ppreżentata fir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja u fir-rapport superviżorju regolari, filwaqt li jqisu l-limitazzjonijiet u l-eżenzjonijiet possibbli msemmija fl-Artikolu 35a tad-Direttiva 2009/138/KE.

Għall-finijiet tal-punt (d), sa fejn l-impriżi jkunu eżentati mill-obbligi ta' rapportar trimestrali f'konformità mal-Artikolu 35a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, dawn għandhom jippreżentaw mudelli kwantitattivi annwali biss. L-obbligi ta' rapportar annwali ma għandhomx jinkludu rapportar abbażi ta' entrata entrata meta l-impriżi jkunu eżentati minn tali rapportar skont l-Artikolu 35a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mudelli kwantitattivi trimestrali għandu jkun aktar ristrett minn dak tal-mudelli kwantitattivi annwali.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-awtoritajiet superviżorji li jirrikjedu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jikkomunikaw fuq bażi regolari kwalunkwe informazzjoni oħra mħejjija taħt ir-responsabbiltà jew fuq talba tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' dawk l-impriżi.

*Artikolu 305*

**Materjalità**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-informazzjoni jew il-bidliet fi kwalunkwe informazzjoni ppreżentata lis-superviżuri għandhom jitqiesu bħala materjali meta l-ommissjoni jew id-dikjarazzjoni żbaljata tagħhom tkun tista' tinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-awtoritajiet superviżorji.";

(97) l-Artikoli 307 u 308 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 307*

**Negozju u prestazzjoni**

1. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja dwar in-negozju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) l-isem u l-forma ġuridika tal-impriża;

(b) meta disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(c) ix-xejriet u l-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża matul il-perjodu ta' żmien tal-ippjanar tan-negozju tagħha, inkluża l-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża u kwalunkwe kwistjoni legali jew regolatorja sinifikanti;

(d) deskrizzjoni tal-objettivi kummerċjali tal-impriża, inklużi l-istrateġiji u l-perjodi ta' żmien rilevanti.

2. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jinkludi l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva kollha li ġejja rigward il-prestazzjoni ta' sottoskrizzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża:

(a) analiżi tal-prestazzjoni ta' sottoskrizzjoni ġenerali tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti;

(b) projezzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni tal-impriża b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw tali prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju.

3. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jinkludi l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva kollha li ġejja rigward il-prestazzjoni tal-investimenti tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, kif muri fir-rapporti finanzjarji tal-impriża:

(a) analiżi, skont il-klassi tal-assi rilevanti, tal-prestazzjoni ġenerali tal-investiment tal-impriża matul il-perjodu tar-rapportar u, meta applikabbli, ir-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali f'dik il-prestazzjoni meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti;

(b) projezzjonijiet tal-prestazzjoni mistennija tal-investiment tal-impriża, b'informazzjoni dwar fatturi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw tali prestazzjoni tal-investiment, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha;

(c) is-suppożizzjonijiet ewlenin li l-impriża tagħmel fid-deċiżjonijiet tal-investiment tagħha fir-rigward tal-moviment tar-rati tal-imgħax, ir-rati tal-kambju, u parametri rilevanti oħrajn tas-suq, matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha;

(d) informazzjoni dwar kwalunkwe investiment f'titolizzazzjoni, u l-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża fir-rigward ta' tali titoli jew strumenti.

4. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih informazzjoni dwar kwalunkwe introjtu u spiża materjali, għajr introjtu u spejjeż ta' sottoskrizzjoni jew investiment, matul il-perjodu ta' żmien tal-ippjanar tan-negozju tal-impriża.

5. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward in-negozju u l-prestazzjoni tagħhom.

*Artikolu 308*

**Sistema ta' governanza**

1. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-istruttura tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża, tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu u tas-segregazzjoni tar-responsabbiltajiet f'dawk il-korpi, u b'mod partikolari jekk jeżistux kumitati rilevanti fi ħdanhom, kif ukoll deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-funzjonijiet ewlenin;

(b) l-intitolamenti ta' remunerazzjoni tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u funzjoni ewlenija oħra, matul il-perjodu tar-rapportar u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla materjali f'dawk l-intitolamenti meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti, inkluża spjegazzjoni tal-importanza relattiva tal-komponenti fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni.

2. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-konformità tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mar-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità:

(a) lista tal-persuni fl-impriża li huma responsabbli għall-funzjonijiet ewlenin;

(b) deskrizzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tal-impriża dwar il-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenza applikabbli għall-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn.

3. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni ta' kif is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju, inkluża l-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju, hija implimentata u integrata fl-istruttura organizzazzjonali u fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-impriża;

(b) informazzjoni dwar l-istrateġiji, l-objettivi, il-proċessi u l-proċeduri ta' rapportar tal-ġestjoni tar-riskju tal-impriża għal kull kategorija ta' riskju;

(c) informazzjoni dwar kif l-impriża tivverifika l-adegwatezza tal-valutazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu, inkluża informazzjoni dwar kif, u sa liema punt, l-impriża tuża valutazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu;

(d) ir-riżultati tal-valutazzjonijiet rigward l-estrapolazzjoni tar-rata mingħajr riskju, l-aġġustament ta' korrispondenza u l-aġġustament tal-volatilità, kif imsemmi fl-Artikolu 44(2a) tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jiddeskrivi l-proċess imwettaq mill-impriża biex tissodisfa l-obbligu tagħha li tagħmel valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza bħala parti mis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tagħha u kif il-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza hija integrata fl-istruttura organizzazzjonali u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-impriża.

5. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward is-sistema ta' kontroll intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-elementi tas-sistema ta' kontroll intern tal-impriża u, meta applikabbli, kwalunkwe falliment materjali ta' dik is-sistema ta' kontroll intern;

(b) informazzjoni dwar il-pariri mogħtija u l-valutazzjonijiet imwettqa, kif imsemmi fl-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 2009/138/KE matul il-perjodu tar-rapportar, inkluż kwalunkwe attività ppjanata li ma ġietx implimentata u r-raġuni għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tagħha;

(c) informazzjoni dwar il-politika ta' konformità tal-impriża, kwalunkwe attività ewlenija meħuda skont il-pjan ta' konformità u kwalunkwe problema ta' konformità materjali identifikata matul il-perjodu tar-rapportar.

6. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-funzjoni tal-awditjar intern tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-awditi interni mwettqa matul il-perjodu tar-rapportar, flimkien ma':

(i) sommarju tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet materjali rrapportati lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża;

(ii) sommarju ta' dawk is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet materjali u kwalunkwe azzjoni meħuda fir-rigward tagħhom;

(iii) kwalunkwe informazzjoni dwar kwistjonijiet materjali pendenti;

(b) deskrizzjoni tal-politika dwar l-awditu intern tal-impriża, u l-frekwenza tar-reviżjoni tagħha;

(c) deskrizzjoni tal-pjan tal-awditu tal-impriża, inkluż awditi interni fil-futur u l-loġika wara dawk l-awditi fil-futur.

7. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-funzjoni attwarja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni ta' kif qed tiġi implimentata l-funzjoni attwarja tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet imwettqa mill-funzjoni attwarja f'kull wieħed mill-oqsma ta' responsabbiltà tiegħu matul il-perjodu tar-rapportar, li tiddeskrivi kif il-funzjoni attwarja tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża u tiddeskrivi s-sejbiet ewlenin tal-funzjoni attwarja.

8. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-esternalizzazzjoni:

(a) deskrizzjoni tal-politika ta' esternalizzazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) lista tal-persuni responsabbli għall-funzjonijiet ewlenin esternalizzati fil-fornitur tas-servizz.

9. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih kwalunkwe informazzjoni materjali oħra rigward is-sistema ta' governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.";

(98) jitħassar l-Artikolu 309;

(99) fl-Artikolu 310, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jiddeskrivi fid-dettall l-aktar suppożizzjonijiet rilevanti użati fil-kalkolu tal-aħjar stima, is-sensittività tal-aħjar stima għall-bidliet u r-riżultati ta' kwalunkwe ttestjar retrospettiv.

3. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja rigward l-obbligi stipulati fl-Artikolu 263 ta' dan ir-Regolament:

(a) ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex jintużaw metodi alternattivi ta' valwazzjoni skont il-klassi tal-assi u l-obbligazzjonijiet;

(b) is-suppożizzjonijiet ta' kull metodu alternattiv ta' valwazzjoni użat għall-assi u l-obbligazzjonijiet;

(c) l-inċertezza tal-valwazzjoni skont il-klassi tal-assi u tal-obbligazzjonijiet;

(d) informazzjoni dwar l-adegwatezza tal-valwazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet li għalihom tintuża l-valwazzjoni alternattiva, ivvalutata permezz ta' tqabbil mal-esperjenza.";

(100) l-Artikolu 311 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 311*

**Ġestjoni kapitali u profil tar-riskju**

1. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward il-fondi proprji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) informazzjoni dwar il-politiki u l-proċessi użati mill-impriża għall-ġestjoni tal-fondi proprji tagħha;

(b) informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet materjali tal-entrati ewlenin tal-fondi proprji miżmuma mill-impriża;

(c) l-iżviluppi mistennija tal-fondi proprji tal-impriża matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha minħabba l-istrateġija tan-negozju tal-impriża, filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet kapitali taħt stress xieraq;

(d) jekk hemmx xi intenzjoni li titħallas lura jew tinfeda kwalunkwe entrata ta' fond proprju jew jekk hemmx pjanijiet li jinġabru fondi proprji addizzjonali;

(e) informazzjoni rigward it-taxxi differiti, inklużi:

(i) deskrizzjoni tal-ammont ikkalkolat ta' assi tat-taxxi differiti mingħajr ma ssir valutazzjoni tal-użu probabbli tagħhom, u l-punt sa fejn dawk l-assi tat-taxxi differiti ġew rikonoxxuti;

(ii) għal assi tat-taxxi differiti li ġew rikonoxxuti, deskrizzjoni tal-ammonti li jiġu rikonoxxuti bħala li x'aktarx jintużaw b'referenza għal profitt taxxabbli futur probabbli u b'referenza għar-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet tat-taxxi differiti relatati mat-taxxi fuq l-introjtu imposti mill-istess awtorità tat-taxxa;

(iii) deskrizzjoni dettaljata tas-suppożizzjonijiet sottostanti użati għall-projezzjoni ta' profitt taxxabbli futur probabbli għall-finijiet tal-Artikolu 15;

(iv) analiżi tas-sensittività tal-assi netti tat-taxxa differita għall-bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti msemmija fil-punt (iii), meta l-assi netti tat-taxxa differita għandhom jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn:

(1) l-ammont ta' assi tat-taxxa differita kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 15;

(2) l-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li magħhom jistgħu jiġu paċuti l-assi tat-taxxa differita billi jitqies l-iskedar dettaljat.

2. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) l-iżviluppi mistennija tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u r-Rekwiżit Kapitali Minimu antiċipati tal-impriża matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju tagħha minħabba l-istrateġija tan-negozju tal-impriża, meta l-istess informazzjoni ma tkunx inkluża fir-Rapport Superviżorju ORSA;

(b) stima tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża, iddeterminat f'konformità mal-formula standard, meta l-awtorità superviżorja tkun talbet lill-impriża tipprovdi tali stima skont l-Artikolu 112(7) tad-Direttiva 2009/138/KE, jew meta ma tkun meħtieġa l-ebda tali stima fis-sena tal-adozzjoni tar-rapport superviżorju regolari, l-aktar kalkolu reċenti disponibbli, akkumpanjat minn indikazzjoni tas-sena ta' referenza ta' dak il-kalkolu;

(c) deskrizzjoni dwar l-approċċ meħud għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għal riskji immaterjali tal-formula standard tal-SCR, inkluża deskrizzjoni qasira tal-moduli jew tas-submoduli li huma soġġetti għal tali approċċ u tal-miżuri tal-volum li ntużaw biex jiġu kkalkolati r-riskji immaterjali;

(d) għall-profitt futur ipprojettat għall-finijiet tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti f'konformità mal-Artikolu 207 ta' dan ir-Regolament:

(i) deskrizzjoni, u l-ammont rilevanti ta' kull wieħed mill-komponenti użati biex juru valur pożittiv taż-żieda fl-assi tat-taxxi differiti;

(ii) deskrizzjoni dettaljata tas-suppożizzjonijiet sottostanti użati għall-projezzjoni ta' profitt taxxabbli futur probabbli għall-finijiet tal-Artikolu 207;

(iii) analiżi tas-sensittività tal-valur tal-aġġustament għal bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti msemmija fil-punt (ii);

(e) il-volum u n-natura tal-portafoll tas-self tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

3. Meta jintuża mudell intern biex jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih ukoll:

(a) ir-riżultati tar-rieżami tas-sorsi tal-profitti u l-kawżi tat-telf, kif meħtieġ mill-Artikolu 123 tad-Direttiva 2009/138/KE, għal kull unità kummerċjali ewlenija;

(b) deskrizzjoni ta' kif il-kategorizzazzjoni tar-riskju magħżula fil-mudell intern tispjega dawk is-sorsi ta' profitti u l-kawżi tat-telf.

4. Meta jintużaw parametri speċifiċi għall-impriża biex jiġi kkalkolat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, jew jiġi applikat aġġustament ta' korrispondenza għall-istruttura rilevanti tat-termini tal-imgħax mingħajr riskju, ir-rapport superviżorju regolari għandu jiddikjara wkoll jekk kienx hemm bidliet fl-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-parametri speċifiċi għall-impriża jew tal-aġġustament ta' korrispondenza.

5. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward iż-żamma ta' investimenti ta' ekwità fit-tul kif imsemmi fl-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE:

(a) dikjarazzjoni dwar jekk l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tapplikax it-trattament prudenzjali stabbilit fl-Artikolu 105a ta' dik id-Direttiva u, meta dan ikun il-każ, l-ammont u l-karatteristiċi tal-investimenti ta' ekwità li huma kklassifikati bħala investimenti ta' ekwità fit-tul, inklużi:

(i) il-pożizzjoni ġeografika ta' dawk l-investimenti ta' ekwità;

(ii) is-sehem ta' tali investimenti ta' ekwità fil-portafoll tal-ekwità;

(b) deskrizzjoni ta' kif l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 105a(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE;

(c) deskrizzjoni tal-metodi użati biex tintwera l-kapaċità li jiġi evitat il-bejgħ furzat f'konformità mal-Artikolu 171a ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni stipulata fit-tielet subparagrafu, meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-investimenti ta' ekwità fit-tul jirrappreżentaw aktar minn 4 % tal-assi totali miżmuma mill-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma tikkonformax mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza mingħajr ma jiġi applikat l-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE.

L-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu għandha tkun din li ġejja:

(a) kwantifikazzjoni tal-impatt fuq il-valur tal-modulu tar-riskju tas-suq tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 105a tad-Direttiva 2009/138/KE għal kwalunkwe investiment ta' ekwità;

(b) informazzjoni dwar l-azzjonijiet li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tieħu fil-każ ta' ksur ta', jew nuqqas ta' konformità persistenti ma', il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 105a(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE.

6. Fir-rigward tar-riskju tal-likwidità, ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih:

(a) informazzjoni dwar il-profitt mistenni inkluż fil-primia futuri u l-profitt mistenni inkluż f'tariffi futuri għas-servizzjar u l-ġestjoni tal-fondi kif ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 260(2) u (2a), rispettivament, ta' dan ir-Regolament għal kull linja ta' negozju;

(b) ir-riżultat tal-valutazzjoni kwalitattiva msemmija fl-Artikolu 260(1), il-punt (d)(ii);

(c) deskrizzjoni tal-metodi u tas-suppożizzjonijiet ewlenin użati biex jiġi kkalkolat il-profitt mistenni inkluż fil-primjums futuri.

Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih ukoll informazzjoni dwar kwalunkwe skopertura għar-riskju ta' likwidità materjali għal tranżazzjonijiet jew ftehimiet ta' finanzjament, inkluż il-fatturament, li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun daħlet direttament jew indirettament.

7. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni tar-riskju, ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih:

(a) informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet tar-riskju materjali li għalihom hija esposta l-impriża;

(b) ħarsa ġenerali lejn kwalunkwe konċentrazzjoni tar-riskju futura antiċipata matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju f'konformità mal-istrateġija tan-negozju ta' dik l-impriża;

(c) spjegazzjoni dwar kif se jiġu ġestiti l-konċentrazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punti (a) u (b).

8. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward l-isokpertura għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni, inkluża l-iskopertura li tirriżulta minn pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali u t-trasferiment tar-riskju lil veikoli bi skop speċjali:

(a) meta l-impriża tbiegħ jew tirhan mill-ġdid kollateral, skont it-tifsira tal-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament, l-ammont ta' dak il-kollateral, evalwat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) meta l-impriża tkun ipprovdiet kollateral, skont it-tifsira tal-Artikolu 214:

   (i) in-natura tal-kollateral;

   (ii) in-natura u l-valur tal-assi pprovduti bħala kollateral;

   (iii) l-obbligazzjonijiet attwali u kontinġenti korrispondenti maħluqa mill-arranġament kollaterali;

(c) informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet materjali assoċjati mal-arranġament kollaterali;

(d) meta l-impriża tbigħ annwalitajiet varjabbli, informazzjoni dwar addendi għall-garanziji u ħeġġjar tal-garanziji;

(e) deskrizzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament, inkluż il-fatturament, li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun daħlet direttament jew indirettament, u l-ammonti korrispondenti tal-obbligazzjonijiet li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ.

9. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja rigward it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni:

(a) deskrizzjoni tat-tekniki użati għall-mitigazzjoni tar-riskji;

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe teknika materjali għall-mitigazzjoni tar-riskji li l-impriża qed tikkunsidra li tixtri jew tikkonkludi matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar tan-negozju minħabba l-istrateġija tan-negozju tal-impriża, u l-motiv għal u l-effett ta' tali tekniki għall-mitigazzjoni tar-riskji;

(c) meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni żżomm kollateral, skont it-tifsira tal-Artikolu 214 ta' dan ir-Regolament, informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet materjali assoċjati mal-arranġament kollaterali.

10. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-riskji materjali mhux koperti mill-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u mhux koperti fil-paragrafi preċedenti, meta l-istess informazzjoni ma tkunx koperta mir-rapport superviżorju ORSA.

11. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja dwar is-sensittività tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, meta l-istess informazzjoni ma tkunx koperta mir-rapport superviżorju ORSA:

(a) deskrizzjoni tat-testijiet tal-istress u tal-analiżi tax-xenarju msemmija fl-Artikolu 259(3), imwettqa mill-impriża, inkluż l-eżitu tagħhom;

(b) deskrizzjoni tal-metodi użati u tas-suppożizzjonijiet ewlenin li fuqhom huma bbażati t-testijiet tal-istress u l-analiżi tax-xenarju msemmija fl-Artikolu 259(3).

12. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih informazzjoni dwar kwalunkwe riskju raġonevolment prevedibbli ta' nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tal-impriża jew mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, u l-pjanijiet tal-impriża biex tiżgura li tinżamm il-konformità ma' kull wieħed, meta l-istess informazzjoni ma tkunx inkluża fir-rapport superviżorju ORSA.

13. Ir-rapport superviżorju regolari għandu jkun fih kwalunkwe informazzjoni materjali oħra dwar il-ġestjoni kapitali u l-profil tar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

14. Għall-finijiet tal-paragrafi 6 u 8, 'fatturament' għandu jfisser ftehim kuntrattwali bejn negozju (iċ-'ċedent') u entità finanzjarja (il-'fattur') li fih iċ-ċedent jassenja jew ibigħ ir-riċevibbli tiegħu lill-fattur bi skambju għall-fattur li jipprovdi liċ-ċedent b'wieħed jew aktar mis-servizzi li ġejjin fir-rigward tar-riċevibbli assenjati:

(a) avvanz ta' perċentwal tal-ammont tar-riċevibbli assenjati, ġeneralment ta' terminu qasir, mhux impenjat u mingħajr riportament awtomatiku;

(b) ġestjoni tar-riċevibbli, ġbir tar-riċevibbli u protezzjoni tal-kreditu, meta, b'mod ġenerali, il-fattur jamministra l-ktieb tal-bejgħ taċ-ċedent u jiġbor ir-riċevibbli f'isem il-fattur stess.";

(101) fit-Titolu 1, il-Kapitolu XIII, it-Taqsima 2, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"TAQSIMA 2*

***Informazzjoni dwar il-bidliet materjali u l-mezzi ta' komunikazzjoni";***

(102) l-Artikoli 312 u 313 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

*"Artikolu 312*

**Informazzjoni dwar il-bidliet materjali**

Meta ma jkun hemm l-ebda rekwiżit li jiġi ppreżentat rapport superviżorju regolari b'rabta ma' sena finanzjarja partikolari, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom madankollu jippreżentaw lill-awtorità superviżorja tagħhom informazzjoni dwar kwalunkwe bidla materjali li tkun seħħet matul is-sena finanzjarja meta mqabbla mal-aħħar informazzjoni ppreżentata lil dik l-awtorità superviżorja f'konformità ma' dan il-Kapitolu. Huma għandhom jipprovdu wkoll spjegazzjoni konċiża dwar il-kawżi u l-effetti ta' tali bidliet. Is-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar bidliet materjali ma għandhiex titqies bħala bidla fil-frekwenza tar-rapport superviżorju regolari stabbilit fl-Artikolu 35a tad-Direttiva 2009/138/KE.

*Artikolu 313*

**Mezzi ta' komunikazzjoni**

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1) f'forma elettronika li tinqara minn magna li tippermetti l-applikazzjoni ta' funzjoni tat-tiftix għat-test u n-numri rilevanti.";

(103) jitħassar l-Artikolu 314;

(104) fit-Titolu I, jiżdied il-Kapitolu XVI li ġej:

"KAPITOLU XVI

**MIŻURI TA' PROPORZJONALITÀ**

*Artikolu 327a*

**Rekwiżit kapitali ta' investimenti f'assi intanġibbli għall-identifikazzjoni ta' impriżi żgħar u mhux kumplessi**

Għall-finijiet tal-Artikolu 29a(1), il-punti (a)(iv)(3), (b)(v)(3) u (c)(vii)(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rekwiżit kapitali li huwa applikabbli għal investimenti f'assi intanġibbli li mhumiex koperti mir-riskju tas-suq u l-moduli tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti għandu jkun ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli msemmi fl-Artikolu 203 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 327b*

**Tnaqqis tal-frekwenza tar-rapport superviżorju regolari**

1. L-awtorità superviżorja għandha tapprova l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 35(5a) tad-Direttiva 2009/138/KE minn impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma hijiex ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtorità superviżorja tikkonkludi, fuq il-bażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju, li l-impriża:

  (i) kapaċi tiflaħ għal kwalunkwe riskju kurrenti jew futur;

  (ii) ma teħtieġx valutazzjoni superviżorja aktar frekwenti minn dik mitluba mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

  (iii) mhijiex soġġetta għal miżuri superviżorji kontinwi biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità materjali mad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-awtorità superviżorja tikkonkludi li l-impriża ma għandhiex mudell kummerċjali kumpless, filwaqt li tqis l-istrateġija tan-negozju u l-pjan tan-negozju tal-impriża, il-kumplessità tal-prodotti tal-assigurazzjoni offruti u l-portafoll ta' investiment tagħha;

(c) l-impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, soġġetta għall-paragrafi 2, 3 u 4:

  (i) il-provvedimenti tekniċi mill-attivitajiet tal-ħajja, gross mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jkunux ogħla minn EUR 12 000 000 000;

  (ii) l-introjtu gross annwali mill-primjum miktub minn attivitajiet mhux tal-ħajja ma jkunx ogħla minn EUR 2 000 000 000;

  (iii) l-impriża ma tirrappreżentax aktar minn 5 % tas-suq tal-ħajja jew tas-suq mhux tal-ħajja tal-Istat Membru domiċiljari tal-impriża, meta s-sehem mis-suq tal-ħajja jkun ibbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi u s-sehem mis-suq mhux tal-ħajja jkun ibbażat fuq primjums grossi miktuba;

(d) l-awtorità superviżorja ma tkunx identifikat tħassib materjali mhux solvut li jirriżulta mis-sistema ta' governanza tal-impriża;

(e) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża jinqabeż b'marġni xieraq, filwaqt li titqies ukoll il-pożizzjoni interna ta' solvenza fil-mira tal-impriża kif speċifikata fil-pjan ta' ġestjoni kapitali ta' terminu medju tagħha;

(f) l-awtorità superviżorja ma identifikatx tħassib materjali mhux solvut bl-aħħar Rapport Superviżorju Regolari u hija sodisfatta bl-informazzjoni fir-Rapport dwar is-Solvenza u l-Kundizzjoni Finanzjarja, u bil-Formoli tar-Rapportar Kwantitattiv annwali u, meta applikabbli, trimestrali.

L-awtorità superviżorja għandha tirtira l-approvazzjoni mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tkunx ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa biex tuża l-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 35(5a) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta ma tibqax issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(i), għandu japplika biss għal impriżi tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-provvedimenti tekniċi tagħhom relatati ma' attivitajiet tal-ħajja jirrappreżentaw 20 % jew aktar tal-provvedimenti tekniċi totali grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(ii), għandu japplika biss għal impriżi mhux tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-introjtu gross annwali tagħhom mill-primjum miktub relatat ma' attivitajiet mhux tal-ħajja jirrappreżenta 40 % jew aktar tal-introjtu gross annwali totali tagħhom mill-primia miktub.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet superviżorji xorta jistgħu japprovaw l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 35(5a) tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu, meta huma jikkonkludu, fuq il-bażi tal-elementi tal-proċess ta' rieżami superviżorju li huma rilevanti għal din il-miżura ta' proporzjonalità, li l-profil tar-riskju tal-impriża huwa baxx biżżejjed.

*Artikolu 327c*

**Kombinazzjoni ta' funzjonijiet ewlenin**

1. L-awtorità superviżorja għandha tapprova l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 41(2a), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma tkunx ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtorità superviżorja tikkonkludi, fuq il-bażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju, li l-impriża:

  (i) kapaċi tiflaħ għal kwalunkwe riskju kurrenti jew futur;

  (ii) mhijiex soġġetta għal miżuri superviżorji kontinwi biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità materjali mad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-awtorità superviżorja tikkonkludi li l-impriża ma għandhiex mudell kummerċjali kumpless, filwaqt li tqis l-istrateġija tan-negozju tagħha, il-pjan tan-negozju tagħha, il-kumplessità tal-prodotti tal-assigurazzjoni offruti u l-portafoll ta' investiment tagħha;

(c) l-impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, soġġetta għall-paragrafi 2, 3 u 4:

  (i) il-provvedimenti tekniċi mill-attivitajiet tal-ħajja, gross mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jkunux ogħla minn EUR 12 000 000 000;

  (ii) l-introjtu gross annwali mill-primjum miktub minn attivitajiet mhux tal-ħajja ma jkunx ogħla minn EUR 2 000 000 000;

  (iii) l-impriża ma tirrappreżentax aktar minn 5 % tas-suq tal-ħajja jew tas-suq mhux tal-ħajja tal-Istat Membru domiċiljari tal-impriża, meta s-sehem mis-suq tal-ħajja jkun ibbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi u s-sehem mis-suq mhux tal-ħajja jkun ibbażat fuq primjums grossi miktuba;

(d) l-awtorità superviżorja ma tkunx identifikat tħassib materjali mhux solvut li jirriżulta mis-sistema ta' governanza tal-impriża;

(e) il-persuni responsabbli għall-funzjonijiet ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju, l-attwarjali u l-konformità jkollhom f'kull ħin għarfien, ħiliet u esperjenza suffiċjenti biex jaqdu dmirijiethom, u t-taħlita ta' funzjonijiet jew it-taħlita ta' funzjoni ma' sħubija tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ma tikkompromettix il-kapaċità u d-disponibbiltà tal-persuna li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha;

(f) l-awtorità superviżorja tkun sodisfatta li l-kost taż-żamma ta' funzjonijiet separati jkun sproporzjonat għall-impriża.

L-awtorità superviżorja għandha tirtira l-approvazzjoni mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tkunx ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa biex tuża l-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 41(2a) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta ma tibqax issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(i), għandu japplika biss għal impriżi tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-provvedimenti tekniċi tagħhom relatati ma' attivitajiet tal-ħajja jirrappreżentaw 20 % jew aktar tal-provvedimenti tekniċi totali grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(ii), għandu japplika biss għal impriżi mhux tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-introjtu gross annwali tagħhom mill-primjum miktub relatat ma' attivitajiet mhux tal-ħajja jirrappreżenta 40 % jew aktar tal-introjtu gross annwali totali tagħhom mill-primia miktub.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet superviżorji xorta jistgħu japprovaw l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 41(2a) tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, meta jikkonkludu, fuq il-bażi tal-elementi tal-proċess ta' rieżami superviżorju li huma rilevanti għal din il-miżura ta' proporzjonalità, li l-profil tar-riskju tal-impriża huwa baxx biżżejjed.

*Artikolu 327d*

**Tnaqqis tal-frekwenza tar-rieżami tal-politiki miktuba**

1. L-awtorità superviżorja għandha tapprova l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 41(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE minn impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma hijiex ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtorità superviżorja tikkonkludi, fuq il-bażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju, li l-impriża:

  (i) kapaċi tiflaħ għal kwalunkwe riskju kurrenti jew futur;

  (ii) ma teħtieġx valutazzjoni superviżorja aktar frekwenti minn dik mitluba mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

  (iii) mhijiex soġġetta għal miżuri superviżorji kontinwi biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità materjali mad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-awtorità superviżorja tikkonkludi li l-impriża ma għandhiex mudell kummerċjali kumpless, filwaqt li tqis l-istrateġija tan-negozju tagħha, il-pjan tan-negozju tagħha, il-kumplessità tal-prodotti tal-assigurazzjoni offruti u l-portafoll ta' investiment tagħha;

(c) l-impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, soġġetta għall-paragrafi 2, 3 u 4:

  (i) il-provvedimenti tekniċi mill-attivitajiet tal-ħajja, gross mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jkunux ogħla minn EUR 12 000 000 000;

  (ii) l-introjtu gross annwali mill-primjum miktub minn attivitajiet mhux tal-ħajja ma jkunx ogħla minn EUR 2 000 000 000;

  (iii) l-impriża ma tirrappreżentax aktar minn 5 % tas-suq tal-ħajja jew tas-suq mhux tal-ħajja tal-Istat Membru domiċiljari tal-impriża, meta s-sehem mis-suq tal-ħajja jkun ibbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi u s-sehem mis-suq mhux tal-ħajja jkun ibbażat fuq primjums grossi miktuba;

(d) l-awtorità superviżorja ma identifikatx tħassib materjali mhux solvut li jirriżulta mis-sistema ta' governanza tal-impriża.

L-awtorità superviżorja għandha tirtira l-approvazzjoni mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tkunx ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa biex tuża l-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta ma tibqax issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(i), għandu japplika biss għal impriżi tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-provvedimenti tekniċi tagħhom relatati ma' attivitajiet tal-ħajja jirrappreżentaw 20 % jew aktar tal-provvedimenti tekniċi totali grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(ii), għandu japplika biss għal impriżi mhux tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-introjtu gross annwali tagħhom mill-primjum miktub relatat ma' attivitajiet mhux tal-ħajja jirrappreżenta 40 % jew aktar tal-introjtu gross annwali totali tagħhom mill-primia miktub.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet superviżorji xorta jistgħu japprovaw l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 41(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, meta jikkonkludu, fuq il-bażi tal-elementi tal-proċess ta' rieżami superviżorju li huma rilevanti għal din il-miżura ta' proporzjonalità, li l-profil tar-riskju tal-impriża huwa baxx biżżejjed.

*Artikolu 327e*

**Tnaqqis tal-frekwenza tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza**

1. L-awtorità superviżorja għandha tapprova l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 45(5), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE minn impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma hijiex ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtorità superviżorja tikkonkludi, fuq il-bażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju, li l-impriża:

   (i) kapaċi tiflaħ għal kwalunkwe riskju kurrenti jew futur;

   (ii) ma teħtieġx valutazzjoni superviżorja aktar frekwenti minn dik mitluba mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

   (iii) mhijiex soġġetta għal miżuri superviżorji kontinwi biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità materjali mad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-awtorità superviżorja tikkonkludi li l-impriża ma għandhiex mudell kummerċjali kumpless, filwaqt li tqis l-istrateġija tan-negozju tagħha, il-pjan tan-negozju tagħha, il-kumplessità tal-prodotti tal-assigurazzjoni offruti u l-portafoll ta' investimenti tagħha;

(c) l-impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, soġġetta għall-paragrafi 2, 3 u 4:

   (i) il-provvedimenti tekniċi mill-attivitajiet tal-ħajja, gross mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jkunux ogħla minn EUR 12 000 000 000;

   (ii) l-introjtu gross annwali mill-primjum miktub minn attivitajiet mhux tal-ħajja ma jkunx ogħla minn EUR 2 000 000 000;

   (iii) l-impriża ma tirrappreżentax aktar minn 5 % tas-suq tal-ħajja jew tas-suq mhux tal-ħajja tal-Istat Membru domiċiljari tal-impriża, meta s-sehem mis-suq tal-ħajja jkun ibbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi u s-sehem mis-suq mhux tal-ħajja jkun ibbażat fuq primjums grossi miktuba;

(d) l-awtorità superviżorja ma tkunx identifikat tħassib materjali mhux solvut li jirriżulta mis-sistema ta' governanza tal-impriża;

(e) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża jinqabeż b'marġni xieraq, filwaqt li titqies il-pożizzjoni interna ta' solvenza fil-mira tal-impriża kif speċifikata fil-pjan ta' ġestjoni kapitali ta' terminu medju tagħha;

(f) l-awtorità superviżorja tkun issodisfata bl-informazzjoni pprovduta fl-aħħar valutazzjoni tar-riskju u tas-solvenza tal-impriża stess skont l-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2009/138/KE u l-Artikolu 306 ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies il-profil tar-riskju tagħha;

(g) l-impriża tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità superviżorja li l-frekwenza mnaqqsa tar-rapport ta' valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza ma taffettwax b'mod negattiv is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-impriża msemmija fl-Artikolu 44 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(h) l-impriża żżomm proċess effettiv biex tissorvelja ċ-ċirkostanzi li jeħtieġu rapport *ad hoc* ta' valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza u għandha biżżejjed riżorsi biex tfassal tali rapport *ad hoc*, meta jkun meħtieġ.

L-awtorità superviżorja għandha tirtira l-approvazzjoni mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tkunx ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa biex tuża l-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 45(5), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE, meta ma tibqax issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(i), għandu japplika biss għal impriżi tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-provvedimenti tekniċi tagħhom relatati ma' attivitajiet tal-ħajja jirrappreżentaw 20 % jew aktar tal-provvedimenti tekniċi totali grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(ii), għandu japplika biss għal impriżi mhux tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-introjtu gross annwali tagħhom mill-primjum miktub relatat ma' attivitajiet mhux tal-ħajja jirrappreżenta 40 % jew aktar tal-introjtu gross annwali totali tagħhom mill-primia miktub.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet superviżorji xorta jistgħu japprovaw l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 45(5), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, meta jikkonkludu, fuq il-bażi tal-elementi tal-proċess ta' rieżami superviżorju li huma rilevanti għal din il-miżura ta' proporzjonalità, li l-profil tar-riskju tal-impriża huwa baxx biżżejjed.

*Artikolu 327f*

**L-użu tal-valwazzjoni deterministika prudenti tal-aħjar stima għall-obbligi tal-ħajja b'opzjonijiet u garanziji li jitqiesu immaterjali**

1. L-awtorità superviżorja għandha tapprova l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 77(8) tad-Direttiva 2009/138/KE minn impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma hijiex ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtorità superviżorja tikkonkludi, fuq il-bażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju, li l-impriża:

  (i) kapaċi tiflaħ għal kwalunkwe riskju kurrenti jew futur;

  (ii) mhijiex soġġetta għal miżuri superviżorji kontinwi biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità materjali mad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-awtorità superviżorja tikkonkludi li l-impriża ma għandhiex mudell kummerċjali kumpless, filwaqt li tqis l-istrateġija tan-negozju tagħha, il-pjan tan-negozju tagħha, il-kumplessità tal-prodotti tal-assigurazzjoni offruti u l-portafoll ta' investiment tagħha;

(c) l-impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, soġġetta għall-paragrafi 2 u 3:

(i) il-provvedimenti tekniċi mill-attivitajiet tal-ħajja, gross mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jkunux ogħla minn EUR 12 000 000 000;

(ii) l-impriża ma tirrappreżentax aktar minn 5 % tas-suq tal-ħajja jew tas-suq mhux tal-ħajja tal-Istat Membru domiċiljari tal-impriża, meta s-sehem mis-suq tal-ħajja jkun ibbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi u s-sehem mis-suq mhux tal-ħajja jkun ibbażat fuq primjums grossi miktuba;

(d) l-awtorità superviżorja ma tkunx identifikat tħassib materjali mhux solvut li jirriżulta mis-sistema ta' governanza tal-impriża;

(e) l-impriża tkun tista' turi li l-użu ta' valwazzjoni deterministika prudenti huwa proporzjonat b'rabta man-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji li jirriżultaw mill-obbligi li għalihom l-impriża tfittex li tapplika dik il-valwazzjoni;

(f) il-valur taż-żmien tal-opzjonijiet u l-garanziji, imkejjel abbażi tas-sett imnaqqas armonizzat u prudenti ta' xenarji, tal-kuntratti meta tiġi applikata l-valwazzjoni deterministika prudenti jirrappreżenta inqas minn 5 % tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

Meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tingħata l-approvazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom japplikaw l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 34a(2) u (3).

L-awtorità superviżorja għandha tirtira l-approvazzjoni mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tkunx ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa biex tuża l-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 77(8) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ma tibqax issodisfata matul mill-inqas sena.

2. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(i), għandu japplika biss għal impriżi tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-provvedimenti tekniċi tagħhom relatati ma' attivitajiet tal-ħajja jirrappreżentaw 20 % jew aktar tal-provvedimenti tekniċi totali grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet superviżorji xorta jistgħu japprovaw l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 77(8) tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu, meta jikkonkludu, fuq il-bażi tal-elementi tal-proċess ta' rieżami superviżorju li huma rilevanti għal din il-miżura ta' proporzjonalità, li l-profil tar-riskju tal-impriża huwa baxx biżżejjed.

*Artikolu 327g*

**Tneħħija mill-pjan ta' ġestjoni tar-riskju ta' likwidità li jkopri l-analiżi tal-likwidità fuq terminu qasir**

1. L-awtorità superviżorja għandha tapprova l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 144a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma hijiex ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa, filwaqt li għandha tqis il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità superviżorja tikkonkludi, fuq il-bażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju, li l-impriża:

(i) kapaċi tiflaħ għal kwalunkwe riskju kurrenti jew futur;

(ii) mhijiex soġġetta għal miżuri superviżorji kontinwi biex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' konformità materjali mad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-awtorità superviżorja tikkonkludi li l-impriża ma għandhiex mudell kummerċjali kumpless, filwaqt li tqis l-istrateġija tan-negozju tagħha, il-pjan tan-negozju tagħha, il-kumplessità tal-prodotti tal-assigurazzjoni offruti u l-portafoll ta' investiment tagħha;

(c) l-impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, soġġetta għall-paragrafi 2, 3 u 4:

(i) il-provvedimenti tekniċi mill-attivitajiet tal-ħajja, gross mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE, ma jkunux ogħla minn EUR 12 000 000 000;

(ii) l-introjtu gross annwali mill-primjum miktub minn attivitajiet mhux tal-ħajja ma jkunx ogħla minn EUR 2 000 000 000;

(iii) l-impriża ma tirrappreżentax aktar minn 5 % tas-suq tal-ħajja jew tas-suq mhux tal-ħajja tal-Istat Membru domiċiljari tal-impriża, meta s-sehem mis-suq tal-ħajja jkun ibbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi u s-sehem mis-suq mhux tal-ħajja jkun ibbażat fuq primjums grossi miktuba;

(d) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża jinqabeż b'marġni xieraq, filwaqt li titqies il-pożizzjoni interna ta' solvenza fil-mira tal-impriża kif speċifikata fil-pjan ta' ġestjoni kapitali ta' terminu medju tagħha;

(e) l-awtorità superviżorja ma tkunx identifikat tħassib materjali mhux solvut li jirriżulta mis-sistema ta' governanza tal-impriża;

(f) l-impriża ma tkunx esposta għal riskju ta' likwidità materjali kemm mil-lat ta' assi kif ukoll mil-lat ta' obbligazzjonijiet tal-karta bilanċjali, filwaqt li jittieħed kont ta':

(i) id-disponibbiltà ta' assi likwidi u sorsi oħrajn ta' likwidità;

(ii) il-livell ta' likwidità tal-kuntratti ta' assigurazzjoni;

(iii) il-ħtiġijiet ta' likwidità li jirriżultaw minn eventi li jistgħu jiġu assigurati;

(iv) l-impatt potenzjali tal-imġiba tad-detenturi ta' poloz fuq il-pożizzjoni tal-likwidità tal-impriża;

(v) l-iskopertura għal entrati li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ;

(vi) il-konċentrazzjoni ta' skoperturi ta' kontroparti għal impriżi tar-riassigurazzjoni

(vii) meta l-impriża tkun parti minn grupp, il-funġibilità, id-disponibbiltà u t-trasferibbiltà tal-assi likwidi fil-grupp kollu;

(g) l-awtorità superviżorja ma identifikatx tħassib materjali dwar il-pożizzjoni tal-likwidità tal-impriża li jirriżulta minn xejra ekonomika jew makroekonomika tas-suq jew l-ammont u l-kwalità tal-entrati ta' fondi proprji.

L-awtorità superviżorja għandha tirtira l-approvazzjoni mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li ma tkunx ikklassifikata bħala impriża żgħira u mhux kumplessa biex tuża l-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 144a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, meta ma tibqax issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(i), għandu japplika biss għal impriżi tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-provvedimenti tekniċi tagħhom relatati ma' attivitajiet tal-ħajja jirrappreżentaw 20 % jew aktar tal-provvedimenti tekniċi totali grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni u veikoli bi skop speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 76 tad-Direttiva 2009/138/KE.

3. Il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(ii), għandu japplika biss għal impriżi mhux tal-ħajja u għal impriżi li jwettqu attivitajiet kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja li l-introjtu gross annwali tagħhom mill-primjum miktub relatat ma' attivitajiet mhux tal-ħajja jirrappreżenta 40 % jew aktar tal-introjtu gross annwali totali tagħhom mill-primia miktub.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet superviżorji xorta jistgħu japprovaw l-użu tal-miżura ta' proporzjonalità prevista fl-Artikolu 144a(4) tad-Direttiva 2009/138/KE għal impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, meta jikkonkludu, fuq il-bażi tal-elementi tal-proċess ta' rieżami superviżorju li huma rilevanti għal din il-miżura ta' proporzjonalità, li l-profil tar-riskju tal-impriża huwa baxx biżżejjed.";

(105) fl-Artikolu 328, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta jivvaluta jekk l-applikazzjoni esklussiva tal-metodu 1 hijiex xierqa, u b'hekk jekk tippermettix li s-solvenza tal-grupp tiġi kkalkolata f'konformità mal-metodu 2 jew taħlita tal-metodi 1 u 2 stipulati fl-Artikoli minn 230 sa 233a tad-Direttiva 2009/138/KE, is-superviżur tal-grupp għandu, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn ikkonċernati u mal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew mal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew mal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, jikkunsidra l-elementi kollha li ġejjin:";

(b) jiddaħħal il-punt (ca) li ġej:

"(ca) jekk, għall-finijiet tal-punt (b), il-grupp jindikax f'konformità mal-Artikolu 343(5), il-punt (a)(iii), li biħsiebu japplika t-teknika ta' integrazzjoni 1 imsemmija fl-Anness XVIII, it-Taqsima B, għall-impriża relatata li ma hijiex inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern;";

(106) l-Artikolu 329 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej

"1. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, għandu japplika l-Artikolu 228(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, għandu japplika l-Artikolu 226(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Għall-finijiet tal-Artikolu 235 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta l-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni prinċipali jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta tkun ħarġet dejn subordinat jew ikollha fondi proprji eliġibbli oħrajn soġġetti għal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 98 ta' dik id-Direttiva, għandu japplika l-Artikolu 226(2) ta' dik id-Direttiva.";

(107) l-Artikolu 330 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta jivvalutaw jekk ċerti fondi proprji li huma eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza msemmi fl-Artikoli 69, 72, 74, 76, 78, u 79 ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatata, impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatata ta' pajjiż terz, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, jistgħux ikunu effettivament disponibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw l-elementi kollha li ġejjin:

(a) jekk l-entrata ta' fondi proprji hijiex soġġetta għal rekwiżiti legali jew regolatorji li jirrestrinġu l-kapaċità ta' dik l-entrata li tassorbi t-tipi kollha ta' telf kull meta jinħolqu fil-grupp;

(b) jekk hemmx rekwiżiti legali jew regolatorji li jirrestrinġu t-trasferibbiltà tal-assi lil impriża oħra tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(c) jekk ikunx possibbli li dawk il-fondi proprji jsiru disponibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fi żmien massimu ta' 9 xhur.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw ir-restrizzjonijiet li jkunu jeżistu fuq bażi ta' negozju avvjat.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-entrati li ġejjin għandhom ikunu preżunti li mhumiex effettivament disponibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp:

(a) fondi proprji anċillari;

(b) ishma preferenzjali, kont mutwalist subordinat u obbligazzjonijiet subordinati;

(c) ammont ugwali għall-valur tal-assi netti tat-taxxa differita;

(d) entrati msemmija fl-Artikolu 222(2) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-ammont tal-assi tat-taxxa differita jista' jitnaqqas bl-ammont tal-obbligazzjoni assoċjata tat-taxxa differita, dment li dawk l-assi tat-taxxa differita u l-obbligazzjonijiet assoċjati tat-taxxa differita jirriżultaw it-tnejn li huma mil-liġi fiskali ta' Stat Membru jew pajjiż terz wieħed u li l-awtorità tat-tassazzjoni ta' dak l-Istat Membru jew il-pajjiż terz tippermetti li ssir tali tpaċija.

Meta l-impriża parteċipanti tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tas-superviżur tal-grupp li s-suppożizzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu għal waħda mill-entrati ma hijiex xierqa fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-grupp, l-impriża parteċipanti tista' tinkludi dik l-entrata fil-fondi proprji disponibbli biex tkopri r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. L-ammont ta' interess minoritarju f'sussidjarja li jaqbeż il-kontribuzzjoni ta' dik is-sussidjarja għas-solvenza tal-grupp kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punt (a), għandu jiġi kkalkolat billi l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġi mmultiplikat bil-fattur imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli totali tas-sussidjarja netti mid-dejn subordinat intragrupp u l-fondi proprji anċillari, u l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(i) il-kontribuzzjoni tal-impriża sussidjarja għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp imsemmi fil-paragrafu 6;

(ii) l-ammont totali ta' entrati ta' fondi proprji mhux disponibbli għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 4 mill-impriża sussidjarja, nett minn dejn subordinat intragrupp u fondi proprji anċillari;

(b) id-differenza bejn 1 u l-proporzjon tal-kapital sottoskritt li jinżamm, direttament jew indirettament, mill-impriża omm li tappartjeni għall-grupp li għalih tiġi kkalkolata s-solvenza tal-grupp.";

(e) fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-perċentwal imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ma għandux jaqbeż il-100 %.";

(108) l-Artikolu 331 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 331*

**Klassifikazzjoni tal-entrati ta' fondi proprji ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-livell tal-grupp";**

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta entrata ta' fondi proprji tkun ġiet ikklassifikata f'wieħed mit-tliet gradi abbażi tal-kriterji stabbiliti fit-Titolu I, il-Kapitolu IV, it-Taqsima 2 minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li hija inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, l-entrata ta' fondi proprji għandha tiġi kklassifikata fl-istess grad fil-livell tal-grupp, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) l-impriża kkonċernata tikkonforma mal-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-entrata ta' fondi proprji tkun ħielsa minn piżijiet, inkluż skont it-tifsira tal-Artikolu 222(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, u ma tkunx marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra li, meta tiġi kkunsidrata flimkien mal-entrata ta' fondi proprji, tista' twassal sabiex dik l-entrata ta' fondi proprji ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 ta' dik id-Direttiva fil-livell tal-grupp.";

(c) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) it-terminu "Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza" fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament għandu jfisser kemm ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża li tkun ħarġet l-entrata ta' fondi proprji kif ukoll ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp;";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Minkejja l-paragrafu 1, meta impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun inkludiet fil-Grad 2 entrata ta' fondi proprji li tikkwalifika biex tiġi inkluża fil-Grad 1 f'konformità mal-Artikolu 73(1), il-punt (j), dik il-klassifikazzjoni ma għandhiex tipprojbixxi l-klassifikazzjoni tal-istess entrata ta' fondi proprji fil-Grad 1 fil-livell tal-grupp, dment li jiġi osservat il-limitu stabbilit fl-Artikolu 82(3) fil-livell tal-grupp.";

(e) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Minkejja l-paragrafu 2, il-punt (a), għall-entrati ta' fondi proprji maħruġa minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni qabel ma din saret parti mill-grupp, it-terminu 'Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza' fl-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament għandu jinftiehem bħala li jirreferi biss għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' dik l-impriża relatata, meta l-impriża tkun ilha impriża relatata tal-grupp għal inqas minn sentejn finanzjarji u tkun inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss meta l-grupp ikun ilu soġġett għal superviżjoni tal-grupp għal mill-inqas tliet snin, u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti turi fil-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza li se tkun tista' tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp tagħha mingħajr tali entrati ta' fondi proprji, ladarba l-impriża relatata tkun ilha parti mill-grupp għal aktar minn sentejn finanzjarji.";

(109) l-Artikolu 332 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 332*

**Klassifikazzjoni tal-entrati ta' fondi proprji ta' impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-livell tal-grupp";**

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta entrata ta' fondi proprji tkun inħarġet minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, l-impriża parteċipanti għandha tikklassifika l-entrata ta' fondi proprji billi tuża l-kriterji għall-klassifikazzjoni stabbiliti fit-Titolu I, il-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) l-impriża kkonċernata tikkonforma mal-Artikoli 71, 73 u 77 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-entrata ta' fondi proprji tkun ħielsa minn piżijiet, inkluż skont it-tifsira tal-Artikolu 222(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, u ma tkunx marbuta ma' xi tranżazzjoni oħra li, meta tiġi kkunsidrata flimkien mal-entrata ta' fondi proprji, tista' twassal sabiex dik l-entrata ta' fondi proprji ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 ta' dik id-Direttiva fil-livell tal-grupp.";

(c) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-paragrafu 2, il-punt (a), ma għandux japplika għal entrati ta' fondi proprji maħruġa minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz qabel ma din tkun saret parti mill-grupp, meta dik l-impriża tkun ilha impriża relatata ta' dak il-grupp għal inqas minn sentejn finanzjarji u tkun inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss meta l-grupp ikun ilu soġġett għal superviżjoni tal-grupp għal mill-inqas tliet snin, u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti turi fil-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza li se tkun tista' tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp tagħha, mingħajr tali entrati ta' fondi proprji, ladarba l-impriża relatata tkun ilha parti mill-grupp għal aktar minn sentejn finanzjarji.";

(110) l-Artikolu 333 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) l-entrata ta’ fondi proprji tkun ħielsa minn piżijiet, inkluż skont it-tifsira tal-Artikolu 222(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, u ma tkunx marbuta ma’ xi tranżazzjoni oħra li, meta tiġi kkunsidrata flimkien mal-entrata ta’ fondi proprji, tista’ twassal sabiex dik l-entrata ta’ fondi proprji ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 ta’ dik id-Direttiva fil-livell tal-grupp.”;

(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. Il-paragrafu 2, il-punt (a) ma għandux japplika għal entrati ta’ fondi proprji maħruġa minn kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni intermedji, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta intermedji jew impriżi ta’ servizzi anċillari sussidjarji qabel ma jsiru parti mill-grupp, meta tali impriżi jkunu ilhom impriżi relatati tal-grupp għal inqas minn sentejn finanzjarji u jkunu inklużi fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss meta l-grupp ikun ilu soġġett għal superviżjoni tal-grupp għal mill-inqas tliet snin, u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti turi fil-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza li se tkun tista’ tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp tagħha mingħajr tali entrati ta’ fondi proprji, ladarba l-impriża relatata tkun ilha parti mill-grupp għal aktar minn sentejn finanzjarji.”;

(111) l-Artikolu 335 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 335*

**Determinazzjoni tad-data konsolidata”;**

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Id-data konsolidata għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp f’konformità mal-metodu 1 jew taħlita ta’ metodi kif imsemmija fl-Artikoli 230 u 233a tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, għandha tikkonsisti f’dawn kollha li ġejjin:

(a) konsolidazzjoni sħiħa tad-data tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiżi terzi, tal-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, tal-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, tal-kumpaniji azzjonarji tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiżi terzi u tal-impriżi tas-servizzi anċillari kollha li huma sussidjarji tal-impriża omm;

(b) konsolidazzjoni sħiħa tad-data tal-veikoli bi skop speċjali li lilhom l-impriża parteċipanti jew waħda jew diversi mis-sussidjarji tagħha jkunu ttrasferixxew ir-riskju u li mhumiex esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp skont l-Artikolu 329(3);

(c) konsolidazzjoni proporzjonali tad-data tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiżi terzi, tal-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, tal-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, tal-kumpaniji azzjonarji ta’ impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiżi terzi u tal-impriżi ta’ servizzi anċillari ġestiti minn impriża kif imsemmi fil-punt (a) jew mill-impriża parteċipanti tal-grupp li għaliha tiġi kkalkolata s-solvenza tal-grupp, flimkien ma’ impriża waħda jew aktar mhux inklużi fil-punt (a) u differenti mill-impriża parteċipanti, meta r-responsabbiltà ta’ dawk l-impriżi tkun limitata għas-sehem tal-kapital li jżommu u dawk l-impriżi għandhom drittijiet għall-assi u l-obbligi għall-obbligazzjonijiet, li jirrigwardjaw l-impriżi relatati;

(d) fuq il-bażi tal-metodu tal-ekwità aġġustata msemmi fl-Artikolu 13(3), id-data tal-parteċipazzjonijiet kollha f’impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatati, impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiżi terzi, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u kumpaniji azzjonarji ta’ impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiżi terzi, li mhumiex sussidjarji tal-impriża omm u li mhumiex koperti mill-punti (a) u (c);

(e) għall-finijiet uniċi tal-Artikolu 233a(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2009/138/KE, id-differenza bejn dawn li ġejjin:

(i) il-valur tal-parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati msemmija fl-Artikolu 220(3) ta' dik id-Direttiva li għalihom japplika l-metodu 2, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament;

(ii) is-sehem proporzjonali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' dawk l-impriżi relatati;

(f) f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, id-data tal-impriżi relatati kollha, inklużi l-impriżi tas-servizzi anċillari, l-impriżi tal-investiment kollettiv u l-investimenti aggregati bħala fondi, minbarra dawk imsemmija fil-punti minn (a) sa (e) ta' dan il-paragrafu.";

(c) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (e), ta' dan l-Artikolu, 'parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati' għandha tfisser is-sjieda, diretta jew permezz ta' kontroll, tal-fondi proprji eliġibbli ta' tali impriżi relatati.";

(112) l-Artikolu 336 huwa sostitwit b'dan li ġej

"*Artikolu 336*

**Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fil-livell tal-grupp ikkalkulat fuq il-bażi ta' data konsolidata**

Għall-finijiet tal-Artikolu 230(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 233a(1), il-punt (b)(i), tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fil-livell tal-grupp ikkalkolat fuq il-bażi ta' data konsolidata għandu jkun is-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkolat fuq il-bażi tad-data konsolidata msemmija fl-Artikolu 335(1), il-punti (a), (b), (c) u (e), id-data tal-impriżi ta' investiment kollettiv u l-investimenti aggregati bħala fondi li huma sussidjarji tal-impriża omm, skont ir-regoli stipulati fit-Titolu I, il-Kapitolu VI, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) is-sehem proporzjonali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ta' kull impriża msemmija fl-Artikolu 335(1), il-punt (d), ta' dan ir-Regolament;

(c) għall-impriżi msemmija fl-Artikolu 335(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament, għajr l-impriżi koperti mill-punti (a) u (d) ta' dan il-paragrafu, l-ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 13, l-Artikoli minn 168 sa 171d, l-Artikoli minn 182 sa 187 u l-Artikolu 188 ta' dan ir-Regolament;

(d) għall-impriżi ta' investiment kollettivi relatati jew l-investimenti aggregati bħala fondi msemmija fl-Artikolu 335(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament li mhumiex sussidjarji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti, u li għalihom jiġi applikat l-Artikolu 84(1) ta' dan ir-Regolament fuq livell individwali, l-ammont iddeterminat f'konformità mat-Titolu I, il-Kapitolu V u l-Artikolu 84(1) ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-Artikoli minn 168 sa 171d ma għandhomx japplikaw għall-parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati msemmija fl-Artikolu 220(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għandu jiġi kkalkolat għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni relatata ta' pajjiż terz li ma hijiex sussidjarja daqslikieku dik l-impriża kellha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Unjoni.";

(113) jiddaħħlu l-Artikoli 336a u 336b li ġejjin:

"*Artikolu 336a*

**Investimenti ta' ekwità fit-tul fil-livell tal-grupp**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 336, il-punt (a), l-ammont ta' ekwitajiet li huma ttrattati bħala investimenti ta' ekwità fit-tul ma għandux ikun ogħla mis-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) l-ammonti ta' ekwitajiet li huma kklassifikati bħala investimenti ta' ekwità fit-tul mill-impriżi msemmija fl-Artikolu 335(1), il-punt (a);

(b) is-sehem proporzjonali ta' ekwitajiet li huma kklassifikati bħala investimenti ta' ekwità fit-tul mill-impriżi msemmija fl-Artikolu 335(1), il-punt (c).

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta grupp ikun espost għal riskju ta' likwidità sinifikanti li ma jkunx kopert fil-livell ta' impriżi individwali tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, jew meta jkun hemm tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti li jistgħu jirriżultaw fil-kalkolu mhux adegwat tal-ewwel subparagrafu, is-superviżur tal-grupp jista' jirrikjedi li l-impriża parteċipanti għandha tikkalkula mill-ġdid, fuq il-bażi tad-data konsolidata msemmija fl-Artikolu 335, l-ammont ta' ekwitajiet li jistgħu jiġu ttrattati bħala investimenti ta' ekwità fit-tul fil-livell tal-grupp għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, minflok ma tassumi li l-ekwitajiet li huma kklassifikati bħala investimenti ta' ekwità fit-tul minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu awtomatikament jikkwalifikaw bħala investimenti ta' ekwità fit-tul fil-livell tal-grupp.

*Artikolu 336b*

**Kalkolu simplifikat għall-parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati immaterjali**

1. Il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati immaterjali msemmija fl-Artikolu 229a tad-Direttiva 2009/138/KE, għajr l-impriżi msemmija fl-Artikolu 228 ta' dik id-Direttiva.

2. B'deroga mill-Artikolu 335(1), meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti tiħalla tapplika approċċ simplifikat għall-parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati li huma immaterjali, tali impriżi relatati għandhom jiġu inklużi fid-data konsolidata f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

3. B'deroga mill-Artikolu 336, meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti tiħalla tapplika approċċ simplifikat għall-parteċipazzjonijiet f'impriżi relatati li huma immaterjali, tali impriżi ma għandhomx jiġu inklużi fil-punti minn (a) sa (e) ta' dak l-Artikolu.

Meta l-impriża relatata immaterjali tkun impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, l-approċċ simplifikat għandu jikkonsisti fiż-żieda mas-somma msemmija fl-Artikolu 336 tal-massimu ta' dawn li ġejjin:

(a) l-ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 13, mal-Artikoli minn 168 sa 171d, mal-Artikoli minn 182 sa 187 u mal-Artikolu 188 ta' dan ir-Regolament;

(b) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża relatata.

Meta l-impriża relatata immaterjali tkun impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, l-approċċ simplifikat għandu jikkonsisti fiż-żieda mas-somma msemmija fl-Artikolu 336 tal-massimu ta' dawn li ġejjin:

(a) l-ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 13, mal-Artikoli minn 168 sa 171d, mal-Artikoli minn 182 sa 187 u mal-Artikolu 188 ta' dan ir-Regolament;

(b) ir-rekwiżit kapitali, kif stipulat fil-pajjiż terz ikkonċernat.

Għal impriżi relatati immaterjali għajr dawk imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi, l-approċċ simplifikat għandu jikkonsisti fiż-żieda mas-somma msemmija fl-Artikolu 336 tal-ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 13, mal-Artikoli minn 168 sa 171d, mal-Artikoli minn 182 sa 187 u mal-Artikolu 188.";

(114) jitħassar l-Artikolu 341;

(115) fl-Artikolu 343(5), il-punt (a)(iii), jiżdied it-test li ġej:

", u l-applikazzjoni għandha tiddeskrivi t-tekniki użati għall-integrazzjoni tal-impriżi b'mod ġenerali, li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell, u turi l-adegwatezza ta' dawk it-tekniki kif meħtieġ mill-Artikolu 239(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż f'każijiet meta t-tekniki stabbiliti fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament jiġu applikati għall-impriżi kollha kemm huma u mhux għal riskji speċifiċi. Meta jkun maħsub li tiġi applikata t-teknika ta' integrazzjoni 1 imsemmija fit-Taqsima B tal-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament għal waħda jew aktar mill-impriżi li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern parzjali, l-applikazzjoni għandha tispjega wkoll għaliex dik it-teknika ta' integrazzjoni tkun aktar xierqa mill-applikazzjoni ta' taħlita tal-metodi 1 u 2 stabbiliti fl-Artikolu 233a tad-Direttiva 2009/138/KE, meta l-metodu 2 jiġi applikat għal tali impriżi;";

(116) l-Artikolu 359 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 290, l-Artikolu 291 u l-Artikoli minn 293 sa 298 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti huma mitluba jiddivulgaw pubblikament. Barra minn hekk, ir-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja:";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fir-rigward tas-sistema ta' governanza tal-grupp, informazzjoni dwar kwalunkwe arranġament materjali ta' esternalizzazzjoni intragrupp;";

(c) fil-punt (e), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar kwalunkwe restrizzjoni sinifikanti għall-funġibilità u t-trasferibbiltà tal-fondi proprji eliġibbli biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp, inkluża l-kwantifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 308b(17), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE;";

(117) fl-Artikolu 360, jitħassar il-paragrafu 3;

(118) jitħassar l-Artikolu 362;

(119) fl-Artikolu 363, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għal divulgazzjoni immedjata stabbiliti fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja tal-grupp għandha tiġi identifikata b'mod ċar, u għandha tindika d-data tal-aġġornament. Din għandha tiġi divulgata mill-aktar fis possibbli wara l-iżvilupp ewlieni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u għandha tissostitwixxi l-verżjoni divulgata qabel.";

(120) jitħassar l-Artikolu 364;

(121) fl-Artikolu 365, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-informazzjoni fil-livell tal-grupp għandha ssegwi l-istruttura stabbilita fl-Anness XX, it-Taqsima A.2. L-informazzjoni għal kwalunkwe sussidjarja koperta minn dak ir-rapport għandu jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/138/KE u għandha ssegwi l-istruttura stabbilita fl-Anness XX, it-Taqsima A. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, meta jipprovdu kwalunkwe parti mill-informazzjoni li għandha tiġi divulgata għal sussidjarja koperta għajr l-informazzjoni inkluża fil-parti mmirata lejn id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji, li jirreferu għall-informazzjoni korrispondenti divulgata fil-livell tal-grupp, dment li tali informazzjoni tkun ekwivalenti kemm fin-natura kif ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni għall-informazzjoni li kieku tiġi pprovduta fil-livell tas-sussidjarja.";

(122) l-Artikolu 366 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, "konsulenza" hija sostitwita b'"konsultazzjoni";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta kwalunkwe waħda mis-sussidjarji koperti mir-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru li l-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tiegħu jkunu differenti mil-lingwa jew il-lingwi li bihom dak ir-rapport jiġi ddivulgat f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, l-awtorità superviżorja kkonċernata tista', wara li tkun ikkonsultat mas-superviżur tal-grupp u mal-grupp innifsu, titlob lill-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, lill-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew lill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti tinkludi f'dak ir-rapport traduzzjoni tal-informazzjoni relatata ma' dik is-sussidjarja f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru. L-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti għandha tiddivulga traduzzjoni tal-informazzjoni minn dak ir-rapport relatata ma' dik is-sussidjarja, sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni mill-awtorità superviżorja kkonċernata.";

(123) jitħassar l-Artikolu 368;

(124) fl-Artikolu 369, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għal divulgazzjoni immedjata stabbiliti fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, kwalunkwe verżjoni aġġornata tar-rapport uniku dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja għandha tiġi identifikata b'mod ċar bħala tali, u għandha tindika d-data tal-aġġornament. Din għandha tiġi divulgata mill-aktar fis possibbli wara l-iżvilupp ewlieni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha tissostitwixxi l-verżjoni divulgata qabel.";

(125) jitħassar l-Artikolu 371;

(126) l-Artikolu 372 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 372*

**Elementi u kontenut**

1. L-Artikoli minn 304 sa 311 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-informazzjoni li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti għandhom jippreżentaw lis-superviżur tal-grupp. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kollha fil-grupp ikunu eżentati minn obbligi ta' rapportar trimestrali skont l-Artikolu 35a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp għandu jinkludi mudelli kwantitattivi annwali biss. L-obbligi ta' rapportar annwali ma għandhomx jinkludu rapportar abbażi ta' entrata entrata meta l-impriżi kollha fil-grupp ikunu eżentati minn tali rapportar abbażi ta' entrata entrata f'konformità mal-Artikolu 35a(2) ta' dik id-Direttiva.

2. Ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp għandu jkun fih l-informazzjoni addizzjonali kollha li ġejja:

(a) rigward in-negozju u l-prestazzjoni tal-grupp:

(i) deskrizzjoni tal-attivitajiet u s-sorsi ta' profitti jew telf għal kull impriża materjali relatata msemmija fl-Artikolu 256a tad-Direttiva 2009/138/KE u għal kull fergħa sinifikanti msemmija fl-Artikolu 354(1) ta' dan ir-Regolament;

(ii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mal-grupp, l-ammont ta' tali tranżazzjonijiet matul il-perjodu tar-rapportar, u l-bilanċi pendenti fi tmiem il-perjodu tar-rapportar;

(b) rigward is-sistema ta' governanza tal-grupp:

(i) deskrizzjoni ta' kif is-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju u ta' kontroll interni u l-proċeduri ta' rapportar jiġu implimentati b'mod konsistenti mill-impriżi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżjoni tal-grupp, kif meħtieġ mill-Artikolu 246 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(ii) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-riskji speċifiċi materjali fil-livell tal-grupp li mhumiex koperti mill-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-Grupp u li ma kinux diġà koperti mir-rapport superviżorju ORSA

(iii) informazzjoni dwar kwalunkwe arranġament materjali ta' esternalizzazzjoni intragrupp;

(c) rigward il-ġestjoni kapitali tal-grupp:

(i) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-fondi proprji, f'format li jippermetti l-valutazzjoni tad-disponibbiltà tal-fondi proprji fil-livell tal-grupp, għal kwalunkwe waħda mill-impriżi relatati li ġejjin, sa fejn l-impriża tkun inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp:

(1) kull impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fi ħdan il-grupp;

(2) kull kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni intermedja, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta intermedja, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta u impriża ta' servizzi anċillari fi ħdan il-grupp, f'liema każ ir-rekwiżiti kapitali tas-solvenza nozzjonali għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 226(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(3) kull impriża relatata li hija istituzzjoni ta' kreditu, ditta ta' investiment, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija maniġerjali tal-UCITS, maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv, jew istituzzjoni għall-provvedimenti ta' rtirar okkupazzjonali;

(4) kull impriża relatata li hija impriża mhux regolata li twettaq attivitajiet finanzjarji, f'liema każ għandu jiġi kkalkolat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali;

(5) kull impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz relatata;

(6) kwalunkwe impriża relatata oħra;

(ii) deskrizzjoni ta' veikoli bi skop speċjali fi ħdan il-grupp li jikkonformaw mal-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iii) deskrizzjoni ta' veikoli bi skop speċjali fi ħdan il-grupp, li huma regolati minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, flimkien ma' deskrizzjoni tal-verifika mwettqa mill-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, mill-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti, li tivvaluta jekk ir-rekwiżiti li għalihom huma soġġetti dawn il-veikoli bi skop speċjali fil-pajjiż terz humiex ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iv) deskrizzjoni ta' kull entità bi skop speċjali fi ħdan il-grupp għajr dawk imsemmija fil-punti (iii) u (vii) flimkien ma' informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar ir-rekwiżit ta' solvenza u l-fondi proprji ta' dawk l-entitajiet, meta din tkun inkluża fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp;

(v) meta rilevanti, għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kollha relatati li huma inklużi fil-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar kif dawk l-impriżi jikkonformaw mal-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(vi) meta rilevanti, informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-entrati ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 222(3) tad-Direttiva 2009/138/KE li ma jistgħux isiru disponibbli b'mod effettiv biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta parteċipanti li għalihom tiġi kkalkolata s-solvenza tal-grupp, inkluża deskrizzjoni ta' kif sar l-aġġustament għall-fondi proprji tal-grupp;

(vii) meta rilevanti, informazzjoni kwalitattiva dwar ir-raġunijiet għall-klassifikazzjoni tal-entrati ta' fondi proprji msemmija fl-Artikoli 332 u 333 ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-punt (c)(i)(5), għal impriżi li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab f'pajjiż terz li r-reġim ta' solvenza tiegħu jitqies ekwivalenti skont l-Artikolu 227 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta jintuża l-metodu 2 skont it-tifsira tal-Artikolu 233 ta' dik id-Direttiva, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u l-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw dak ir-rekwiżit kif stabbilit mill-pajjiż terz ikkonċernat għandhom jiġu identifikati separatament.";

(127) jiddaħħal l-Artikolu 372a li ġej:

"*Artikolu 372a*

**Rapport Superviżorju Regolari Uniku: Struttura u kontenut**

1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jipprovdu rapport superviżorju regolari uniku, għandha tapplika din it-Taqsima.

2. Ir-rapport superviżorju regolari uniku għandu jippreżenta separatament l-informazzjoni li għandha tiġi rapportata fil-livell tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 372, u l-informazzjoni li għandha tiġi rapportata f'konformità mal-Artikoli 307 sa 312 għal kull sussidjarja koperta minn dak ir-rapport.

3. L-informazzjoni fil-livell tal-grupp u l-informazzjoni għal kwalunkwe sussidjarja koperta mir-rapport superviżorju regolari uniku għandhom isegwu l-istruttura stabbilita fl-Anness XX, it-Taqsima B. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti jistgħu jiddeċiedu, meta jipprovdu kwalunkwe parti mill-informazzjoni li għandha tiġi rapportata għal sussidjarja koperta, li jirreferu għal informazzjoni fil-livell tal-grupp, meta dik l-informazzjoni tkun ekwivalenti kemm fin-natura kif ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni.";

(128) l-Artikoli 373 u 374 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 373*

**Informazzjoni dwar il-bidliet materjali**

L-Artikolu 312 ta' dan ir-Regolament għandu japplika b'rabta mar-rapport superviżorju regolari tal-grupp jew mar-rapport superviżorju regolari uniku.

*Artikolu 374*

**Lingwi**

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta parteċipanti għandhom jirrapportaw ir-rapport superviżorju regolari tal-grupp tagħhom bil-lingwa jew il-lingwi ddeterminati mis-superviżur tal-grupp.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta jkun hemm kulleġġ ta' superviżuri u meta s-superviżur tal-grupp ikollu l-ħsieb li jitlob ir-rapportar superviżorju regolari tal-grupp b'diversi lingwi wara li jkun ikkonsulta mal-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn u mal-grupp innifsu, il-lingwi li għandhom jintużaw għandhom jinkludu mill-inqas lingwa waħda li tinftiehem b'mod komuni mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati, kif miftiehem fil-kulleġġ tas-superviżuri.

